



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0210/2013**

7.6.2013

**\*\*\*I**

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (COM(2012)0380 – C7-0186/2012 – 2012/0184(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Werner Kuhn

### ***Simboli għall-proċeduri***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz tal-att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat ***b' tipa grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali – pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f' dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b' tipa **grassa**. It tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	72
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA.....	75
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR .....	94
PROCĊEDURA.....	140



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlars tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE  
(COM(2012)0380 – C7-0186/2012 – 2012/0184(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0380),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0186/2012),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni motivati ppreżentati, fi ħdan il-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, mis-Senat Franċiż, mill-Kamra tad-Deputati tal-Pajjiżi l-Baxxi, is-Senat tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-Parlament Svediż u l-Kamra tad-Deputati Ċiprijotta, li jiddikjaraw li l-abbozz ta' leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012<sup>1</sup>,
  - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumaturi (A7-0210/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU C 44, 15.2.2013, p. 128.

**Emenda 1**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn sistema usa' li tiżgura li l-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u ambjentali aċċettabli matul l-użu tagħhom. Din is-sistema għandha tkopri testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għall-vetturi kollha u l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għall-vetturi użati għal attivitajiet kummerċjali tat-trasport bit-triq kif ukoll dispożizzjonijiet dwar proċedura għar-reġistrazzjoni tal-vetturi **biex ikun żgurat li** vetturi li huma ta' riskju immedjat għas-sikurezza stradali **ma jintużawx fit-toroq.**

*Emenda*

(3) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn sistema usa' li tiżgura li l-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u ambjentali aċċettabli matul l-użu tagħhom. Din is-sistema għandha tkopri testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għall-vetturi kollha u l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għall-vetturi użati għal attivitajiet kummerċjali tat-trasport bit-triq kif ukoll dispożizzjonijiet dwar proċedura għar-reġistrazzjoni tal-vetturi. **L-ittestjar perjodiku għandu jkun l-għodda ewlenija biex tiġi żgurata l-affidabilità stradali. L-ispezzjonijiet waqt it-traġitt tal-vetturi kummerċjali għandhom ikunu kumplementari biss għat-testijiet perjodiċi u għandu jkollhom fil-mira** vetturi li huma ta' riskju immedjat għas-sikurezza stradali.

**Emenda 2**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 3a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(3a) Il-vetturi kollha użati fit-toroq pubbliċi, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali, jeħtieġ li jkun ta' jba biex ikunu fit-triq f'kull mument li jintużaw.**

*Emenda*

*Ġustifikazzjoni*

*L-ispezzjonijiet tekniċi perjodiċi huma parti minn reġim usa' ta' affidabilità stradali fejn l-ewwel rekwiżit hu li s-sidien tal-vetturi jiżguraw li l-vettura tagħhom tkun affidabbli fit-toroq f'kull mument li tintuża.*

**Emenda 3**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 3b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(3b) L-infurzar tal-miżuri ta' affidabilità stradali għandhom jinkludu kampanji ta' sensibilizzazzjoni li jiffokaw fuq is-sidien tal-vetturi u bil-għan li jiġu żviluppati Prattiki u drawwiet li jirriżultaw mill-kontrolli bażiċi fuq il-vettura tagħhom.**

*Ġustifikazzjoni*

*L-edukazzjoni għas-sidien tal-vetturi fir-rigward tal-kontrolli bażiċi, bħall-kontroll tat-tajers, hija parti importanti mir-reġim ta' affidabilità stradali li għandha tiġi enfazzzata.*

**Emenda 4**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(4) Fl-Unjoni ġew adottati għadd ta' standards u rekwiżiti tekniċi dwar is-sikurezza tal-vetturi. Madankollu, huwa meħtieġ li jkun żgurat, permezz ta' sistema ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, li wara li jitqiegħdu fis-suq, il-vetturi jkomplu jissodisfaw l-istandards ta' sikurezza matul il-ħajja tagħhom. ***Din is-sistema għandha tapplika*** għall-kategoriji tal-vetturi kif definiti fid-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE, ***id-Direttiva 2007/46/KE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi u d-

(4) Fl-Unjoni ġew adottati għadd ta' standards u rekwiżiti tekniċi dwar is-sikurezza tal-vetturi. Madankollu, huwa meħtieġ li jkun żgurat, permezz ta' sistema ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, li wara li jitqiegħdu fis-suq, il-vetturi jkomplu jissodisfaw l-istandards ta' sikurezza matul il-ħajja tagħhom. ***L-Istati Membri jistgħu jintroduċu rekwiżiti nazzjonali li jikkonċernaw it-testijiet tal-affidabilità stradali*** għall-kategoriji tal-vetturi kif definiti fid-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE; ***dik is-sistema għandha tapplika għall-kategoriji tal-vetturi kif definiti fid-Direttiva 2007/46/KE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-

Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru tas-26 ta' Mejju, 2003, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jinġibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tiegħu, il-komponenti u l-unitajiet separati tekniċi u li d-Direttiva 75/140/KEE.

mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi u d-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru tas-26 ta' Mejju, 2003, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jinġibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tiegħu, il-komponenti u l-unitajiet separati tekniċi u li *tħassar id-Direttiva 75/140/KEE.*

**Emenda 5**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 5a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(5a) L-iżvelar bikri ta' nuqqas fl-affidabilità stradali ta' vettura bil-mutur jgħin biex dak in-nuqqas jiġi rimedjat u b'hekk jiġu evitati l-inċidenti, u l-ispejjeż relatati ma' inċidenti li jiġu ffrankati għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw parzjalment l-istabbiliment ta' skema ta' bonus.***

**Emenda 6**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(6) Frazzjoni kbira tal-emissjonijiet totali tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, ġejja minn minorità ta' vetturi b'sistemi tal-kontroll tal-emissjoni li ma jaħdmux sew. Huwa stmat li 5 % tal-flotta tal-vetturi tikkawża 25 % tal-emissjonijiet kollha ta' sustanzi li jniġġsu. Għalhekk, sistema perjodika tal-ittestjar tal-affidabilità stradali tikkontribwixxi wkoll għal tiġib fl-ambjent permezz ta' tnaqqis tal-emissjonijiet medji

(6) Frazzjoni kbira tal-emissjonijiet totali tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, ġejja minn minorità ta' vetturi b'sistemi tal-kontroll tal-emissjoni li ma jaħdmux sew. Huwa stmat li 5 % tal-flotta tal-vetturi tikkawża 25 % tal-emissjonijiet kollha ta' sustanzi li jniġġsu. ***Dan japplika wkoll għal żieda fl-emissjonijiet partikolari u tan-NO<sub>x</sub> minn magni b'disinn modern li jirrikjedi test iktar komprensivi tal-emissjonijiet, inkluż***



tal-vetturi.

*kontroll, permezz ta' apparat elettroniku ta' kontroll, tal-integrità u l-funzjonalità tas-sistema dijanjostika abbord (is-sistema OBD) proprja tal-vettura, ivverifikat bl-ittestjar eżistenti tal-pajp tal-egżost biex ikun żgurat test komplut tas-sistema ta' emissjonijiet, peress li l-ittestjar b'referenza għall-OBD waħidha mhix affidabbli. Għalhekk, sistema perjodika tal-ittestjar tal-affidabilità stradali tikkontribwixxi wkoll għal titjib fl-ambjent permezz ta' tnaqqis tal-emissjonijiet medji tal-vetturi.*

**Emenda 7**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7) Riżultati sodi tal-investigazzjonijiet juru li 8 % tal-inċidenti li jinvolvu l-muturi huma kkawżati jew marbuta ma' difetti tekniċi. In-nies li jirkbu l-muturi huma l-grupp ta' utenti stradali bl-ogħla riskju għas-sikurezza, b'xejra li qed tiżdied fl-għadd ta' fatalitajiet. Ix-xufiera tar-roti b'mutur b'forza inqas minn 50cc ('moped') huma rrappreżentati b'mod sproporzjonat fl-għadd ta' fatalitajiet, b'aktar minn 1,400 xufier maqtul fit-toroq fl-2008. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-vetturi li għandhom jiġu ttestjati għandu jiġi estiż għall-grupp ta' utenti stradali bl-ogħla riskju, il-vetturi b'żewġ jew tliet roti bil-mutur.*

*imħassar*

*Ġustifikazzjoni*

*Skont il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, l-Istati Membri għandhom jitħallew jiddeċiedu jekk ir-rekwiżiti tat-testijiet tal-affidabilità stradali għandhomx ikopru wkoll il-vetturi bil-mutur b'żewġ u tliet roti.*

**Emenda 8**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Il-vetturi agrikoli b'veloċità massima skont id-disinn oġġla minn 40 km/sieġha qed jintużaw *dejjem aktar* minflok it-trakkijiet *f'attivitajiet tat-trasport lokali*. *Il-potenzjal ta' riskju tagħhom huwa komparabbli ma' dak tat-trakkijiet u għalhekk din il-kategorija ta' vetturi għandha tiġi trattata* bl-istess mod bħat-trakkijiet fir-rigward tal-ittejtjar tal-affidabilità stradali.

*Emenda*

(8) Il-vetturi agrikoli b'veloċità massima skont id-disinn oġġla minn 40 km/sieġha *f'xi każijiet* qed jintużaw minflok it-trakkijiet *għal skopijiet ta' trasport kummerċjali tal-merkanzija*. *Hu importanti li jkun żgurat, li meta l-vetturi agrikoli jintużaw b'dan il-mod, dawn jiġu trattati* bl-istess mod bħat-trakkijiet fir-rigward tal-ittejtjar tal-affidabilità stradali.

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kliem propost tal-Kummissjoni jinkludi l-maġġoranza vasta tat-tratturi, anke dawk li rari jivvjaġġaw fit-toroq pubbliċi, u jwassal għal konsegwenzi sinifikanti għall-industrija tal-biedja u l-komunitajiet rurali fl-Ewropa kollha.*

**Emenda 9**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) *Suppost li l-vetturi* ta' interess storiku jikkonservaw il-wirt tal-epoka li nbnew fiha *u huma meqjusa bħala li f'it li xejn jintużaw fit-toroq pubbliċi u għalhekk* għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk jestendux il-perjodu tal-ittejtjar perjodiku tal-affidabilità stradali għal vetturi bħal dawn. Għandu jitħalla wkoll f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-ittejtjar tal-affidabilità stradali ta' tipi oħra ta' vetturi speċjalizzati.

*Emenda*

(9) *Il-vetturi* ta' interess storiku jikkonservaw il-wirt tal-epoka li nbnew fiha, *jinżammu f'kundizzjoni storikament korretta u rament jintużaw bħala vetturi ta' kuljum*. Għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk jestendux il-perjodu tal-ittejtjar perjodiku tal-affidabilità stradali għal vetturi bħal dawn *jew inkella biex jirregolaw is-sistema għall-ittejtjar tal-affidabilità stradali tagħhom*. Għandu jitħalla wkoll f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-ittejtjar tal-affidabilità stradali ta' tipi oħra ta' vetturi speċjalizzati.

*Ġustifikazzjoni*

*Din tirrelata mal-Emendi 15, 16 u 17.*

**Emenda 10**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-ittestjar tal-affidabilità stradali *hija* attività sovrana u **għalhekk, għandha ssir mill-Istati Membri** jew minn **korpi fdati** b'dan il-kompitu taħt is-superviżjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom **jibqgħu responsabbli għall-ittestjar tal-affidabilità stradali fil-każijiet kollha anke meta s-sistema nazzjonali tippermetti l-awtorizzazzjoni ta' korpi privati, inklużi dawk involuti fit-twettiq tat-tiswija.**

*Emenda*

(10) L-ittestjar tal-affidabilità stradali *huwa* attività sovrana u **għaldaqstant għandu jsir mill-Istat Membru kkonċernat**, jew minn **korpi pubbliki fdat** b'dan il-kompitu **mill-Istat jew minn korpi jew stabbilimenti maħtura u direttament issorveljati mill-Istat, inklużi korpi privati awtorizzati kif dovut. B'mod partikolari, meta l-istabbilimenti maħtura bħala ċentri tal-ittestjar tal-vetturi jagħmlu wkoll tiswijiet tal-vetturi bil-mutur**, l-Istati Membri għandhom **jagħmlu kull sforz biex jiżguraw l-oġġettività u l-kwalità għolja tal-ittestjar tal-vetturi.**

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-kliem qed jittieħed mill-Artikolu 2 tad-Direttiva attwali 2009/40/KE u l-għan hu li jitkompla jkun żgurat li hemm forom differenti ta' funzjonament għall-ittestjar tal-affidabilità stradali.*

**Emenda 11**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 10a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(10a) Bil-għan li jkun hemm applikazzjoni aħjar tal-prinċipju ta' moviment liberu fl-Unjoni, iċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali maħruġ fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni oriġinali għandu jkun rikonoxxut b'mod reċiproku fost l-Istati Membri għall-fini ta' reġistrazzjoni mill-ġdid.**

*Emenda*

*Ġustifikazzjoni*

*Bħala l-ewwel pass lejn is-suq intern tal-PTI, qed jiġi propost li l-Istati Membri jirrikonoxxu*

*b'mod reċiproku ċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali fil-każ ta' reġistrazzjoni mill-ġdid transkonfinali. Din l-emenda hija marbuta mal-Emenda 26.*

**Emenda 12**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 10b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(10b) Meta jkun hemm evidenza li l-armonizzazzjoni tal-ittestjar tal-affidabbiltà stradali tkun intlaħqet bi grad suffiċjenti, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku sħiħ taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali fl-Unjoni.***

*Ġustifikazzjoni*

*Għandhom jiġu esplorati possibbiltajiet għal aktar żvilupp tas-suq intern tal-PTI, fejn id-detenturi ta' vetturi rreġistrati fi Stat Membru jistgħu jagħmlu l-ittestjar tal-affidabbiltà stradali fi Stat Membru ieħor. Dan jippermetti li ma jkunx hemm vjaġġi bla bżonn lura fl-Istati Membri ta' reġistrazzjoni għal vetturi kummerċjali użati fit-trasport internazzjonali.*

**Emenda 13**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(11) Għall-ispezzjoni tal-vetturi u speċjalment għall-komponenti ta' sikurezza elettroniċi tagħhom huwa kruċjali li jkun hemm aċċess għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kull vettura individwali. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi m'għandhomx jipprovdu biss is-sett komplet ta' dejta kif kopert miċ-ċertifikat ta' konformità (CoC - 'certificate of conformity') iżda għandhom jipprovdu wkoll l-aċċess għad-dejta meħtieġa għall-verifika tal-funzjonalità ***tal-komponenti*** relatati mas-sikurezza u mal-ambjent. ***Id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni għandhom jiġu applikati***

(11) Għall-ispezzjoni tal-vetturi u speċjalment għall-komponenti ta' sikurezza elettroniċi tagħhom huwa kruċjali li jkun hemm aċċess għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kull vettura individwali. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi m'għandhomx jipprovdu biss is-sett komplet ta' dejta kif kopert miċ-ċertifikat ta' konformità (CoC - 'certificate of conformity') iżda għandhom jipprovdu wkoll l-aċċess għad-dejta meħtieġa għall-verifika tal-funzjonalità ***tas-sistemi*** relatati mas-sikurezza u mal-ambjent. ***Id-dejta għandha tinkludi d-dettalji li jippermettu li l-funzjonalità tas-sistemi ta' sikurezza tal-vettura tkun immonitorjata b'mod li***

*b'mod simili għal dan il-fini, u jippermettu li ċ-ċentri ta' spezzjoni jkollhom aċċess għal dawg l-elementi ta' informazzjoni meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabilità stradali. Dan huwa ta' importanza kruċjali fil-qasam ta' sistemi kkontrollati elettronikament u għandu jkopri l-elementi kollha li ġew installati mill-manifattur.*

**Emenda 14**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Biex jintlaħaq livell għoli ta' kwalità fl-ittestjar mal-Unjoni kollha, *it-tagħmir* għall-ittestjar użat waqt l-ittestjar, kif ukoll il-manutenzjoni u l-kalibrazzjoni tiegħu għandhom ikunu speċifikati *fuq il-livell* tal-Unjoni.

**Emenda 15**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Meta jkunu qed iwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali, l-ispetturi għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u għandu jkun evitat kull kunflitt ta' interess. *Għalhekk, ir-riżultat tat-testijiet tal-affidabilità stradali ma għandux ikun marbut mas-salarju jew ma' xi benefiċċju ekonomiku jew personali.*

*dawn ikunu jistgħu jiġu ttestjati f'ambjent ta' spezzjoni teknika perjodika, b'tali mod li tiġi stabbilita rata prevedibbli ta' vetturi li jgħaddu jew ma jgħaddux mit-test.*

*Emenda*

(12) Biex jintlaħaq livell għoli ta' kwalità fl-ittestjar mal-Unjoni kollha *tat-tagħmir* għall-ittestjar użat waqt l-ittestjar, il-manutenzjoni u l-kalibrazzjoni tiegħu għandhom ikunu speċifikati *fil-livell* tal-Unjoni. *Għandhom jinħolqu inċentivi għal innovazzjonijiet fl-oqsma tas-sistemi, il-proċeduri u t-tagħmir għall-ittestjar, biex b'hekk ikun jista' jinkiseb aktar tnaqqis tal-ispejjeż u titjib fl-użu.*

*Emenda*

(13) Meta jkunu qed iwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali, l-ispetturi għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u għandu jkun evitat kull kunflitt ta' interess. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjonijiet jitwettqu kif suppost u għandhom jagħtu attenzjoni partikolari fir-rigward tal-oġġettività tagħhom.*

**Emenda 16**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 13a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(13a) Il-kwalità u l-imparzjalità ta' ċentri tal-ittejtjar tal-vetturi huma kruċjali biex jintlaħaq l-oġettiv ta' sikurezza stradali ikbar. Għalhekk, iċ-ċentri tal-ittejtjar li jwettqu testijiet tal-affidabilità stradali għandhom, pereżempju, jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi fir-rigward tal-ISO 17020 dwar kriterji ġenerali għat-tħaddim ta' tipi varji ta' korpi li jwettqu l-ispezzjoni.*

**Emenda 17**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(14) Ir-riżultati ta' test ma għandhomx jiġu mibdula għal finijiet kummerċjali. Il-korp superviżorju għandu jkun jista' jimmodifika r-riżultati ta' test tal-affidabilità stradali biss jekk ikun ċar li s-sejbiet tat-test tal-affidabilità stradali mwettaq minn spettur ma jkunux korretti.

(14) Ir-riżultati ta' test ma għandhomx jiġu mibdula għal finijiet kummerċjali. Il-korp superviżorju għandu jkun jista' jimmodifika r-riżultati ta' test tal-affidabilità stradali **u jimponi l-pieni xierqa fuq il-korp li jkun ħareġ iċ-ċertifikat** biss jekk ikun ċar li s-sejbiet tat-test tal-affidabilità stradali mwettaq minn spettur ma jkunux korretti.

**Emenda 18**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(15) Standards għoljin tal-ittejtjar tal-affidabilità stradali jeħtieġu livell għoli ta' ħiliet u kompetenzi tal-persunal tal-ittejtjar. Għandha tiġi introdotta sistema tat-taħriġ inkluż taħriġ inizjali u taħriġ ta' aġġornament perjodiku. Għandu jkun definit perjodu tranżitorju biex jippermetti

(15) Standards għoljin tal-ittejtjar tal-affidabilità stradali jeħtieġu livell għoli ta' ħiliet u kompetenzi tal-persunal tal-ittejtjar. Għandha tiġi introdotta sistema tat-taħriġ inkluż taħriġ inizjali u taħriġ ta' aġġornament perjodiku. Għandu jkun definit perjodu tranżitorju biex jippermetti

t-traniżizzjoni bla tfixkil tal-persunal tal-ittestjar eżistenti f' sistema ta' taħriġ perjodiku.

t-traniżizzjoni bla tfixkil tal-persunal tal-ittestjar eżistenti f' sistema ta' taħriġ perjodiku. ***L-Istati Membri li diġà japplikaw rekwiżiti ta' taħriġ, kompetenza u ttestjar aktar stretti mir-rekwiżiti minimi għandhom jitħallew iżommu l-istandards għoljin tagħhom.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw rekwiżiti aktar stretti mill-istandard minimu għall-eżaminaturi li joperaw fit-territorju tagħhom.*

### **Emenda 19** **Proposta għal regolament** **Premessa 17**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Il-frekwenza tat-testijiet għandha tiġi adattata skont it-tip ta' vettura ***u l-kilometraġġ tagħha.*** Huwa aktar probabbli li l-vetturi jippreżentaw nuqqasijiet tekniċi meta jilhq u ċertu età, ***u b' mod partikolari meta jkunu użati b' mod intensiv, wara ċertu kilometraġġ.*** Għalhekk, huwa xieraq li ***l-frekwenza tal-ittestjar tiżdied għal vetturi*** aktar qodma ***u għal vetturi b' kilometraġġ għoli.***

### **Emenda 20** **Proposta għal regolament** **Premessa 19**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom ikopru l-elementi kollha rilevanti għad-diżinn, il-kostruzzjoni u t-tagħmir speċifiku tal-vettura ttestjata. Fi ħdan dawn l-elementi u b' qies tal-istat attwali tat-teknoloġija tal-vetturi, is-sistemi elettroniċi moderni għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-elementi ttestjati. Sabiex tinkiseb armonizzazzjoni fl-ittestjar tal-affidabilità stradali, għandhom jiġu

#### *Emenda*

(17) Il-frekwenza tat-testijiet għandha tiġi adattata skont it-tip ta' vettura. Huwa aktar probabbli li l-vetturi jippreżentaw nuqqasijiet tekniċi meta jilhq u ċertu età. Għalhekk, huwa xieraq li ***l-vetturi*** aktar qodma ***jiġu ttestjati b' iktar frekwenza.***

#### *Emenda*

(19) It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom ikopru l-elementi kollha rilevanti għad-diżinn, il-kostruzzjoni u t-tagħmir speċifiku tal-vettura ttestjata. ***Dawk l-elementi għandhom jiġu aġġornati biex iqisu r-riċerka li qed tevolve u l-progress tekniku rigward is-sikurezza tal-vetturi. Ir-roti taħt il-livell standard li jitwāhlu fuq fusijiet mhux standard, għandhom jiġu trattati bħala***

pprovduti metodi ta' ttestjar għal kull wieħed mill-elementi tat-test.

***element ta' sikurezza kritika, u għalhekk għandhom jiddaħħlu fit-testijiet tal-affidabilità stradali.*** Fi ħdan dawn l-elementi u b'qies tal-istat attwali tat-teknoloġija tal-vetturi, is-sistemi elettroniċi moderni għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-elementi ttestjati. Sabiex tinkiseb armonizzazzjoni fl-ittestjar tal-affidabilità stradali, għandhom jiġu pprovduti metodi ta' ttestjar għal kull wieħed mill-elementi tat-test.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Jeżisti tħassib serju dwar ir-responsabbiltà u s-sikurezza assoċjat ma' roti substandard jew difettużi, fejn ir-roti jiġu mmuntati fuq fusijiet li mhumiex standard. L-ittestjar ta' roti li mhumiex konformi mal-buttun tar-rota għandu jiġi ttrattat bħala element kritiku għas-sikurezza u għalhekk għandu jiddaħħal fil-lista ta' elementi li għandhom jiġu ċċekkjati waqt l-ittestjar tal-affidabilità stradali.*

#### **Emenda 21 Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(20a) L-istandards tal-ittestjar tal-affidabilità stradali għandhom ikunu stabbiliti fuq livell minimu għoli komuni għall-Unjoni kollha sabiex daww l-Istati Membri li diġà għandhom standards tat-testijiet tal-affidabilità stradali ta' livell ogħla minn dak mitlub b'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jżommu l-istandards ogħla tagħhom u jadottawhom għall-progress tekniku, fejn ikun xieraq.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament jistabbilixxi livell minimu ta' standards tekniċi. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu standards ogħla.*



**Emenda 22**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 21**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Id-detentur ta' reġistrazzjoni ta' vettura suġġetta għal test tal-affidabilità stradali li matulu jiġu skoperti n-nuqqasijiet, b'mod partikolari *dawk* li *jirrappreżentaw* riskju għas-sikurezza stradali, għandu jirringa dawn in-nuqqasijiet mingħajr dewmien. *F'każ* ta' nuqqasijiet perikolużi, ***għandha tiġi rtirata r-reġistrazzjoni tal-vettura*** sakemm jitranġaw dawk in-nuqqasijiet.

*Emenda*

(21) Id-detentur ta' reġistrazzjoni ta' vettura suġġetta għal test tal-affidabilità stradali li matulu jiġu skoperti n-nuqqasijiet, b'mod partikolari *vettura* li *tirrappreżenta* riskju għas-sikurezza stradali, għandu jirringa dawn in-nuqqasijiet mingħajr dewmien. *Fil-każ* ta' nuqqasijiet perikolużi, ***il-vettura m'għandhiex tinsa q fit-toroq pubbliċi*** sakemm jitranġaw *kompletament* dawk in-nuqqasijiet.

**Emenda 23**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 22**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Għandu jinħareġ ċertifikat tal-affidabilità stradali wara kull test, ***inkluża, fost oħrajn, informazzjoni relatata mal-identità tal-vettura u informazzjoni dwar ir-riżultati tat-test. Bil-ħsieb li jkun żgurat segwitu xieraq tat-testijiet tal-affidabilità stradali***, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu informazzjoni bħal din f'bażi tad-dejta.

*Emenda*

(22) ***Sabiex jiġi żgurat is-segwitu xieraq għar-riżultati tat-testijiet***, għandu jinħareġ ċertifikat tal-affidabilità stradali wara kull test, ***li għandu jinholq ukoll f'format elettroniku, bl-istess livell ta' dettall fir-rigward tal-identità tal-vettura u r-riżultati tat-test kif ikun jidher fiċ-ċertifikat oriġinali tat-test. Barra minn hekk***, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu informazzjoni bħal din f'bażi tad-dejta ***ċentralizzata sabiex jiżguraw li l-awtentività tar-riżultati tal-ispezzjonijiet tekniċi perjodiċi tkun tista' tiġi vverfikata faċilment***.

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali issa għandhom jingħataw f'kopja stampata apparti waħda elettronika sabiex jiġi evitat l-iffalsifikar jew tbaġħbis, u sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni li se jippermetti l-iżvilupp tal-Pjattaforma Elettronika għall-*Informazzjoni dwar il-Vetturi*.*

**Emenda 24**  
**Proposta għal regolament**  
**Recital 22 a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(22a) Peress li ċerti Stati Membri ma jirrikjedux ir-reġistrazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' vetturi, bħalma huma t-trejlers ħfief, l-informazzjoni dwar vettura li tgħaddi mit-test tal-affidabilità stradali għandha tkun disponibbli permezz ta' prova tat-test li tintwera b'mod viżibbli fuq il-vettura.*

**Emenda 25**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 23**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(23) Huwa meqjus li l-frodi tal-odometru taffettwa bejn 5 % u 12 % tal-bejgħ tal-karozzi użati u dan jirriżulta f'kost *importanti* ħafna għas-soċjetà ta' diversi biljuni ta' Ewro kull sena u f'evalwazzjoni mhux korretta *tal-kundizzjoni* tal-affidabilità stradali ta' vettura. Bil-ħsieb li tkun miżura kontra l-frodi tal-odometru, ir-reġistrazzjoni tal-kilometraġġ fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali flimkien mal-obbligu li jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat tat-test preċedenti għandhom jiffaċilitaw l-iskoperta tat-tbagħbis jew tal-manipulazzjoni tal-odometru. Il-frodi tal-odometru għandha *wkoll* titqies b'mod aktar sistematiku bħala offiża li twassal għal penalità.

(23) Huwa meqjus li l-frodi tal-odometru taffettwa bejn 5 % u 12 % tal-bejgħ tal-karozzi użati *f'pajjiż wieħed, filwaqt li ċ-ċifra hi ħafna ogħla fil-każ ta' bejgħ transkonfinali*, u dan jirriżulta f'kost *sinifikanti* ħafna għas-soċjetà ta' diversi biljuni ta' Ewro kull sena u f'evalwazzjoni mhux korretta tal-affidabilità stradali ta' vettura. Bil-ħsieb li tkun miżura kontra l-frodi tal-odometru, ir-reġistrazzjoni tal-kilometraġġ fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali flimkien mal-obbligu li jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat tat-test preċedenti għandhom jiffaċilitaw l-iskoperta tat-tbagħbis jew tal-manipulazzjoni tal-odometru. *L-istabbiliment ta' pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi li tirreġistra l-kilometraġġ tal-vetturi u l-inċidenti serji li kienu involuti fihom matul il-ħajja kollha tagħhom, bl-attenzjoni dovuta għall-protezzjoni tad-dejta, jgħin ukoll biex tiġi evitata l-manipulazzjoni u biex l-informazzjoni importanti tkun aċċessibbli.* Il-frodi tal-odometru għandha, *barra minnhekk*, titqies b'mod aktar sistematiku bħala offiża

li twassal għal penalità.

**Emenda 26**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 25**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(25) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn skema regolatorja usa', li tirregola l-vetturi matul il-ħajja tagħhom mill-approvazzjoni permezz tar-reġistrazzjonijiet u l-ispezzjonijiet sal-iskreppjar. L-iżvilupp u l-interkonnnessjoni ta' bażijiet tad-dejta elettroniċi nazzjonali dwar il-vetturi u tal-manifatturi **għandhom, fil-prinċipju**, jikkontribwixxu sabiex titjeb l-effiċjenza tal-katina kollha amministrattiva tal-vetturi u jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi. **Għalhekk, il-Kummissjoni għandha twettaq studju dwar il-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-istabbiliment ta' pjattaforma elettronika Ewropea għall-informazzjoni dwar il-vetturi għal dan il-għan.**

**Emenda 27**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 25a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(25) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn skema regolatorja usa', li tirregola l-vetturi matul il-ħajja tagħhom mill-approvazzjoni permezz tar-reġistrazzjonijiet u l-ispezzjonijiet sal-iskreppjar. L-iżvilupp u l-interkonnnessjoni ta' bażijiet tad-dejta elettroniċi nazzjonali dwar il-vetturi u tal-manifatturi jikkontribwixxu sabiex titjeb l-effiċjenza tal-katina kollha amministrattiva tal-vetturi u jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi.

**(25a) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament għandu jkun li jinkoraġġixxi iktar armonizzazzjoni u standardizzazzjoni tal-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali tal-vetturi, li eventwalment għandhom iwasslu għall-istabbiliment ta' suq uniku għall-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali fl-Unjoni b'sistema ta' rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-ittestjar tal-affidabilità stradali li tagħmilha possibbli li l-vetturi jiġu ttestjati fi kwalunkwe Stat Membru, il-**

***Kummissjoni għandha tabbozza rapport  
dwar il-progress fil-proċess ta'  
armonizzazzjoni sabiex tiddetermina meta  
tali rikonoxximent reċiproku jista' jiġi  
stabbilit.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Neħtieġu pjan direzzjonali biex jinkiseb rikonoxximent reċiproku sħiħ taċ-ċertifikati tal-ittestjar tal-affidabilità stradali li jista' joħloq Suq Uniku għall-ittestjar tal-affidabilità stradali.*

**Emenda 28**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 26**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(26) Sabiex dan ir-Regolament jiġi ***ssupplimentat b'aktar dettalji tekniċi***, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni bil-ħsieb li titqies, meta jkun xieraq, l-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-kategoriji tal-vetturi, kif ukoll il-ħtieġa li l-Annessi jiġu aġġornati fid-dawl tal-progress tekniku. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tax-xogħol ta' thejġija, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta thejġi u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

**Emenda 29**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 29**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stipulati rekwiżiti komuni minimi u regoli armonizzati dwar it-twertiq

*Emenda*

(26) Sabiex dan ir-Regolament jiġi ***aġġornat***, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni bil-ħsieb li titqies, meta jkun xieraq, l-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-kategoriji tal-vetturi, kif ukoll il-ħtieġa li l-Annessi jiġu aġġornati fid-dawl tal-progress tekniku. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tax-xogħol ta' thejġija, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta thejġi u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Emenda*

(29) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stipulati rekwiżiti komuni minimi u regoli armonizzati dwar it-twertiq

tal-ittestjar tal-affidabilità stradali tal-vetturi fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.

tal-ittestjar tal-affidabilità stradali tal-vetturi fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu rekwiżiti iktar stretti mill-istandards minimi.***

### **Emenda 30** **Proposta għal regolament** **Artikolu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema għal testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali tal-vetturi.

#### *Emenda*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema għal testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali tal-vetturi ***li jitwettqu abbażi ta' standards u rekwiżiti tekniċi minimi bil-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza stradali u protezzjoni tal-ambjent.***

### **Emenda 31** **Proposta għal regolament** **Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– vetturi bil-mutur ***li għandhom tal-inqas erba' roti, użati*** għall-ġarr ***tal-passiġġieri u b'mhux*** aktar minn tmien sedili minn barra s-sedil tax-xufier - kategorija tal-vettura M1,

#### *Emenda*

– vetturi bil-mutur ***iddisinjati u mibnija primarjament*** għall-ġarr ***ta' persuni u l-bagalji tagħhom, li jkun fihom mhux*** aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier - kategorija tal-vettura M1,

#### *Ġustifikazzjoni*

*Terminoloġija adattata għar-reviżjoni tad-Direttiva 2007/46/KE.*

**Emenda 32**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– vetturi bil-mutur **użati** għall-ġarr **tal-passiġġieri u b’aktar** minn tmien sedili, eskluż is-sedil tax-xufier – kategoriji tal-vettura M2 u M3,

*Emenda*

– vetturi bil-mutur **iddisinjati u mibnija primarjament** għall-ġarr **tal-persuni u l-bagalji tagħhom, li jkun fihom** aktar minn tmien sedili, eskluż is-sedil tax-xufier – kategoriji tal-vettura M2 u M3,

*Ġustifikazzjoni*

*Terminoloġija adattata għar-reviżjoni tad-Direttiva 2007/46/KE.*

**Emenda 33**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– vetturi bil-mutur **li għandhom tal-inqas erba’ roti, normalment użati** għall-ġarr **bit-triq** ta’ oġġetti **u b’massa** massima **permessibbli** li ma taqbiżx **it-3 500 kg** - kategorija tal-vettura N1,

*Emenda*

– vetturi bil-mutur **iddisinjati u mibnija prinċipalment** għall-ġarr ta’ oġġetti, **li għandhom massa** massima li ma taqbiżx **it-3,5 tunnellati** - kategorija tal-vettura N1,

*Ġustifikazzjoni*

*Terminoloġija adattata għar-reviżjoni tad-Direttiva 2007/46/KE.*

**Emenda 34**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– vetturi bil-mutur **użati** għall-ġarr ta’ oġġetti u b’massa massima permessibbli li taqbeż **it-3 500 kg** – kategoriji tal-vettura N2 u N3,

*Emenda*

– vetturi bil-mutur **iddisinjati u mibnija prinċipalment** għall-ġarr ta’ oġġetti b’massa massima li taqbeż **it-3,5 tunnellati** – kategoriji tal-vettura N2 u N3,

*Ġustifikazzjoni*

*Terminoloġija adattata għar-reviżjoni tad-Direttiva 2007/46/KE.*

**Emenda 35**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– trejlers **u semitrejlers b'massa** massima **permessibbli** li ma taqbiżx **it-3 500 kg** - **kategoriji tal-vettura O1 u O2,**

*Emenda*

– trejlers **iddisinjati u mibnija għall-ġarr ta' oġġetti jew persuni kif ukoll għall-akkomodazzjoni ta' persuni, li jkollhom massa** massima **ta' iktar minn 750 kg iżda** li ma taqbiżx **it-3,5 Tunnellati – kategorija tal-vettura O2**

*Ġustifikazzjoni*

*Terminoloġija adattata għar-reviżjoni tad-Direttiva 2007/46/KE.*

**Emenda 36**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– trejlers **u semitrejlers b'massa** massima **permessibbli** li taqbeż **it-3 500 kg** - **kategoriji tal-vettura O3 u O4,**

*Emenda*

– trejlers **iddisinjati u mibnija għall-ġarr ta' oġġetti jew persuni kif ukoll għall-akkomodazzjoni ta' persuni, li jkollhom massa** massima **li taqbeż it-3,5 tunnellati –** **kategoriji tal-vetturi O3 u O4,**

*Ġustifikazzjoni*

*Terminoloġija adattata għar-reviżjoni tad-Direttiva 2007/46/KE.*

**Emenda 37**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– **vetturi b'żewġ jew tliet roti – kategoriji tal-vettura L1e, L2e, L3e, L4e, L5e, L6e u L7e,**

*Emenda*

**imħassar**

**Emenda 38**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– tratturi bir-roti b'veloċità massima skont id-disinn li taqbeż **l-40 km/siegħa** – **kategorija tal-vettura T5**.

*Emenda*

– tratturi bir-roti **tal-kategorija T5 użati prinċipalment f'toroq pubbliċi** b'veloċità massima skont id-disinn li taqbeż **l-40km/siegħa**.

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn tratturi li jintużaw biss għal skopijiet agrikoli u dawk li jistgħu jintużaw ukoll fil-kummerċ tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.*

**Emenda 39**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***It-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali obbligatorji jistgħu jiġu estiżi mill-Istati Membri għal kategoriji oħra ta' vetturi. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni ta' estensjoni meħuda minnhom, filwaqt li jagħtu r-raġunijiet għal dawk id-deċiżjonijiet.***

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk l-ittestjar perjodiku tal-kategoriji tal-vetturi li għadu mhux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva jidher neċessarju, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jaġixxu konsegwentement fil-livell tagħhom.*

**Emenda 40**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– vetturi **li jappartjenu lill-forsi armati, lis-servizzi** tat-tifi tan-nar, **lill-protezzjoni**

– vetturi **użati mill-forzi armati, mis-servizzi** tat-tifi tan-nar, **mill-protezzjoni**



ċivili, *lis-servizzi* ta' emerġenza u ta' salvataġġ,

ċivili, *mis-servizzi* ta' emerġenza u ta' salvataġġ,

### *Ġustifikazzjoni*

*F'xi każijiet, il-vetturi li jintużaw mill-forzi armati jinkrew jew jingħataw taħt forom oħra ta' kuntratt ta' kiri.*

#### **Emenda 41**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*– trejlers tal-kategorija O2 b'massa massima ta' mhux iktar minn 2,0 Tunnellati iżda bl-esklużjoni ta' trejlers tal-kategorija O2 tat-tip karavan li jingħibed.*

#### **Emenda 42**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(5) 'vetturi b'żewġ jew tliet roti' tfisser kull vettura bil-mutur fuq żewġ roti b'sidecar jew mingħajrha, triċikli u kwadriċikli;*

*imħassar*

#### **Emenda 43**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7) 'vettura ta' interess storiku' tfisser kwalunkwe vettura li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:*

*(7) 'vettura ta' interess storiku' tfisser kwalunkwe vettura li **titqies bħala storika mill-Istat Membru ta' reġistrazzjoni jew minn wieħed mill-korpi ta' awtorizzazzjoni maħturin tiegħu** u li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*

*– Kienet manifatturata tal-inqas 30 sena*

*– Kienet ġiet manifatturata **jew irreġistrata***

ilu,

– *Tinżamm permezz tal-użu ta' partijiet ta' bdil li jirriproduċu l-komponenti storiċi tal-vettura;*

– *Ma ġarrbet ebda tibdil fil-karatteristiċi tekniċi tal-komponenti prinċipali tagħha bħall-magna, il-brejkijiet, l-istering jew is-suspensxin u*

– *Ma nbidlitx fid-dehra tagħha;*

*għall-ewwel darba tal-inqas 30 sena ilu;*

– *it-tip speċifiku tagħha, kif definit mill-atti legali rilevanti tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip, ma jkunx għadu jiġi prodott;*

– *tkun preservata u miżmuma f'kundizzjoni storikament korretta, u għaldaqstant ma jkunx sarilha tibdil kbir fil-karatteristiċi tekniċi tagħha;*

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jingħataw aktar diskrezzjoni fid-definizzjoni tal-vettura ta' interess storiku.*

#### **Emenda 44**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) 'test tal-affidabilità stradali' tfisser *verifika li l-partijiet u l-komponenti ta' vettura huma konformi* mal-karatteristiċi ta' sikurezza u dawk ambjentali *fis-seħħ* fiż-żmien tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew dħul fis-servizz, *kif ukoll* fiż-żmien tal-modifiki li jkunu saru wara;

###### *Emenda*

(9) 'test tal-affidabilità stradali' tfisser *spezzjoni li tiżgura li vettura tista' tintuża f'it-toroq pubbliċi b'mod sikur u li tikkonforma* mal-karatteristiċi ta' sikurezza u dawk ambjentali fiż-żmien tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew dħul fis-servizz, *jew* fiż-żmien tal-modifiki li jkunu saru wara;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni għandha tiġi ċċarata u adattata għall-finijiet tat-test perjodiku ta' spezzjoni teknika, bil-għan li tkun validata l-funzjonalità korretta tas-sistemi ta' sikurezza u dawk ambjentali. L-approvazzjoni tat-tip għandha tkun biss referenza ta' żmien sabiex wieħed jifhem liema rekwiżiti ta' sikurezza u dawk ambjentali huma relatati mal-vettura. Dawn ir-rekwiżiti m'għandhomx jirriferru għall-partijiet jew il-komponenti nfushom.*

#### **Emenda 45**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) 'spettur' tfisser persuna awtorizzata

###### *Emenda*

(13) 'spettur' tfisser persuna awtorizzata

minn Stat Membru biex twettaq testijiet tal-affidabilità stradali f'ċentru tal-ittejtjar jew f'isem awtorità kompetenti;

minn Stat Membru *jew l-awtorità kompetenti teigħu* biex twettaq testijiet tal-affidabilità stradali f'ċentru tal-ittejtjar jew f'isem awtorità kompetenti;

#### *Ġustifikazzjoni*

*F'xi Stati Membri t-testijiet tal-affidabilità stradali jaqgħu taħt il-kompetenti tal-awtoritajiet reġjonali.*

#### **Emenda 46 Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jitwettqu *biss* mill-awtorità kompetenti ta' *Stat* Membru jew minn *ċentri tal-ittejtjar awtorizzati mill-Istati Membri*.

##### *Emenda*

2. It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jitwettqu, *fil-prinċipju, fl-Istat Membru fejn tkun irreġistrata l-vettura* mill-awtorità kompetenti ta' *dak l-Istat* Membru jew minn *korps pubbliku fdat bil-kompitu mill-Istat jew minn korpi jew stabbilimenti ċertifikati u sorveljati mill-Istat, inklużi korpi privati awtorizzati*.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika li ċ-ċentri tal-ittejtjar fi Stat Membru huma responsabbli biss għall-ittejtjar tal-vetturi li jkunu ġew irreġistrati f'dak l-Istat Membru.*

#### **Emenda 47 Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jipprovdu liċ-ċentri tal-ittejtjar jew, meta jkun rilevanti, lill-awtorità kompetenti, l-aċċess għall-informazzjoni teknika meħtieġa għall-ittejtjar tal-affidabilità stradali, kif stipulat fl-Anness I. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri dwar l-aċċess għall-informazzjoni teknika stipulati fl-Anness I skont il-proċedura ta' eżami

##### *Emenda*

3. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jipprovdu, *mingħajr ħlas*, liċ-ċentri tal-ittejtjar *u lill-manifatturi tat-tagħmir tal-ittejtjar* jew, meta jkun rilevanti, lill-awtorità kompetenti, l-aċċess għall-informazzjoni teknika meħtieġa għall-ittejtjar tal-affidabilità stradali, kif stipulat fl-Anness I. *Għall-manifatturi tat-tagħmir tal-ittejtjar, dik l-informazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni meħtieġa sabiex*

msemmija fl-Artikolu 16(2).

*it-tagħmir tal-ittestjar ikun jista' jintuża sabiex titwettaq valutazzjoni dwar jekk il-funzjonalità tas-sistemi ta' kontroll elettroniku ta' vettura tgħaddix jew le mit-test. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri dwar l-aċċess għall-informazzjoni teknika stipulati fl-Anness I u teżamina l-fattibilità ta' punt uniku ta' aċċess skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).*

### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li l-manifatturi tat-tagħmir tal-ittestjar ikollhom aċċess għad-dejta li jeħtieġu sabiex jiżviluppaw tagħmir li jiffunzjona sew.*

#### **Emenda 48**

##### **Proposta għal regolament Kapitolu 3 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

REKWIŻITI LI JIKKONĊERNAW IT-TESTIJET TAL-AFFIDABILITÀ STRADALI

*Emenda*

REKWIŻITI **MINIMI** LI JIKKONĊERNAW IT-TESTIJET TAL-AFFIDABILITÀ STRADALI

#### **Emenda 49**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*– Vetturi tal-kategoriji L1e, L2e, L3e, L4e, L5e, L6e u L7e: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura għet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad wara sentejn u mbagħad kull sena;*

*Emenda*

*imħassar*

#### **Emenda 50**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*– Vetturi tal-kategoriji M1, N1 u O2: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura għet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad*

*Emenda*

*– Vetturi tal-kategoriji M1, N1 u O2: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura għet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad*

*wara sentejn u mbagħad kull sena;*

*kull sentejn;*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-frekwenza tal-ittejtjar '4+2+2' għal dawn il-kategoriji ta' vetturi hija proporzjonata mal-għanijiet segwiti.*

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Vetturi tal-kategorija M1 irreġistrati bħala taksis jew ambulanzi, vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2, N3, **T5**, O3 u O4: sena wara d-data li fiha l-vettura kienet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad kull sena.

*Emenda*

– Vetturi tal-kategorija M1 irreġistrati bħala taksis jew ambulanzi, vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2, N3, O3 u O4: sena wara d-data li fiha l-vettura kienet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad kull sena;

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*– Vetturi tal-kategorija T5 użati prinċipalment fit-toroq pubbliċi: sena wara d-data li fiha l-vettura kienet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad kull sena;*

*Emenda*

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 3b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*– Kategoriji oħra ta' vetturi: f'intervalli definiti mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.*

*Emenda*

## *Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jitħallew jistabbilixxu l-frekwenza tal-ittestjar għall-kategoriji ta' vetturi li mhumiex irregolati minn dispożizzjonijiet oħra tal-Artikolu 5.*

### **Emenda 54**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Kwalunkwe Stat Membru jista' jipprovdi finanzjament għall-ittestjar tal-affidabilità stradali jekk sid ta' vettura jiddeċiedi li jnaqqas l-intervall tal-ispezzjoni għal sena. Il-perjodu tal-finanzjament għandu jibda mhux qabel 10 snin wara d-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Wieħed jista' jistenna li n-numru ta' inċidenti u l-ispejjeż relatati magħhom jaqgħu jekk is-sidien tal-vetturi ta' iktar minn 10 snin volontarjament jiddeċiedu li jittestjawhom fuq bażi annwali. Parti mill-iffrankar għandha tintuża biex jiġu ffinanzjati dawn il-miżuri. Din il-proċedura hija ugwali għall-introduzzjoni ta' sistema ta' bonus.*

### **Emenda 55**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 5 – paragrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1b. Stat Membru jista' jirrikjedi li vetturi ta' kwalunkwe klassi rreġistrati fit-territorju tiegħu jkunu suġġetti għal ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali iktar frekwenti.***

## *Ġustifikazzjoni*

*B'appoġġ għas-sikurezza stradali din tippermetti li kwalunkwe Stat Membru japplika testjar perjodiku fuq kwalunkwe vettura. Tippermetti espliċitament ukoll ittestjar iktar frekwenti għal kwalunkwe tip ta' vettura.*

**Emenda 56**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. Fil-każ fejn vettura tal-kategoriji M1 jew N1 tilħaq kilometraġġ ta' 160 000 km mal-ewwel test tal-affidabilità stradali wara l-ewwel reġistrazzjoni tal-vetturi, għandha tkun suġġetta għal test tal-affidabilità stradali kull sena wara l-ewwel test.**

**imħassar**

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm riskju ta' manipulazzjoni tal-odometri marbut mad-dispożizzjoni proposta.*

**Emenda 57**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Id-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jista' jitlob liċ-ċentru tal-ittestjar, jew lill-awtorità kompetenti jekk ikun rilevanti, biex iwettaq/twettaq test tal-affidabilità stradali matul perjodu li jestendi mill-bidu tax-xahar li jiġi qabel ix-xahar tad-data tal-anniversarju msemmija fil-paragrafu 1 sal-aħħar tat-tieni xahar wara din id-data, mingħajr ma tiġi affettwata d-data għat-test li jkun imiss tal-affidabilità stradali.

3. Id-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jista' jitlob liċ-ċentru tal-ittestjar, jew lill-awtorità kompetenti ***jew lil korpi jew stabbilimenti ċertifikati u sorveljati mill-Istat*** jekk ikun rilevanti, biex iwettaq/twettaq test tal-affidabilità stradali matul perjodu li jestendi mill-bidu tax-xahar li jiġi qabel ix-xahar tad-data tal-anniversarju msemmija fil-paragrafu 1 sal-aħħar tat-tieni xahar wara din id-data, mingħajr ma tiġi affettwata d-data għat-test li jkun imiss tal-affidabilità stradali.

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa essenzjali li vettura dejjem ikollha ċertifikat validu tat-test tal-affidabilità stradali abbord. L-għoti ta' flessibilità biex jitwettaq it-test per iodiku sa wara d-data tal-anniversarju tal-ewwel reġistrazzjoni jista' ma jkunx aċċettat b'mod reċiproku mill-Istati Membri kollha u jista' jwassal għal pieni mhux ġustifikati għall-operaturi tat-trasport kummerċjali bit-triq.*

**Emenda 58**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 4 – inċiż 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*– f'każ li jinbidel id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura.*

*imħassar*

*Ġustifikazzjoni*

*F'każ ta' reġistrazzjoni mill-ġdid, id-detenturi tal-vetturi għandhom jitħallew joqogħdu fuq it-test validu tal-affidabilità stradali. L-aspett transkonfinali ta' reġistrazzjoni mill-ġdid huwa rregolat mill-emenda 26.*

**Emenda 59**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 4 – inċiż 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*– meta l-vettura tkun laħqet kilometraġġ ta' 160 000 km.*

**Emenda 60**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. It-test tal-affidabilità stradali għandu jkopri l-oqsma msemmija fl-Anness II, il-punt 2.

1. It-test tal-affidabilità stradali għandu jkopri **tal-inqas** l-oqsma msemmija fl-Anness II, il-punt 2.

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika meħtieġa biex turi li dawn huma r-rekwiżiti minimi.*

**Emenda 61**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Għal kull qasam imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-

2. Għal kull qasam imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-



Istat Membru jew iċ-ċentru tal-ittejtjar għandhom iwettqu test tal-affidabilità stradali li jkopri tal-inqas l-elementi, u bl-użu tal-metodu applikabbli għall-ittejtjar ta' dawk l-elementi, kif stipulat fl-Anness II, il-punt 3.

Istat Membru jew iċ-ċentru tal-ittejtjar għandhom iwettqu test tal-affidabilità stradali li jkopri tal-inqas l-elementi, u bl-użu tal-metodu applikabbli għall-ittejtjar ta' dawk l-elementi, kif stipulat fl-Anness II, il-punt 3, ***jew alternattiva ekwivalenti approvata minn awtorità kompetenti.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-metodi tal-ittejtjar imsemmija hawn fuq huma rekwiżiti minimi fl-għamla ta' rakkomandazzjonijiet. Metodi tal-ittejtjar oħrajn ekwivalenti jew aktar ristretti wkoll għandhom ikunu permessi minflok dawn il-metodi, jew applikati flimkien magħhom, sabiex jiġi provdu għal żviluppi ulterjuri possibbli fl-ittejtjar kif ukoll fl-iżvilupp ta' vetturi u sistemi elettroniċi.*

### **Emenda 62** **Proposta għal regolament** **Artikolu 8 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Iċ-ċentru tal-ittejtjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti li wettqet it-test tal-affidabilità stradali *għandha toħroġ* ċertifikat tal-affidabilità stradali lil dik il-vettura li ***fiha***, tal-inqas, l-elementi kollha stipulati fl-Anness IV.

#### *Emenda*

1. Iċ-ċentru tal-ittejtjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti li wettqet it-test tal-affidabilità stradali *għandhom joħroġu* ċertifikat tal-affidabilità stradali lil dik il-vettura, ***li għandu jkun disponibbli wkoll f'format elettroniku li jkun fih***, tal-inqas, l-elementi kollha stipulati fl-Anness IV. ***Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tfassal formula standard tal-Unjoni Ewropea għat-testijiet tal-affidabilità stradali.***

### **Emenda 63** **Proposta għal regolament** **Artikolu 8 – paragrafu 2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Iċ-ċentru tal-ittejtjar jew, fejn ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti, *għandha tipprovdi* ċertifikat tal-affidabilità stradali ***jew, fil-każ ta' ċertifikat tal-affidabilità stradali stabbilit elettronikament, karta stampata ċċertifikata kif xieraq ta' dan iċ-***

#### *Emenda*

2. ***Malli t-test jitlesta b'mod sodisfaċenti***, iċ-ċentru tal-ittejtjar jew, fejn ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti, *għandhom jiġi provdu* ċertifikat tal-affidabilità stradali lill-persuna li tkun qed tippreżenta lill-vettura għat-test, ***jew meta ċ-ċertifikat***

*ċertifikat*, lill-persuna li tkun qed tippreżenta lill-vettura għat-test.

*ikun f'format elettroniku, għandhom jagħmlu disponibbli verżjoni stampata tar-riżultati tat-test.*

#### **Emenda 64**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Meta jirċievu applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vettura, u l-vettura tkun toriġina minn Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni għandhom jirrikonoxxu ċ-ċertifikat ta' affidabilità stradali tal-vettura, ladarba l-validità tiegħu tkun ġiet ivverifikata fil-mument tar-reġistrazzjoni mill-ġdid. Dan ir-rikonoxximent għandu jkopri l-istess perjodu bħal dak tal-validità oriġinali taċ-ċertifikat, ħlief fejn dak il-perjodu ta' validità oriġinali jestendi oltre t-tul legali massimu fl-Istat Membru fejn il-vettura tkun qed tiġi rreġistrata mill-ġdid. F'dak il-każ, il-validità għandha tiġi allinjata 'l isfel, u kkalkulata mid-data meta l-vettura nħarġitilha ċ-ċertifikat ta' affidabilità stradali oriġinali. Qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lil xulxin il-format taċ-ċertifikat ta' affidabilità stradali rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom, kif ukoll l-istruzzjonijiet dwar kif għandha tiġi vverifikata l-awtentiċità.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi ffaċilitata r-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-vetturi motorizzati fl-Unjoni kollha, din l-emenda qed tintroduċi sistema għar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati ta' affidabilità stradali bejn l-Istati Membri, b'seħħ mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

**Emenda 65**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Għall-finijiet tal-iċċekkjar tal-qari tal-odometru, u fejn *din* l-informazzjoni ma *ġietx* ikkomunikata b' mod elettroniku wara t-test tal-affidabilità stradali preċedenti, l-ispettur għandu jeħtieġ li l-persuna li tippreżenta l-vettura għat-test turi ċ-ċertifikat li jkun inħareġ wara t-test tal-affidabilità stradali preċedenti.

*Emenda*

4. Għall-finijiet tal-iċċekkjar tal-qari tal-odometru, ***fejn dan ikun installat***, u fejn l-informazzjoni ***ta' dak il-qari*** ma *tkunx ġiet* ikkomunikata b' mod elettroniku wara t-test tal-affidabilità stradali preċedenti, l-ispettur għandu jeħtieġ li l-persuna li tippreżenta l-vettura għat-test turi ċ-ċertifikat li jkun inħareġ wara t-test tal-affidabilità stradali preċedenti, ***jekk dak iċ-ċertifikat ma jkunx inħareġ elettronikament***.

**Emenda 66**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Ir-riżultati tat-test tal-affidabilità stradali għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità *tar-reġistrazzjoni* tal-vettura. Din in-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali.

*Emenda*

5. Ir-riżultati tat-test tal-affidabilità stradali għandhom jiġu nnotifikati ***b' mezz elettroniku*** lill-awtorità *tar-reġistrazzjoni* tal-vettura ***mingħajr dewmien***. Din in-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali.

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-għan tas-sigurtà u l-effiċjenza tad-dokument, ir-rapport tat-test dejjem għandu jkun f'format elettroniku u m'għandux jintalab mingħand il-persuna li tippreżenta l-vettura għat-test, li spiss ma tkunx is-sid tal-vettura. Dan għandu japplika wkoll fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet tal-infurzar matul l-ispezzjonijiet waqt it-traġitt.*

**Emenda 67**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fil-każ ta' nuqqasijiet kbar, l-awtorità kompetenti ***għandha*** tiddeċiedi l-

*Emenda*

2. Fil-każ ta' nuqqasijiet kbar, l-awtorità kompetenti ***nazzjonali tista'*** tiddeċiedi l-

kundizzjonijiet li taħthom vettura tista' tintuża qabel ma terġa' tgħaddi minn test ieħor tal-affidabilità stradali. It-tieni test għandu jsir sa sitt ġimgħat wara l-ewwel test.

kundizzjonijiet li taħthom vettura tista' tintuża qabel ma terġa' tgħaddi minn test ieħor tal-affidabilità stradali. It-tieni test għandu jsir sa sitt ġimgħat wara l-ewwel test.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, l-Istati Membri huma responsabbli li jiddeċiedu jekk il-vetturi għandhomx jitneħħew mit-triq. Għalhekk dan għandu jitħalla f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali.*

### **Emenda 68** **Proposta għal regolament** **Artikolu 9 – paragrafu 3**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fil-każ ta' nuqqasijiet perikolużi, **il-vettura ma għandhiex tintuża fuq toroq aċċessibbli għall-pubbliku u r-reġistrazzjoni tagħha għandha tiġi rtirata skont l-Artikolu 3a tad-Direttiva XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi sakemm in-nuqqasijiet ikunu rettifikati u jinħareġ ċertifikat ġdid tal-affidabilità stradali li juri li l-vettura hija f'kundizzjoni tajba għat-triq.**

#### *Emenda*

3. Fil-każ ta' nuqqasijiet perikolużi, ***l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti jistgħu jipprevjenu jew jirrestrinġu l-użu tal-vettura f'toroq pubbliċi sakemm jiġi rettifikat kwalunkwe nuqqas perikoluż.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-irtirar tar-reġistrazzjoni mhuwiex xieraq peress li r-reġistrazzjoni hija proċess kumpless u separat li mhuwiex dejjem maħsub biex jillimita l-użu tal-vetturi. F'xi Stati Membri l-irtirar tar-reġistrazzjoni jista' jkun xieraq, f'oħrajn, ikun aktar adattat proċess ta' projbizzjoni biex jinkisbu riżultati simili u pożittivi fir-rigward tas-sikurezza fit-toroq. Jeħtieġ li l-Istati Membri jkunu kapaċi jużaw l-aktar metodi effettivi mingħajr ma jaħlu ammonti eċċessivi ta' flus biex jiksbu l-istess riżultat.*

**Emenda 69**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Iċ-ċentru tal-ittejtjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun wettqet it-test tal-affidabilità stradali fuq vettura rreġistrata fit-territorju tagħha, għandha toħroġ prova lil kull vettura li tgħaddi b'suċċess dan it-test. Il-prova għandha tindika d-data tat-test tal-affidabilità stradali li jmiss.

*Emenda*

Iċ-ċentru tal-ittejtjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun wettqet it-test tal-affidabilità stradali fuq vettura rreġistrata fit-territorju tagħha, għandha toħroġ prova lil kull vettura li tgħaddi b'suċċess dan it-test. Il-prova għandha tindika d-data tat-test tal-affidabilità stradali li jmiss.

***M'għandha għalfejn tinħareġ l-ebda prova ta' affidabilità stradali jekk ikun possibbli li d-dokument ta' reġistrazzjoni tal-vettura jindika li t-test tal-affidabilità stradali jkun twettaq u d-data tat-test li jmiss.***

*Ġustifikazzjoni*

*B'konformità mal-emendi għad-Direttiva 1999/37/KE (rigward id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi), li attwalment qed tiġi kkunsidrata mill-Parlament Ewropew, m'hemmx bżonn li jinħareġ dokument separat bħala prova ta' ttejtjar tal-affidabilità stradali jekk ikun hemm tabella xierqa fid-dokument ta' reġistrazzjoni għall-vetturi li fiha jista' jiġi dokumentat il-perjodu ta' validità ta' test tal-affidabilità stradali u d-data tat-test li jmiss. Dan ifisser li ċ-ċentri tal-ittejtjar u l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx għalfejn joħroġu dokument separat bħala evidenza tal-affidabilità stradali tal-vettura, li l-utenti tal-vetturi huma obbligati jgħorru magħhom.*

**Emenda 70**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Meta l-vettura ttejtjata tappartjeni għal kategorija ta' vetturi li mhijiex soġġetta għar-reġistrazzjoni fl-Istat Membru fejn bdiet tintuża, il-prova tat-test għandha tintwera b'mod viżibbli fuq il-vettura.***

*Emenda*

**Emenda 71**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-prova li tinħareġ skont il-paragrafu 1.

*Emenda*

Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-prova li tinħareġ **minn Stat Membru ieħor** skont il-paragrafu 1 **jew rekord korrispondeti fid-dokument ta' reġistrazzjoni għall-vetturi, sakemm din tkun inħarġet għal vettura rreġistrata f'dak l-Istat Membru.**

**Emenda 72**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittejtjar użati għat-twettiq ta' testijiet tal-affidabilità stradali għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tekniċi minimi stipulati fl-Anness V.

*Emenda*

1. Il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittejtjar użati għat-twettiq ta' testijiet tal-affidabilità stradali għandhom ikunu konformi **tal-anqas** mar-rekwiżiti tekniċi minimi stipulati fl-Anness V.

**Emenda 73**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Iċ-ċentri tal-ittejtjar, li fihom l-isperturi jwettqu testijiet tal-affidabilità stradali, għandhom jiġu awtorizzati minn Stat Membru jew mill-awtorità kompetenti tiegħu.**

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-ċentri tal-ittejtjar għall-affidabilità stradali għandhom ikunu awtorizzati minn Stat Membru jew mill-awtorità kompetenti tiegħu.*

**Emenda 74**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1b. Iċ-ċentri tal-ittejtjar li jkunu diġà ġew awtorizzati mill-Istati Membri qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jergħu jiġu ttejtjati għall-konformità mal-istandards minimi wara perjodu ta' mill-inqas ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

**Emenda 75**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi fir-rigward tal-ġestjoni tal-kwalità, iċ-ċentri tal-ittejtjar għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Istat Membru li jawtorizza. Iċ-ċentri tal-ittejtjar għandhom jiżguraw l-oġġettività u l-kwalità għolja tal-ittejtjar tal-vetturi.***

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-ċentri tal-ittejtjar għat-testijiet tal-affidabilità stradali, kemm jekk operati b'mod privat kif ukoll jekk b'mod pubbliku, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex jiżguraw ġestjoni ta' kwalità tajba. Dawn għandhom ikunu oġġettivi u jiżguraw kwalità għolja ta' ttejtjar ta' vetturi.*

**Emenda 76**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jitwettqu minn spetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ stipulati fl-Anness VI.

1. It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jitwettqu minn spetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ stipulati fl-Anness VI.  
***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu***

**rekwiżiti ta' kompetenza u taħriġ  
addizzjonali.**

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti ta' kompetenza u taħriġ stabbiliti fl-Anness VI huma dawk minimi u l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali.*

**Emenda 77**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. L-Istati Membri għandhom  
jippreskrivu taħriġ adegwat għall-  
ispetturi, konformi mar-rekwiżiti dwar il-  
kwalifiki.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jippromwovu taħriġ adegwat, konformi mar-rekwiżiti dwar il-kwalifiki.*

**Emenda 78**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2. L-Istati Membri għandhom iqassmu  
ċertifikat lill-ispetturi li jissodisfaw ir-  
rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ.  
Dan iċ-ċertifikat għandu jinkludi tal-inqas  
l-informazzjoni msemmija fl-Anness VI, il-  
punt 3.***

***2. L-awtoritajiet kompetenti jew, fejn  
applikabbli, iċ-ċentri ta' taħriġ approvati  
għandhom iqassmu ċertifikat lill-ispetturi li  
jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta'  
kompetenza u taħriġ. Dan iċ-ċertifikat  
għandu jinkludi tal-inqas l-informazzjoni  
msemmija fl-Anness VI, il-punt 3.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kundizzjoni proposta li l-Istati Membri għandhom iqassmu ċertifikat lill-ispetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi tkun wisq restrittiva għall-Istati Membri. Iċ-ċentri tal-ittestjar approvati wkoll jistgħu jipprovdu ċertifikat bħal dan.*



**Emenda 79**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-ispetturi impjegati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew minn ċentru tal-ittestjar fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fl-Anness VI, il-punt 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu ċertifikat ta' ekwivalenza lil dawn l-ispetturi.

*Emenda*

3. L-ispetturi impjegati **jew awtorizzati** mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew minn ċentru tal-ittestjar fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fl-Anness VI, il-punt 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu ċertifikat ta' ekwivalenza lil dawn l-ispetturi.

**Emenda 80**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Persuna li għamlet tismijiet jew manutenzjoni fuq vettura m'għandhiex tkun involuta bħala spettur fit-twettiq sussegwenti ta' test perjodiku tal-affidabilità stradali ta' dik l-istess vettura sakemm il-korp superviżorju ma jkunx stabbilixxa għas-sodisfazzjon tiegħu li jista' jiġi ggarantit livell għoli ta' oġġettività. L-Istati Membri jistgħu jippreskrivu rekwiżiti aktar ibsin rigward is-separazzjoni tal-attivitajiet.**

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tissaħħaħ l-indipendenza tal-ispetturi jeħtieġ li jiġi żgurat li l-istess persuna ma tkunx involuta fiż-żewġ attivitajiet, jiġifieri t-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura qabel l-ittestjar u l-ittestjar innifsu.*

**Emenda 81**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. Iċ-ċentru tal-ittestjar għandu jinforma

5. Iċ-ċentru tal-ittestjar għandu jinforma

lill-persuna li **tkun qegħda tippreżenta l-vettura** għat-test **bit-tiswijiet meħtieġa li għandhom jitwettqu** u ma għandux ibiddel ir-riżultati tat-test għal finijiet kummerċjali.

lill-persuna **jew lill-post tat-tiswija** li **jkunu qegħdin jippreżentaw il-vettura** għat-test **bin-nuqqasijiet identifikati fil-vettura** u ma għandux ibiddel ir-riżultati tat-test għal finijiet kummerċjali.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika tal-kompiti differenti tal-ispetturi (l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet) u tal-postijiet tat-tiswija (it-twettiq ta' tiswija biex jitranġaw in-nuqqasijiet).*

### **Emenda 82**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Kull Stat Membru għandu jiżgura li ċ-ċentri tal-ittejtjar fit-territorju tiegħu jkunu soġġetti għal superviżjoni.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Biex jiżguraw kwalità għolja ta' ttejtjar ta' vetturi, iċ-ċentri tal-ittejtjar għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni.*

### **Emenda 83**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 13 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Iċ-ċentri tal-ittejtjar li huma mħaddma b'mod dirett minn awtorità kompetenti għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti fir-rigward l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni.

2. Iċ-ċentri tal-ittejtjar li huma mħaddma b'mod dirett minn awtorità kompetenti **ta' Stat Membru** għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti fir-rigward l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li tikkjarifika li l-eżenzjoni mill-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tapplika biss għal ċentri tal-ittejtjar li jkunu operati direttament mill-Istati Membri.*

**Emenda 84**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha teżamina ***l-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-istabiliment ta'*** pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi bil-ħsieb li tiskambja informazzjoni dwar dejta relatata mal-ittejtjar tal-affidabilità stradali bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-ittejtjar, ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tal-vetturi, iċ-ċentri tal-ittejtjar u l-manifatturi tal-vettura.

***Hija għandha***, abbażi ta' *dik l-eżaminazzjoni*, tippreżenta u tevalwa għażliet differenti ta' politika, inkluża l-possibbiltà li tneħħi r-rekwiżit ta' prova tat-test kif previst fl-Artikolu 10. Fi żmien sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta'

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha teżamina ***l-mod l-aktar effiċjenti u effikaċi biex tistabbilixxi*** pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi ***billi tiegħu vantaġġ mis-soluzzjonijiet tal-IT eżistenti u li diġà ġew implimentati fir-rigward tal-iskambju internazzjonali tad-dejta sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni. L-eżami għandu jikkunsidra l-mod l-aktar adatt biex isir kollegament bejn is-sistemi nazzjonali eżistenti*** bil-ħsieb li tiskambja informazzjoni dwar dejta relatata mal-ittejtjar tal-affidabilità stradali ***u l-qari tal-odometru*** bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-ittejtjar, ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tal-vetturi, iċ-ċentri tal-ittejtjar u l-manifatturi tal-vettura.

***Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll il-ġbir u l-ħżin ta' dejta eżistenti relatata mas-sikurezza li tikkonċerna vetturi li kienu involuti f'inċidenti serji. Dik id-dejta għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni dwar komponenti f'funzjoni ta' sikurezza li jkunu ġew sostitwiti u msewwija.***

***L-informazzjoni dwar l-istorja ta' vettura għandha tkun disponibbli għal spetturi li jittestjaw dik il-vettura u, f'forma anonimizzata, għall-Istati Membri, biex tgħinhom jippjanaw u jwettqu miżuri biex itejbu s-sikurezza fit-triq, u anke għad-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jew għal sid il-vettura.***

Abbażi ta' *dak l-eżami*, ***il-Kummissjoni għandha*** tippreżenta u tevalwa għażliet differenti ta' politika, inkluża l-possibbiltà li tneħħi r-rekwiżit ta' prova tat-test kif previst fl-Artikolu 10 ***u l-istabiliment ta' sistema li tippermetti lill-Istati Membri***

dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati *tal-eżaminazzjoni*, u takkumpanjah bi proposta leġiżlattiva, jekk dan ikun xieraq.

*jiskambjaw informazzjoni, fil-każ ta' bejgħ transfruntier ta' vetturi, rigward il-kilometraġġ ta' dawk il-vetturi u l-inċidenti serji li kienu involuti fihom matul il-ħajja kollha tagħhom.* Fi żmien sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati *tal-eżami*, u takkumpanjah bi proposta leġiżlattiva, jekk dan ikun xieraq.

**Emenda 85**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati b'konformità *mal-Artikolu 19* bil-ħsieb li:

– *taġġorna l-Artikolu 2(1)* u l-Artikolu 5(1) u (2) kif xieraq *sabiex tqis it-tibdil* għall-kategoriji tal-vetturi li jirriżulta mill-emendi għal-leġiżlazzjoni *msemmija fl-Artikolu 3(1)*,

– *taġġorna l-Annessi fid-dawl tal-progress tekniku jew sabiex tqis il-modifikazzjoni fil-leġiżlazzjoni internazzjonali jew tal-Unjoni.*

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati b'konformità *mal-Artikolu 18* bil-ħsieb li *taġġorna:*

*(a) id-deżinjazzjoni tal-kategoriji ta' vettura fl-Artikolu 2(1) u l-Artikoli 5(1) u (2) kif xieraq fil-każ ta' tibdil* għall-kategoriji tal-vetturi li jirriżulta mill-emendi għal-leġiżlazzjoni *dwar l-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 2(1), mingħajr ma taffettwa l-kamp ta' applikazzjoni jew il-frekwenza tal-ittestjar;*

*(b) il-punt 3 tal-Anness II fir-rigward tal-metodi u r-raġunijiet għal falliment, u l-Anness V, fil-każ tad-disponibbiltà ta' metodi tal-ittestjar aktar effiċjenti u effikaċi, u l-Anness I, jekk tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali sabiex jitwettqu testijiet tal-affidabilità stradali;*

*(c) il-punt 3 tal-Anness II fir-rigward tal-lista ta' elementi tat-test, metodi, raġunijiet għal falliment, l-Anness III fir-rigward tal-valutazzjoni tan-nuqqasijiet, u*

*l-Anness V, sabiex tadattahom għall-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza jew l-ambjent, u l-Anness I, jekk tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali sabiex jitwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali.*

**Emenda 86**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. *Id-delega tas-setgħa* msemija fl-Artikolu 17 għandha tiġi kkonferita għal perjodu *indeterminat* ta' *żmien* minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

*Emenda*

2. *Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati* msemija fl-Artikolu 17 għandha tiġi kkonferita *lill-Kummissjoni* għal perjodu ta' *ħames snin* minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. *Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.*

**Emenda 87**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 18b**

*Rappurtar dwar vetturi b'żewġ jew bi tliet roti*

*Sa mhux aktar tard minn [tliet snin mid-data ta' publikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-inklużjoni tal-vetturi b'żewġ jew bi tliet roti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jivvaluta s-sitwazzjoni*

*tas-sikurezza stradali fl-Unjoni għal dik il-kategorija ta' vetturi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tqabbel ir-riżultati tas-sikurezza stradali għal dik il-kategorija ta' vetturi fl-Istati Membri li jwettqu testijiet tal-affidabilità stradali ta' dik il-kategorija ta' vetturi, ma' dawk fl-Istati Membri li ma jittestjawx dik il-kategorija ta' vetturi, sabiex tivvaluta jekk l-ittestjar tal-affidabilità stradali tal-vetturi b'żewġ jew bi tliet roti huwiex proporzjonat mal-objettivi stabbiliti dwar is-sikurezza stradali. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposti leġiżlattivi.*

**Emenda 88**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 19 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-manipulazzjoni jew it-tbagħbis ta' odometru jitqies bħala offiża u jkun ikkastigat minn penaltajiet effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.

*Emenda*

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-manipulazzjoni jew it-tbagħbis ta' **komponenti u sistemi tal-vetturi li għandhom effett fuq il-konformità mar-rekwiżiti ambjentali u tas-sikurezza, jew ta'** odometru, jitqies bħala offiża u jkun ikkastigat minn penaltajiet effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji, **kif ukoll biex jiżgura l-eżattezza tal-qari tal-odometru matul il-ħajja kollha ta' vettura.**

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa essenzjali li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-qari tal-odometru jkun affidabbli u eżatt matul il-ħajja kollha ta' vettura, filwaqt li jirrikonoxxu li l-perjodu bejn id-data tar-reġistrazzjoni u l-ewwel kontroll tal-affidabilità stradali huwa dak li matulu jkun hemm l-aktar possibbiltà ta' frodi fir-rigward tal-kilometraġġ.*

**Emenda 89**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness I – parti 5 – punt 5.3 – inċiż 8a (ġdid)**

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
	<b>– Pressjoni tat-tajers rakkomandata</b>

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-informazzjoni hija inkluża fit-ticketta tal-kartellun tal-vettura, kif ukoll fil-manwal tas-sid tal-vettura. Dan se jkun il-valur referenzjarju li abbażi tiegħu l-ispetturi se jiddeterminaw jekk it-tajers humiex minfuħin kif support.*

**Emenda 90**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness II – parti 1 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Meta ma jkunx possibbli li vettura tiġi ttestjata permezz ta' metodu ta' ttestjar rakkomandat stabbilit f'dan l-Anness, iċ-ċentru tal-ittestjar jista' jwettaq it-test skont metodu alternattiv li jkun ġie approvat bil-miktub mill-awtorità kompetenti adegwata. L-awtorità kompetenti għandha tkun sodisfatta li l-istandards tas-sikurezza u ambjentali se jinżammu.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-ittestjar ta' vetturi speċifiċi bħal krejnijiet mobbli jista' jeħtieġ metodi speċifiċi ta' ttestjar li għandhom ikunu permessi, jekk jiġu approvati mill-awtorità kompetenti.*

**Emenda 91**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness II – parti 3 – punt 1.8 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1.8 Fluwidu tal-brejk

Kejl tat-temperatura ta' likwidu jbaqbaq jew tal-kontenut tal-ilma

(a) Temperatura tal-fluwidu tal-brejk ibaqbaq baxxa wisq ***jew kontenut tal-ilma għoli wisq***

*Emenda tal-Parlament*

1.8 Fluwidu tal-brejk

Kejl tat-temperatura ta' likwidu jbaqbaq jew tal-kontenut tal-ilma

(a) Temperatura tal-fluwidu tal-brejk ibaqbaq baxxa wisq

## *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jiġi żgurat l-ittestjar preċiż tal-fluwidu tal-brejk sabiex jiġu evitati riżultati li jiżgwidaw jew saħanistra perikolużi.*

### **Emenda 92**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Anness II – parti 3 – punt 3.3 – punt a**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3.3. Mirja jew apparati li juru wara

Spezzjoni viżwali.

(a) Il-mera jew l-apparat huwa nieqes jew mhux imwahħhal skont ir-rekwiżiti.

##### *Emenda tal-Parlament*

3.3. Mirja jew apparati li juru wara

Spezzjoni viżwali.

(a) Il-mera jew l-apparat huwa nieqes jew mhux imwahħhal skont ir-rekwiżiti, **inklużi dawk imsemmija fid-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità.**

## *Ġustifikazzjoni*

*Fir-Rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità, il-Kummissjoni spjegat li l-maġġoranza tal-Istati Membri ma kellhomx informazzjoni dettaljata dwar in-numru ta' vetturi li m'għaddewx mit-test tal-affidabilità stradali għaliex naqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-retrofitting. Dawn ir-rekwiżiti tar-retrofitting, madankollu, huma kruċjali għas-sikurezza stradali u għandhom jiġu inklużi bħala parti mit-test.*

### **Emenda 93**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Anness II – parti 3 – punt 4.1.2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

4.1.2. Allinjament

Stabbilixxi l-mira orizzontali ta' kull fanal ta' quddiem fuq dawl

Il-mira ta' fanal ta' quddiem mhix fil-limiti stipulati fir-rekwiżiti.



baxx billi tuża strument  
***jew skrin*** biex timmira l-  
fanal ta' quddiem.

*Emenda tal-Parlament*

4.1.2. Allinjament

Stabbilixxi l-mira  
orizzontali ***u vertikali*** ta'  
kull fanal ta' quddiem fuq  
dawl baxx billi tuża  
strument biex timmira l-  
fanal ta' quddiem ***u***  
***apparat ta' kontroll***  
***elettroniku sabiex***  
***tiċċekkja l-funzjonalità***  
***dinamika jekk ikun il-***  
***każ.***

Il-mira ta' fanal ta'  
quddiem mhix fil-limiti  
stipulati fir-rekwiżiti.

**Emenda 94**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness II – parti 3 – punt 4.1.3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4.1.3. Aktivazzjoni

Spezzjoni viżwali u billi  
tħaddimhom.

(a) Is-swiċċ ma jaħdimx  
skont ir-rekwiżiti (Għadd  
ta' fanali jixegħlu fl-istess  
ħin)

(b) Funzjoni tal-apparat  
ta' kontroll bil-ħsara.

*Emenda tal-Parlament*

4.1.3. Aktivazzjoni

Spezzjoni viżwali u billi  
tħaddimhom ***u bl-użu,***  
***fejn xieraq, ta' apparat***  
***ta' kontroll elettroniku.***

(a) Is-swiċċ ma jaħdimx  
skont ir-rekwiżiti (Għadd  
ta' fanali jixegħlu fl-istess  
ħin).

(b) Funzjoni tal-apparat  
ta' kontroll bil-ħsara.

**Emenda 95**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness II – parti 3 – punt 4.1.5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4.1.5. Apparati ta' livellar  
(fejn obbligatorju)

Spezzjoni viżwali u ***jekk possibbli***, billi tħaddimhom.

(a) L-apparat ma jaħdimx.

(b) L-apparat manwali ma jistax jitħaddem mis-sit tax-xufier.

*Emenda tal-Parlament*

4.1.5. Apparati ta' livellar  
(fejn obbligatorju)

Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom u ***bl-użu, fejn xieraq, ta' apparat ta' kontroll elettroniku.***

(a) L-apparat ma jaħdimx.

(b) L-apparat manwali ma jistax jitħaddem mis-sit tax-xufier.

**Emenda 96**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness II – parti 3 – punt 4.3.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4.3.2. Attivazzjoni

Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom.

(a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti.

(b) Funzjoni tal-apparat ta' kontroll bil-ħsara.

*Emenda tal-Parlament*

4.3.2 ***Fanali ta' waqfien*** –  
attivazzjoni ***tad-dawl tal-brejkijiet ta' emerġenza***

Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom, ***billi tuża apparat ta' kontroll elettroniku għal varjazzjoni tal-valur ta' input mis-sensor tal-pedala tal-brejkijiet u verifika permezz ta' osservazzjoni l-funzjonalità tad-dawl tal-brejkijiet ta' emerġenza.***

(a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti.

(b) Funzjoni tal-apparat ta' kontroll bil-ħsara.

**(ba) Il-funzjonijiet tad-dawl tal-brejkijiet ta' emerġenza ma jaħdmux jew ma jaħdmux sew.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Għandu jintuża apparat ta' kontroll elettroniku għall-ġenerazzjoni tas-sinjali ta' input mis-sensor tal-pedala tal-brejkijiet għall-verifika tal-funzjonalità korretta tal-funzjoni tad-dawl tal-brejkijiet ta' emerġenza (inkluża l-attwazzjoni tal-hazards awtomatiċi), li tista' mbagħad tiġi vverifikata b'osservazzjoni diretta.*

#### **Emenda 97**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Anness II – parti 3 – punt 4.5.2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4.5.2 Allinjament (X)<sup>(2)</sup>

billi tħaddimhom u billi tuża apparat għall-immirar tal-fanali ta' quddiem.

Il-fanal kontra ċ-ċpar ta' quddiem jinsab barra l-allinjament orizzontali meta fid-disinn tad-dawl ikun hemm linja ta' qtugħ.

#### *Emenda tal-Parlament*

4.5.2 Allinjament (X)<sup>(2)</sup>

billi tħaddimhom u billi tuża apparat għall-immirar tal-fanali ta' quddiem.

Il-fanal kontra ċ-ċpar ta' quddiem jinsab barra l-allinjament orizzontali **u vertikali** meta fid-disinn tad-dawl ikun hemm linja ta' qtugħ.

#### **Emenda 98**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Anness II – parti 3 – punt 5.2.2 – punt da (ġdid)**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5.2.2. Roti

Spezzjoni viżwali taż-żewġ naħat ta' kull rota bil-vettura fuq fossa jew fuq parank.

(a) Kwalunkwe ksur jew difett fil-weldjar.

(...)

*Emenda tal-Parlament*

5.2.2. Roti

Spezzjoni viżwali taż-  
żewġ naħat ta' kull rota  
bil-vettura fuq fossa jew  
fuq parank.

(a) Kwalunkwe ksur jew  
difett fil-weldjar.

(...)

**(da) Ir-rota mhix  
kompatibbli mal-buttun  
tar-rota.**

*Ġustifikazzjoni*

*Jeżisti tħassib serju dwar ir-responsabbiltà u s-sikurezza assoċjat ma' roti substandard jew difettużi, fejn ir-roti jiġu mmuntati fuq fusijiet li mhumiex standard. L-ittestjar ta' roti li mhumiex konformi mal-buttun tar-rota għandu jiġi ttrattat bħala element kritiku għas-sikurezza u għalhekk għandu jiddaħħal fil-lista ta' elementi li għandhom jiġu ċċekkjati waqt l-ittestjar tal-affidabilità stradali.*

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 3 – punt 5.2.3 – kolonna 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5.2.3. Tajers

Spezzjoni viżwali tat-tajer  
sħiħ jew billi ddawwar ir-  
rota tat-triq biha maqtugħa  
mill-art u l-vettura fuq  
fossa jew fuq parank, jew  
billi tmexxi l-vettura lura  
u 'l quddiem fuq fossa.

*Emenda tal-Parlament*

5.2.3. Tajers

Spezzjoni viżwali tat-tajer  
sħiħ jew billi ddawwar ir-  
rota tat-triq biha maqtugħa  
mill-art u l-vettura fuq  
fossa jew fuq parank, jew  
billi tmexxi l-vettura lura  
u 'l quddiem fuq fossa.

***Uża geġ tal-pressjoni  
biex tkejjel il-pressjoni  
tat-tajers u qabbilha mal-  
valuri mogħtija mill-***

**manifattur.**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-pressjoni ta' tajer ma tistax tiġi ċċekkjata mingħajr l-użu ta' geġ tal-pressjoni. L-ispettur irid iqabbel jekk il-pressjoni tat-tajers hijiex konformi ma' dik rakkomandata mill-manifattur tal-vettura.*

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – parti 3 – punt 8.2.1.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

8.2.1.2 Emissjonijiet gassużi

*Kejl li juża analizzatur tal-gass tal-egżost konformi mar-rekwiżiti. **Inkella, għal vetturi mgħammra b'sistemi dijanjostiċi abbord (OBD) adegwati, it-tħaddim kif suppost tas-sistema tal-emissjonijiet jista' jiġi ċċekkjat permezz tal-qari xieraq tal-mezz OBD u ċċekkjar tat-tħaddim xieraq tas-sistema OBD installata tal-kejl ta' emissjonijiet bil-magna mhix ingranata skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-kondizzjonament tal-manifattur u rekwiżiti oħra.***

(a) Jew, l-emissjonijiet gassużi huma oġġla mill-livelli speċifiċi indikati mill-manifattur;

(b) Inkella, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, l-emissjonijiet ta' CO jkunu oġġla minn:

- i) għal vetturi mhux ikkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata,
  - 4.5%, jew
  - 3.5%

skont id-data tal-ewwel  
reġistrazzjoni jew użu  
speċifikat fir-rekwiżiti.

ii) għal vetturi kkontrollati  
minn sistema ta' kontroll  
tal-emissjonijiet  
avanzata:

– bil-magna mhux  
ingranata: 0.5%

– bi spid għoli mingħajr  
ingranaġġ: 0.3%

jew

– bil-magna mhux  
ingranata: 0.3%<sup>6</sup>

– bi spid għoli mingħajr  
ingranaġġ: 0.2%

skont id-data tal-ewwel  
reġistrazzjoni jew użu  
speċifikat fir-rekwiżiti.

(c) Il-valur Lambda huwa  
barra mill-medda  $1 \pm 0.03$   
jew mhux skont l-  
ispeċifikazzjoni tal-  
manifattur.

(d) Il-valur moqri mill-  
OBD jindikar  
funzjonament ħażin  
sinifikanti.

#### *Emenda tal-Parlament*

8.2.1.2 Emissjonijiet  
gassużi

Kejl li juża analizzatur tal-  
gass tal-egżost konformi  
mar-rekwiżiti. ***L-ittestjar  
tal-pajp tal-egżost  
għandu dejjem ikun il-  
metodu awtomatiku tal-  
valutazzjoni tal-  
emissjonijiet tal-egżost,  
anke jekk ikkombinat  
ma' OBD.***

***Għal vetturi mgħammra  
b'OBD skont ir-rekwiżiti  
(<sup>1</sup>), il-qari tal-***

(a) Jew, l-emissjonijiet  
gassużi huma oġġla mil-  
livelli speċifiċi indikati  
mill-manifattur;

**informazzjoni tal-OBD u kontrolli (tlestija) tal-funzjonament xieraq tas-sistema tal-OBD bil-magna mhux ingranata skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur u rekwiżiti oħra <sup>(1)</sup>.**

**Kejl tal-livelli u partikoli ta' NOx permezz ta' tagħmir xieraq/analizzatur tal-gass mgħammar b'mod xieraq, bl-użu ta' metodi ta' ttestjar tal-pajp tal-egżost eżistenti.**

(b) Inkella, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, l-emissjonijiet ta' CO jkunu ogħla minn:

i) għal vetturi mhux ikkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata,  
– 4.5%, jew

– 3.5%

skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti.

ii) għal vetturi kkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata:

– bil-magna mhux ingranata: 0.5%

– bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0.3%

jew

– bil-magna mhux ingranata: 0.3%<sup>6</sup>

– bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0.2%

**jew**

**– bil-magna mhux ingranata: 0.2% <sup>(6a)</sup>**

– **bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0.1%** <sup>(6a)</sup>

skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti.

(c) Il-valur Lambda huwa barra mill-medda  $1 \pm 0.03$  jew mhux skont l-ispeċifikazzjoni tal-manifattur.

(d) Il-valur moqri mill-OBD jindika funzjonament ħażin sinifikanti **bi spid mingħajr ingranaġġ**.

**Livell ta' NOx jew valuri tal-partikoli mhux skont ir-rekwiżiti jew li jaqbżu l-livelli speċifiċi mogħtija mill-manifattur.**

<sup>(6a)</sup> **Tip approvat skont il-limiti tat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew irreġistrat jew imdaħħal fis-servizz għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2007 (Euro 5).**

**Emenda 101  
Proposta għal regolament  
Anness II – parti 3 – punt 8.2.2.2**

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>		
8.2.2.2 Opaċità		
Vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dan ir-rekwiżit.	(a) L-opaċità tal-gass tal-egżost għandha tiġi mkejla waqt aċċellerazzjoni ħielsa (mingħajr tagħbija minn spid mingħajr ingranaġġ sa dak tal-qtugħ) bil-ger fil-pożizzjoni newtrali u l-klaċċ magħfus.	(a) Għal vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti,
	(b) Il-prekondizzjonament tal-vettura:	l-opaċità tkun aktar mill-livell reġistrat fuq il-



		pjanċa li l-manifattur iwaħħal mal-vettura.
	1. Il-vetturi jistgħu jiġu ttestjati mingħajr prekundizzjonament għalkemm għal raġunijiet ta' sikurezza, għandhom isiru kontrolli li l-magna tkun sħuna u f'kundizzjoni mekkanika sodisfaċenti.	(b) Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza,
	2. Ir-rekwiżiti tal-prekundizzjoni:	għal magni b'respirazzjoni naturali: $2.5 \text{ m}^{-1}$ ,
	(i) Il-magna trid tkun sħuna għalkollox, pereżempju t-temperatura taż-żejt tal-magna mkejla b'sonda mit-tubu tal-ħadid li timmarka l-livell taż-żejt għandha tkun mill-inqas ta' $80 \text{ }^\circ\text{C}$ , jew it-temperatura normali ta' tħaddim f'każ li din tkun aktar baxxa, jew it-temperatura tal-blokka tal-magna mkejla permezz tal-livell ta' radjazzjoni infraħamra għandha tkun mill-inqas daqs temperatura ekwivalenti. Jekk, minħabba l-konfigurazzjoni tal-vettura, dan il-kejl ma jkunx prattiku, il-mod kif tiġi stabbilita t-temperatura normali ta' tħaddim tal-magna jista' jsir b'mezzi oħra, pereżempju bit-tħaddim tal-fann tat-tkessiħ tal-magna.	għal magni bit-turbo: $3.0 \text{ m}^{-1}$ ,
	(ii) Is-sistema tal-egżożt għandha tiġi mnaddfa b'mill-inqas tliet ċikli ta' aċċelerazzjoni jew	jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti jew irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-

	b'metodu ekwivalenti.	data speċifikata fir-rekwiżiti,
	(c) Il-proċedura tat-test:	1.5 m <sup>-17</sup> .
	1. Il-magna u kwalunkwe turboċarġer imwaħħal, ma għandhomx ikunu ingranati qabel il-bidu ta' kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa. Għall-vetturi diżil heavy-duty, dan ifisser stennija ta' mill-anqas 10 sekondi wara r-rilaxx tal-aċċelleratur.	
	2. Sabiex jinbeda kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-pedala tal-aċċelleratur trid tingħafas għalkollox, bil-ħeffa u b'mod kontinwu (f'inqas minn sekonda) iżda mhux bil-goff, sabiex tinkiseb il-kwantità massima ta' fjuwil mill-pompa tal-injezzjoni.	
	3. Matul kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-magna għandha tilħaq l-ispid tal-qtuġh jew, għall-vetturi bi trażmissjonijiet awtomatiċi, l-ispid speċifikat mill-manifattur jew, jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, allura l-ispid ta' żewġ terzi tal-ispid tal-qtuġh, qabel ma jiġi rilaxxat l-aċċelleratur. Dan jista' jiġi ċċekkjat, pereżempju, billi jiġi mmonitorjat l-ispid tal-magna jew billi jiġi jitħalla jgħaddi biżżejjed ħin bejn l-għafis inizjali tal-aċċelleratur u r-rilaxx tiegħu, li fil-każ tal-vetturi	

	tal-kategorija 1 u 2 tal-Anness 1, għandu jkun ta' mill-anqas żewġ sekondi.	
	4. Il-vetturi għandhom jiġu mwaħħla fit-testijiet fil-każ biss li l-medji aritmetiċi ta' mill-anqas l-aħħar tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jaqbżu l-valuri tal-limitu. Dan jista' jiġi kkalkulat billi jiġi injorat kull kejl li ma jaqbilx b'mod sinifikanti mal-medja mkejla, <b><i>jew ir-riżultat ta' kwalunkwe kalkolu statistiku ieħor li jikkunsidra t-tifrix tal-kejljiet.</i></b> L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-għadd ta' ċikli tat-testijiet.	
	5. Sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jwaħħlu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm ogħla mill-valuri ta' limitu wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċ-ċikli tat-tnaddif. Daqstant ieħor, sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jgħaddu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm aktar baxxi mil-limitu wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċikli tat-tnaddif.	
<i>Emenda tal-Parlament</i>		
8.2.2.2 Opaċità		
Vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dan ir-	(a) L-opaċità tal-gass tal-egżost għandha tiġi mkejla waqt aċċellerazzjoni ħielsa	(a) Għal vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-

rekwiżit.	(mingħajr tagħbija minn spid mingħajr ingranaġġ sa dak tal-qtugħ) bil-ger fil-pożizzjoni newtrali u l-klaċċ magħfus. <b><i>L-ittestjar tal-pajp tal-egżost għandu dejjem ikun il-metodu awtomatiku tal-valutazzjoni tal-emissjonijiet tal-egżost, anke jekk ikkombinat ma' OBD.</i></b>	rekwiżiti,
	<b><i>Għal vetturi mgħammra b'OBD skont ir-rekwiżiti <sup>(1)</sup>, il-qari tal-informazzjoni tal-OBD u kontrolli (tlestija) tal-funzjonament xieraq tas-sistema tal-OBD bil-magna mhux ingranata skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur u rekwiżiti oħra <sup>(1)</sup>.</i></b>	
	(b) Il-prekondizzjonament tal-vettura:	l-opaċità tkun aktar mill-livell reġistrat fuq il-pjanċa li l-manifattur iwaħħal mal-vettura.
	1. Il-vetturi jistgħu jiġu ttestjati mingħajr prekondizzjonament għalkemm għal raġunijiet ta' sikurezza, għandhom isiru kontrolli li l-magna tkun sħuna u f'kundizzjoni mekkanika sodisfaċenti.	(b) Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza,
	2. Ir-rekwiżiti tal-prekondizzjoni:	għal magni b'inspirazzjoni naturali: 2.5 m <sup>-1</sup> ,
	(i) Il-magna trid tkun sħuna għalkollox, pereżempju t-temperatura taż-żejt tal-magna mkejla b'sonda mit-tubu tal-ħadid li timmarka l-livell taż-	għal magni bit-turbo: 3.0 m <sup>-1</sup> ,

	<p>żejt għandha tkun mill-inqas ta' 80 °C, jew it-temperatura normali ta' tħaddim f'każ li din tkun aktar baxxa, jew it-temperatura tal-blokka tal-magna mkejla permezz tal-livell ta' radjazzjoni infraħamra għandha tkun mill-inqas daqs temperatura ekwivalenti. Jekk, minħabba l-konfigurazzjoni tal-vettura, dan il-kejl ma jkunx prattiku, il-mod kif tiġi stabbilita t-temperatura normali ta' tħaddim tal-magna jista' jsir b'mezzi oħra, pereżempju bit-tħaddim tal-fann tat-tkessiħ tal-magna.</p>	
	<p>(ii) Is-sistema tal-egżożt għandha tiġi mnaddfa b'mill-inqas tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni jew b'metodu ekwivalenti.</p>	<p>jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti jew irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti,</p>
	<p>(c) Il-proċedura tat-test:</p>	<p>1.5 m<sup>-1.7</sup></p>
	<p>1. Il-magna u kwalunkwe turboċarġer imwaħħal, ma għandhomx ikunu ingranati qabel il-bidu ta' kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa. Għall-vetturi diżil heavy-duty, dan ifisser stennija ta' mill-anqas 10 sekondi wara r-rilaxx tal-aċċelleratur.</p>	<p><i>jew</i></p>
	<p>2. Sabiex jinbeda kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-pedala tal-aċċelleratur trid tingħafas għalkollox, bil-ħeffa u</p>	<p><i>0.5 m<sup>-1.6a</sup></i></p>

	<p>b'mod kontinwu (f'inqas minn sekonda) iżda mhux bil-goff, sabiex tinkiseb il-kwantità massima ta' fjuwil mill-pompa tal-injezzjoni.</p>	
	<p>3. Matul kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-magna għandha tilħaq l-ispid tal-qtuġh jew, għall-vetturi bi trażmissjonijiet awtomatiċi, l-ispid speċifikat mill-manifattur jew, jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, allura l-ispid ta' żewġ terzi tal-ispid tal-qtuġh, qabel ma jiġi rilaxxat l-aċċelleratur. Dan jista' jiġi ċċekkjat, pereżempju, billi jiġi mmonitorjat l-ispid tal-magna jew billi jitħalla jgħaddi biżżejjed ħin bejn l-għafis inizjali tal-aċċelleratur u r-rilaxx tiegħu, li fil-każ tal-vetturi tal-kategorija 1 u 2 tal-Anness 1, għandu jkun ta' mill-anqas żewġ sekondi.</p>	
	<p>4. Il-vetturi għandhom jiġu mwaħħla fit-testijiet fil-każ biss li l-medji aritmetiċi ta' mill-anqas l-aħħar tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jaqbżu l-valuri tal-limitu. Dan jista' jiġi kkalkulat billi jiġi injorat kull kejl li ma jaqbilx b'mod sinifikanti mal-medja mkejla. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-għadd ta' ċikli tat-testijiet.</p>	
	<p>5. Sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati</p>	

	<p>Membri jistgħu jwahnli l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm ogħla mill-valuri ta' limitu wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċ-ċikli tat-tnaddif. Daqstant ieħor, sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jgħaddu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm aktar baxxi mil-limiti wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċikli tat-tnaddif.</p>	
	<p><i>Kejl tal-livelli u partikoli ta' NOx permezz ta' tagħmir xieraq/analizzatur tal-gass mgħammar b'mod xieraq, bl-użu ta' metodi ta' ttestjar tal-aċċelerazzjoni ħielsa.</i></p>	<p><i>Livell ta' NOx jew valuri tal-partikoli mhux skont ir-rekwiżiti jew li jaqbżu l-livelli speċifiċi mogħtija mill-manifattur.</i></p>
<p><i><sup>6a</sup> Tip approvat skont il-limiti tat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew irreġistrat jew imdaħħal fis-servizz għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2007 (Euro 5).</i></p>		

**Emenda 102**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness III – punt 1.8 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1.8 Fluwidu tal-brejk (a) Temperatura ta' meta jbaqbaq il-fluwidu tal-brejk baxxa wisq ***jew kontenut tal-ilma għoli wisq***

*Emenda tal-Parlament*

1.8 Fluwidu tal-brejk (a) Temperatura ta' meta jbaqbaq il-fluwidu tal-brejk baxxa wisq

## *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jiġi żgurat l-ittestjar preċiż tal-fluwidu tal-brejk sabiex jiġu evitati riżultati li jiżgwidaw jew saħanistra perikolużi.*

### **Emenda 103**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Anness III – punt 5.2.2 – paragrafu da (ġdid)**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

	Min uri	Ma ġġu ri	Peri kol użi
5.2.2. Roti			x
	(a) Kwalunkwe ksur jew difett fil-weldjar.		
	(...)		

##### *Emenda tal-Parlament*

	Min uri	Ma ġġu ri	Peri kol użi
5.2.2. Roti			x
	(a) Kwalunkwe ksur jew difett fil-weldjar.		
	(...)		
	<b>(da) Ir-rota mhix kompatibbli mal-buttun tar-rota.</b>	<b>x</b>	

## *Ġustifikazzjoni*

*Jeżisti tħassib serju dwar ir-responsabbiltà u s-sikurezza assoċjat ma' roti substandard jew difettużi, fejn ir-roti jiġu mmuntati fuq fusijiet li mhumiex standard. L-ittestjar ta' roti li mhumiex konformi mal-buttun tar-rota għandu jiġi ttrattat bħala element kritiku għas-sikurezza u għalhekk għandu jiddaħħal fil-lista ta' elementi li għandhom jiġu ċċekkjati waqt l-ittestjar tal-affidabilità stradali.*

### **Emenda 104**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Anness III – punt 5.2.3**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

	Min	Ma	Peri
PE504.196v02-00			
64/140			
RR\939497MT.doc			



	uri	ggu ri	kol użi
5.2.3. Tajers			
(a) Id-daqs tat-tajers, il-kapaçità ta' tagħbija, il-marka tal-approvazzjoni jew il-klassifikazzjoni tal-ispid mhumiex skont ir-rekwiżiti u jaffettwaw is-sikurezza fit-triq.		x	
Kapaçità ta' tagħbija jew klassifikazzjoni tal-ispid insuffiçjenti għall-użu attwali, it-tajer imiss ma' partijiet fissi oħra tal-vettura u b'hekk jiġi mdgħajjef is-sewqan sikur			x
(b) It-tajers fuq l-istess fus jew fuq roti doppji ta' daqsijiet differenti.		x	
(c) It-tajers fuq l-istess fus huma ta' kostruzzjoni differenti (radjali/djagonali).		x	
(d) Kwalunkwe ħsara jew qtuġh serju fit-tajer.		x	
Kejbil viżibbli jew bil-ħsara			x
(e) <b><i>Il-ħxuna tat-tajer mhix skont ir-rekwiżiti<sup>(1)</sup>.</i></b>		x	
<b><i>Anqas minn 80 % tal-ħxuna tat-tajer meħtieġa</i></b>			x
(f) It-tajer iħokk ma' komponenti oħra (apparati flessibbli kontra t-titjir).	x		
It-tajer iħokk ma' komponenti oħra (is-sewqan sikur mhux imdgħajjef)		x	
(g) Tajers rikundizzjonati mhux skont ir-rekwiżiti.		x	
Affettwat is-saff ta' protezzjoni tal-kejbil			x

		Min uri	Ma ġġu ri	Peri kol użi
	(h) Funzjonament ħażin tas-sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni <i>tal-arja</i>		x	
	Jidher ċar li ma taħdimx.		x	
	<i>Emenda tal-Parlament</i>			
5.2.3. Tajers	(a) Id-daqs tat-tajers, il-kapaċità ta' tagħbija, il-marka tal-approvazzjoni jew il-klassifikazzjoni tal-ispid mhumiex skont ir-rekwiżiti u jaffettwaw is-sikurezza fit-triq.		x	
	Kapaċità ta' tagħbija jew klassifikazzjoni tal-ispid insuffiċjenti għall-użu attwali, it-tajer imiss ma' partijiet fissi oħra tal-vettura u b'hekk jiġi mdgħajjed is-sewqan sikur			x
	(b) It-tajers fuq l-istess fus jew fuq roti doppji ta' daqsijiet differenti.		x	
	(c) It-tajers fuq l-istess fus huma ta' kostruzzjoni differenti (radjali/djagonali).		x	
	(d) Kwalunkwe ħsara jew qtugħ serju fit-tajer.		x	
	Kejbil viżibbli jew bil-ħsara			x
	(e) <i>Indikatur tal-użu eċċessiv għal wiċċ it-tajer isir viżibbli.</i>		x	
	<i>Wiċċ it-tajer bi hxuna legali. Wiċċ it-tajers anqas mill-hxuna legali.</i>			x
	(f) It-tajer iħokk ma' komponenti oħra (apparati flessibbli kontra t-titjir).	x		

It-tajer ihokk ma' komponenti oħra (is-sewqan sikur mhux imdgħajjef)		x	
(g) Tajers rikundizzjonati mhux skont ir-rekwiżiti.		x	
Affettwat is-saff ta' protezzjoni tal-kejbil			x
(h) Funzjonament ħażin tas-sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni <i>tat-tajer jew jidher ċar li t-tajer mhux minfuħ biżżejjed</i>	x		
Jidher ċar li ma taħdimx.		x	
<i>(i) Pressjoni ta' tħaddim waqt is-servizz f'wieħed mit-tajers tal-vettura mnaqqsa b'20 %, iżda mhux taħt il-150 kPa</i>		x	
<i>Pressjoni tat-tajers inqas minn 150 kPa</i>			x

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sewqan b'tajers minfuħin b'mod korrett isaħħaħ l-effiċjenza ta' tajers b'reżistenza baxxa għat-tidwir (low rolling resistance tyres) u jnaqqas l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> b'daqs 5g għal kull kilometru. Tajer taħt il-150kPa mhuwiex biss insikur iżda perikoluż għax hemm riskju li jisplodi. Kwalunwke tajer bi ħxuna tal-wiċċ inqas mir-rekwiżiti legali huwa illegali u għalhekk m'għandux jitħalla jintuża fit-toroq Ewropej. Huwa għal din ir-raġuni li dan id-difett għandu jiġi mmarkat bħala perikoluż. Kwalunkwe wiċċ ta' tajer fil-livell legali ta' ħxuna għandu jinbidel qabel ma jsir perikoluż u għalhekk għandu jiġi mmarkat bħala maġġuri.*

#### **Emenda 105**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Anness III – punt 8.2.1.2 – punt b**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

		Min uri	Ma ggu ri	Peri kol użi
8.2.1.2 Emissjonijiet gassużi	(b) Jew, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx		x	

disponibbli, l-emissjonijiet ta' CO jkunu ogħla minn:

(...)

ii) għal vetturi kkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata:

– bil-magna mhux ingranata: 0.5%

– bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0.3%

jew

– bil-magna mhux ingranata: 0.3%

– bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0.2%

skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti.

*Emenda tal-Parlament*

8.2.1.2 Emissjonijiet gassużi

(b) Jew, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, l-emissjonijiet ta' CO jkunu ogħla minn:

(...)

ii) għal vetturi kkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata:

– bil-magna mhux ingranata: 0.5%

– bi spid għoli mingħajr ingranaġġ: 0.3%

jew

– bil-magna mhux

Min uri	Ma ggu ri	Peri kol użi
---------	-----------	--------------

x

ingranata: 0.3%

– bi spid għoli mingħajr  
ingranaġġ: 0.2%

*jew*

– *bil-magna mhux*  
*ingranata: 0.2% <sup>6a</sup>*

– *bi spid għoli mingħajr*  
*ingranaġġ: 0.1% <sup>6a</sup>*

skont id-data tal-ewwel  
reġistrazzjoni jew użu  
speċifikat fir-rekwiżiti.

---

*<sup>6a</sup> Tip approvat skont il-limiti tat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew irreġistrat jew imdaħħal fis-servizz għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2007 (Euro 5).*

## **Emenda 106**

### **Proposta għal regolament**

#### **Anness III – punt 8.2.2.2 – punt b**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

	Min uri	Ma ggu ri	Peri kol użi
8.2.2.2 Opaċità			
Vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dan ir-rekwiżit.		x	
	Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza,		
	għal magni b'inspirazzjoni naturali: 2.5 m <sup>-1</sup> ,		
	għal magni bit-turbo: 3.0 m <sup>-1</sup> ,		
	jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti jew irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara id-data speċifikata fir-rekwiżiti		

1.5 m<sup>-1</sup>.

*Emenda tal-Parlament*

	Min uri	Ma ġġu ri	Peri kol użi
8.2.2.2 Opaċità			
Vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dan ir-rekwiżit.		x	
	Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza, għal magni b'inspirazzjoni naturali: 2.5 m <sup>-1</sup> , għal magni bit-turbo: 3.0 m <sup>-1</sup> , jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti jew irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti, 1.5 m <sup>-1</sup> . <i>jew</i> <i>0.5 m-1</i> <sup>6a</sup>		

---

<sup>6a</sup> *Tip approvat skont il-limiti tat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew irreġistrat jew imdaħħal fis-servizz għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2007 (Euro 5).*

**Emenda 107**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness IV – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(6a) Dettalji ta' tiswijiet kbar minħabba inċident***

**Emenda 108**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness V – parti I – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Jista' jintuża tagħmir alternattiv li jimplimenta l-innovazzjoni teknoloġika b'mod newtrali sakemm ikun jiżgura livell ta' kwalità għolja ekwivalenti tal-ittestjar.*

**Emenda 109**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness V – parti 1 – paragrafu 1 – punt 15 – inċiż 15a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*– Gejġ tal-pressjoni biex titkejjel il-pressjoni tat-tajers;*

*Ġustifikazzjoni*

*Jinħtiegġ gejġ tal-pressjoni biex titkejjel il-pressjoni tat-tajers.*

## NOTA SPJEGATTIVA

### Il-proposta tal-Kummissjoni

*I. Ir-regoli eżistenti tal-UE dwar it-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali ta' vetturi bil-mutur*

Id-Direttiva 2009/40/KE tistabbilixxi standards minimi għall-kontrolli tal-vettura regolari. Id-Direttiva tapplika għall-karozzi tal-passiġġieri, ix-xarabanks u l-kowċis u għall-vetturi tqal u t-trejlers tagħhom, iżda mhux għall-iskuters u l-muturi.

*II. Proposta ġdida għall-ittestjar tal-affidabilità stradali*

Il-Kummissjoni ressqet regoli ġodda dwar l-ittestjar tal-affidabilità stradali bil-għan li tkompli ttejjeb is-sikurezza fit-toroq u tiżgura livell għoli ta' ħarsien ambjentali. Il-Proposta hija konformi mal-għanijiet tas-sikurezza fit-toroq stabbiliti fil-White Paper dwar 'Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport'.

Il-Proposta hija bbażata fuq it-twaqqif ta' standards minimi komuni tal-UE għall-kontrolli ta' vetturi, fejn l-Istati Membri jkunu liberi li jmorru lil hinn u jintroduċu standards ogħla, jekk dan ikun meħtieġ.

L-elementi prinċipali tal-Proposta huma:

1. Ittestjar obligatorju fl-UE kollha għall-iskuters u l-muturi. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-vetturi li għandhom jiġu ttestjati jiġi estiż għal dan il-grupp ta' utenti tat-triq bl-ogħla riskju. It-trejlers ħfief (taħt 3.5 tunnellati) se jiġu ttestjati wkoll. Dawn il-kategoriji ta' vetturi attwalment huma esklużi mis-sistema mħaddma fl-UE. L-ittestjar tagħhom jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri.
2. Żieda fil-frekwenza tat-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għal ċerti kategoriji ta' vetturi. Attwalment, il-karozzi u l-vannijiet (sa 3.5 tunnellati) li għandhom aktar minn sitt snin huma kkontrollati darba kull sentejn. Qed jiġi propost li dawn jiġi kkontrollati ta' mill-inqas kull sena wara s-sitt snin. Dan ifisser bidla għal 4-2-1 minflok 4-2-2 ta' bħalissa. Il-formula 4-2-1 qed tiġi proposta wkoll għall-iskuters u l-muturi. Barra minn hekk, qed jiġi propost li tiżdied il-frekwenza tat-testijiet għall-karozzi u l-vannijiet b'kilometraġġ għoli (160 000 km). Dawn il-vetturi għandhom ikunu spezzjonati kull sena wara l-ewwel test (4-1-1 minflok 4-2-2 eżistenti) jekk sad-data tal-ewwel spezzjoni (wara 4 snin) jilħqu kilometraġġ ta' aktar minn 160 000 km. Dan għandu jwassal biex it-testijiet tagħhom ikunu konformi ma' dawk ta' vetturi oħra b'kilometraġġ għoli bħat-taxis, l-ambulanzi, eċċ.
3. Huwa propost li jiġi stabbilit livell minimu ta' ħiliet u rekwiżiti ta' taħriġ għall-ispetturi.
4. Titjib fil-kwalità tat-testijiet ta' vetturi billi jiġu stabbiliti standards minimi komuni għal nuqqasijiet u tagħmir.
5. Kontroll fuq il-frodi fir-rigward tal-kilometraġġ, bil-qari reġistrat tal-kilometraġġ
6. Il-komponenti elettroniċi tas-sikurezza jiġu soġġetti għal ittestjar mandatorju.



Il-parlamenti nazzjonali: Il-parlamenti nazzjonali tal-FR, NL, SE u CY formalment oġġezzjonaw minħabba li l-Proposta tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà tal-UE.

## **L-opinjoni tar-Rapporteur**

Matul id-dibattitu parlamentari għandu jiġi kkunsidrat b'attenzjoni jekk il-miżuri proposti humiex proporzjonati mal-għanijiet segwiti. L-impatt tal-proposta fuq iċ-ċittadini u n-negozji għandu jiġi vvalutat bir-reqqa sabiex ikun evitat piż finanzjarju u amministrattiv mhux meħtieġ. Hemm bżonn li jiġi stabbilit riżultat ibbilanċjat.

Fid-dawl ta' dak kollu msemmi hawn fuq, ir-Rapporteur jipproponi:

1. Frekwenza tat-testijiet u l-kategoriji ta' vetturi: Ir-Rapporteur jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi estiż l-ittestjar tal-affidabilità stradali għall-iskuters u l-muturi minħabba li dawn jirrappreżentaw grupp ta' utenti f'riskju ogħla. Madankollu, jidher li jkun aktar proporzjonat li tinbidel il-frekwenza minn 4-2-1 għal 4-2-2 għal dawn il-kategoriji ta' vetturi. Il-formula 4-2-2 tirrappreżenta wkoll approċċ ibbilanċjat għall-ittestjar ta' karozzi u vetturi ħfief ikkonċernati minħabba li diversi studji li jikkonċernaw ir-rabta bejn l-inċidenti u n-nuqqasijiet tekniċi jagħtu riżultati ambigwi f'termini tal-impatt ta' testijiet aktar frekwenti fuq is-sikurezza fit-toroq. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tkompli tissorvelja u tevalwa din il-kwistjoni u tirrapporta lura lill-koleġislaturi. Stat Membru għandu jitħalla jintroduċi testijiet aktar frekwenti. Il-kriterju tal-kilometraġġ jista' jqajjem mistoqsijiet dwar il-manipulazzjoni tal-odometri. Għaldaqstant qed jiġi propost li dan l-element jitneħħa mill-Proposta.

2. Ir-rekwiżiti tekniċi u l-metodi tal-ittestjar kif stabbiliti fl-Annessi għandhom jiġu kkunsidrati bħala standards minimi tal-UE. L-Istati Membri għandhom jitħallew iżommu jew jintroduċu standards ogħla. Dan il-prinċipju ġie stabbilit fl-Artikolu 6(2) tal-Proposta. Ir-Rapporteur jissuġġerixxi emendi bil-għan li jissaħħaħ dan il-prinċipju. L-istess japplika għar-rekwiżiti ta' kwalifika għall-ispetturi li wkoll għandhom ikunu dawk minimi.

3. Huwa kruċjali li l-ittestjar tal-affidabilità stradali jitwettaq minn spetturi mgħallma, imħarrġa u indipendenti. Dan qed jiġi propost sabiex tissaħħaħ l-indipendenza tal-ispetturi kif ukoll biex jiġu eliminati kunflitti ta' interess potenzjali.

4. Karozzi storiċi: Ġie rikonoxxut li l-karozzi storiċi għandhom ikunu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE. L-Istati Membri għandu jkollhom aktar diskrezzjoni fit-twaqqif tar-rekwiżiti nazzjonali tagħhom stess fir-rigward tad-definizzjoni u l-ittestjar ta' dawk il-vetturi. Filwaqt li l-Proposta tirrappreżenta bażi soda għal aktar dibattitu, ir-Rapporteur sab id-definizzjoni ta' vetturi storiċi pjuttost rigoruża u jissuġġerixxi tibdil fid-definizzjoni sabiex tkun aktar flessibbli.

5. Fil-każ ta' reġistrazzjoni mill-ġdid transfruntier tal-vetturi, ġie rakkomandat li tiġi kkunsidrata l-każistika reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (C-150/11).

6. Atti delegati: Filwaqt li ċertu grad ta' flessibilità huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata li l-leġislazzjoni tkun aġġornata mal-iżvilupp teknoloġiku, it-test tal-Kummissjoni huwa kemxejn ambigwu. Għaldaqstant, ir-Rapporteur jissuġġerixxi t-twaqqif ta' limiti aktar preċiżi għad-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni.



26.4.2013

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA**

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom li tirrevoka d-Direttiva 2009/40/KE  
(COM(2012)0380 – C7-0186/2012 – 2012/0184(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Krišjānis Kariņš

### **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Biż-żieda fil-mobilità tal-persuni madwar l-Unjoni Ewropea hemm bżonn ta' leġislazzjoni aktar armonizzata dwar it-testijiet tal-affidabilità stradali. Tali leġislazzjoni hi meħtieġa, mhux biss biex ikun hemm sigurtà stradali akbar, iżda wkoll biex iċ-ċittadini jingħataw informazzjoni valida rigward il-vetturi mixtrija fi Stat Membru differenti. Bl-iżviluppi fit-teknoloġija hemm bżonn li l-leġislazzjoni tkun adattata biex tinkludi vetturi li qabel ma kienux jaqgħu fl-ambitu tar-regolament.

Ir-rapporteur jipproponi bosta titjib għat-test.

L-ewwel nett, iċ-ċertifikat ta' affidabilità stradali u l-protokoll tat-test tal-affidabilità stradali għandhom ikunu disponibbli online għall-partijiet interessati. Dawn jinkludu l-ispettur li jwettaq l-ispezzjoni waqt it-traġitt, iċ-ċentru ta' ittestjar tal-affidabilità stradali fi Stat Membru li fih il-karozza issa ġiet irreġistrata, jew anke l-persuna li xtrat il-karozza. Id-disponibilità tal-qari tal-odometru hi essenzjali biex ikun żgurat li ma jkun sar l-ebda tbaġbis tal-odometru.

It-tieni nett, diġà hemm mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri – EUCARIS. M'hemmx għalfejn jinħoloq mekkaniżmu ta' skambju tal-informazzjoni ġdid jew li tkun esplorata l-fattibilità ta' pjattaforma elettronika Ewropea għall-informazzjoni dwar il-vetturi. Minflok, il-Kummissjoni għandha tesplora l-possibilità li tespandi l-qafas tal-EUCARIS. Ir-rapporteur hu tal-opinjoni li din hi s-soluzzjoni ekonomikament l-aktar effiċjenti, u l-aktar li tista' tiġi implimentata malajr.

U fl-aħħar nett, ir-rapporteur iqis il-penalitajiet għal frodi tal-odometru bħala inutli jekk il-qari jkun disponibbli għall-partijiet interessati. Id-disponibilità tal-qari tal-odometru għall-partijiet interessati għandha twarrab kull motivazzjoni għal falsifikazzjoni.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 7

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Riżultati sodi tal-investigazzjonijiet juru li 8 % tal-inċidenti li jinvolvu l-muturi huma kkawżati jew marbuta ma' difetti tekniċi. In-nies li jirkbu l-muturi huma l-grupp ta' utenti stradali bl-ogħla riskju għas-sikurezza, b'xejra li qed tiżdied fl-għadd ta' fatalitajiet. ***Ix-xufiera tar-roti b'mutur b'forza inqas minn 50cc ('moped') huma rrappreżentati b'mod sproporzjonat fl-għadd ta' fatalitajiet, b'aktar minn 1,400 xufier maqtul fit-toroq fl-2008.*** Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-vetturi li għandhom jiġu ttestjati għandu jiġi estiż għall-grupp ta' utenti stradali bl-ogħla riskju, il-vetturi b'żewġ jew tliet roti bil-mutur.

###### *Emenda*

(7) Riżultati sodi tal-investigazzjonijiet juru li 8 % tal-inċidenti li jinvolvu l-muturi huma kkawżati jew marbuta ma' difetti tekniċi. In-nies li jirkbu l-muturi huma l-grupp ta' utenti stradali bl-ogħla riskju għas-sikurezza, b'xejra li qed tiżdied fl-għadd ta' fatalitajiet. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-vetturi li għandhom jiġu ttestjati għandu jiġi estiż għall-grupp ta' utenti stradali bl-ogħla riskju, il-vetturi b'żewġ jew tliet roti bil-mutur. ***Ir-roti b'mutur, għalkemm sovrarappreżentati fil-għadd ta' inċidenti fatali, m'għandux ikun inkluż peress li -tweġġ ta' spezzjonijiet tekniċi b'mod daqshekk estensiv ma jkunx fattibbli u jirriżulta kuntrarju għall-prinċipju tal-proporzjonalità.***

###### *Ġustifikazzjoni*

*L-inklużjoni tal-muturi bir-roti mhijiex fattibbli. Pereżempju, biex xufier ta' roti bil-mutur f'żona rurali imur iċ-ċentru fejn issir test perijodiku tal-affidabilità stradali, ikun irid jagħmel triq twila fuq toroq prinċipali. Meta jagħmel dan, is-sewwieq ikun qed jesponi lilu nnifsu jew lilha nnifisha u persuni oħra għal riskji bla bżonn.*

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 8

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Il-vetturi agrikoli b'veloċità massima skont id-disinn ogħla minn 40 km/siegħa qed jintużaw dejjem aktar minflok it-

###### *Emenda*

(8) Il-vetturi agrikoli b'veloċità massima skont id-disinn ogħla minn 40 km/siegħa qed jintużaw dejjem aktar minflok it-

trakkijiet f'attivitajiet tat-trasport lokali. Il-potenzjal ta' riskju tagħhom huwa komparabbli ma' dak tat-trakkijiet u għalhekk din il-kategorija ta' vetturi għandha tiġi ttrattata bl-istess mod bħat-trakkijiet fir-rigward tal-ittejtjar tal-affidabilità stradali.

trakkijiet f'attivitajiet tat-trasport lokali, **u b'hekk qed jikkompetu ma' forom ta' trasport ta' merkanzija tradizzjonali**. Il-potenzjal ta' riskju tagħhom huwa komparabbli ma' dak tat-trakkijiet u għalhekk din il-kategorija ta' vetturi għandha tiġi ttrattata bl-istess mod bħat-trakkijiet fir-rigward tal-ittejtjar tal-affidabilità stradali.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-vetturi tal-kategorija T5 qed jintużaw dejjem aktar fit-traffiku stradali, dawn għandhom ikunu soġġetti għal spezzjoni ta' affidabilità stradali sħiħa.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 9**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Suppost li l-vetturi ta' interess storiku jikkonservaw il-wirt tal-epoka li nbnew fiha u huma meqjusa bħala li f'it li xejn jintużaw fit-toroq pubbliċi u għalhekk għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk jestendux il-perjodu tal-ittejtjar perjodiku tal-affidabilità stradali għal vetturi bħal dawn. Għandu jitħalla wkoll f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-ittejtjar tal-affidabilità stradali ta' tipi oħra ta' vetturi speċjalizzati.

##### *Emenda*

(9) Suppost li l-vetturi ta' interess storiku jikkonservaw il-wirt tal-epoka li nbnew fiha. ***Dawn jikkostitwixxu beni kulturali li ma jintużawx b'mod regolari bħalma jintużaw il-vetturi ta' kuljum.*** Għalhekk għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk jestendux il-perjodu tal-ittejtjar perjodiku tal-affidabilità stradali għal vetturi bħal dawn. ***Tali dritt, madankollu, m'għandux jinvolvi l-introduzzjoni ta' standards aktar stretti minn dawk li oriġinarjament kienu applikati għall-vettura.*** Għandu jitħalla wkoll f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-ittejtjar tal-affidabilità stradali ta' tipi oħra ta' vetturi speċjalizzati.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Vetturi ta' interess storiku jikkostitwixxu beni kulturali li ma jintużawx b'mod regolari bħalma jintużaw il-vetturi ta' kuljum. Għalhekk, għandhom japplikaw regoli oħra għalihom.*

## **Emenda 4**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 10**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-ittestjar tal-affidabilità stradali hija attività sovrana u għalhekk, għandha ssir mill-Istati Membri jew minn korpi fdati b'dan il-kompitu taħt is-superviżjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom jibqgħu responsabbli **għall-ittestjar** tal-affidabilità stradali fil-każijiet kollha anke meta s-sistema nazzjonali tippermetti l-awtorizzazzjoni ta' korpi privati, inklużi dawk involuti fit-twettiq tat-tiswija.

## **Emenda 5**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 11**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Għall-ispezzjoni tal-vetturi u speċjalment għall-komponenti ta' sikurezza elettroniċi tagħhom huwa kruċjali li jkun hemm aċċess għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kull vettura individwali. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi m'għandhomx jipprovdu biss is-sett komplet ta' dejta kif kopert miċ-ċertifikat ta' konformità (CoC - 'certificate of conformity') iżda għandhom jipprovdu wkoll l-aċċess għad-dejta meħtieġa għall-verifika tal-funzjonalità tal-komponenti relatati mas-sikurezza u mal-ambjent. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni għandhom jiġu applikati b'mod simili għal dan il-fini, u jippermettu li ċ-ċentri ta' spezzjoni jkollhom aċċess għal dawk l-elementi ta' informazzjoni meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabilità stradali. Dan huwa ta' importanza kruċjali fil-qasam ta' sistemi kkontrollati

##### *Emenda*

(10) L-ittestjar tal-affidabilità stradali hija attività sovrana u għalhekk, għandha ssir mill-Istati Membri jew minn korpi fdati b'dan il-kompitu taħt is-superviżjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom jibqgħu responsabbli **għall-organizzazzjoni tal-ittestjar** tal-affidabilità stradali fil-każijiet kollha anke meta s-sistema nazzjonali tippermetti l-awtorizzazzjoni ta' korpi privati, inklużi dawk involuti fit-twettiq tat-tiswija.

##### *Emenda*

(11) Għall-ispezzjoni tal-vetturi u speċjalment għall-komponenti ta' sikurezza elettroniċi tagħhom huwa kruċjali li jkun hemm aċċess għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kull vettura individwali. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi m'għandhomx jipprovdu biss is-sett komplet ta' dejta kif kopert miċ-ċertifikat ta' konformità (CoC - 'certificate of conformity') iżda għandhom jipprovdu wkoll l-aċċess għad-dejta meħtieġa għall-verifika tal-funzjonalità tas-sistemi relatati mas-sikurezza u mal-ambjent. **Id-dejta għandha tinkludi d-dettalji li jippermettu li l-funzjonalità tas-sistemi ta' sikurezza tal-vettura tkun ikkontrollata b'mod li dawn jistgħu jiġu ttestjati f'ambjent ta' spezzjoni teknika perijodika sabiex tinqas rata prevedibbli ta' vetturi li jgħaddu jew ma jgħaddux mit-test.** Id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-

elettronikament u għandu jkopri l-elementi kollha li ġew installati mill-manifattur.

manutenzjoni għandhom jiġu applikati b'mod simili għal dan il-fini, u jippermettu li ċ-ċentri ta' spezzjoni jkollhom aċċess għal dawk l-elementi ta' informazzjoni meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabilità stradali. Dan huwa ta' importanza kruċjali fil-qasam ta' sistemi kkontrollati elettronikament u għandu jkopri l-elementi kollha li ġew installati mill-manifattur.

## **Emenda 6** **Proposta għal regolament**

### **Premessa 17**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Il-frekwenza tat-testijiet għandha tiġi adattata skont it-tip ta' vettura ***u l-kilometraġġ tagħha***. Huwa aktar probabbli li l-vetturi jippreżentaw nuqqasijiet tekniċi meta jilhqqu ċertu età, ***u b'mod partikolari meta jkunu użati b'mod intensiv, wara ċertu kilometraġġ***. Għalhekk, huwa xieraq li ***l-frekwenza tal-ittestjar tiżdied għal vetturi*** aktar qodma ***u għal vetturi b'kilometraġġ għoli***.

## **Emenda 7** **Proposta għal regolament**

### **Premessa 22**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Għandu jinħareġ ċertifikat tal-affidabilità stradali wara kull test, inkluża, fost oħrajn, informazzjoni relatata mal-identità tal-vettura u informazzjoni dwar ir-riżultati tat-test. Bil-ħsieb li jkun żgurat segwitu xieraq tat-testijiet tal-affidabilità stradali, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu informazzjoni bħal din f'bażi tad-dejta.

#### *Emenda*

(17) Il-frekwenza tat-testijiet għandha tiġi adattata skont it-tip ta' vettura. Huwa aktar probabbli li l-vetturi jippreżentaw nuqqasijiet tekniċi meta jilhqqu ċertu età. Għalhekk, huwa xieraq li ***l-vetturi*** aktar qodma ***jiġu ttestjati f'intervalli regolari***.

#### *Emenda*

(22) Għandu jinħareġ ċertifikat tal-affidabilità stradali wara kull test, inkluża, fost oħrajn, informazzjoni relatata mal-identità tal-vettura u informazzjoni dwar ir-riżultati tat-test. Bil-ħsieb li jkun żgurat segwitu xieraq tat-testijiet tal-affidabilità stradali, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu informazzjoni bħal din f'bażi tad-dejta. ***Jekk ikun possibbli, għandha titqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati verżjoni elettronika***

*taċ-ċertifikat ta' affidabilità stradali fejn għandha tkun rispettata l-protezzjoni tad-dejta personali.*

## **Emenda 8** **Proposta għal regolament**

### **Premessa 23**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Huwa meqjus li l-frodi tal-odometru taffettwa bejn 5 % u 12 % tal-bejgħ tal-karozzi użati ***u dan*** jirriżulta f'kost importanti ħafna għas-soċjetà ta' diversi biljuni ta' Ewro kull sena u f'evalwazzjoni mhux korretta tal-kundizzjoni tal-affidabilità stradali ta' vettura. Bil-ħsieb li tkun miżura kontra l-frodi tal-odometru, ir-reġistrazzjoni tal-kilometraġġ ***fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali flimkien mal-obbligu li jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat tat-test preċedenti*** għandhom jiffaċilitaw l-iskoperta tat-tbagħbis jew tal-manipulazzjoni tal-odometru. ***Il-frodi*** tal-odometru ***għandha wkoll titqies*** b'mod ***aktar sistematiku bħala offiża li twassal għal penalità.***

#### *Emenda*

(23) Huwa meqjus li l-frodi tal-odometru taffettwa bejn 5 % u 12 % tal-bejgħ tal-karozzi użati, ***f'pajjiż wieħed, filwaqt li-ċifra hi ħafna ogħla fil-każ ta' bejgħ transkonfinali, li*** jirriżulta f'kost importanti ħafna għas-soċjetà ta' diversi biljuni ta' Ewro kull sena u f'evalwazzjoni mhux korretta tal-kundizzjoni tal-affidabilità stradali ta' vettura. Bil-ħsieb li tkun miżura kontra l-frodi tal-odometru, ir-reġistrazzjoni tal-kilometraġġ ***u d-disponibilità ta' dawn ir-reġistrazzjonijiet għall-partijiet interessati madwar l-Unjoni,*** għandhom jiffaċilitaw l-iskoperta tat-tbagħbis jew tal-manipulazzjoni tal-odometru. ***L-Istati Membri jistgħu jimmonitorjaw l-akkuratezza tal-qari ta' kilometraġġ matul iż-żmien ta' użu ta' vettura permezz ta' bażijiet ta' dejta ċentrali li jinkludu l-informazzjoni kollha fuq il-qari ta' kilometraġġ irreġistrata mal-partijiet differenti (negozjanti, servizzi ta' tiswija, ċentri tal-ittestjar).*** ***L-Istati Membri għandhom jaraw li l-qari tal-odometru jkun disponibbli permezz ta' skambju ta' informazzjoni b'mod elettroniku, filwaqt li jirrispettaw il-protezzjoni tad-dejta personali.***

## **Emenda 9** **Proposta għal regolament**

### **Premessa 25**



*Test propost mill-Kummissjoni*

(25) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn skema regolatorja usa', li tirregola l-vetturi matul il-ħajja tagħhom mill-approvazzjoni permezz tar-reġistrazzjonijiet u l-ispezzjonijiet sal-iskreppjar. L-iżvilupp u l-interkonnessioni ta' bażijiet tad-dejta elettroniċi nazzjonali dwar il-vetturi u tal-manifatturi għandhom, fil-prinċipju, jikkontribwixxu sabiex titjeb l-effiċjenza tal-katina kollha amministrattiva tal-vetturi u jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha twettaq studju dwar il-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-istabiliment ta' pjattaforma elektronika Ewropea għall-informazzjoni dwar il-vetturi għal dan il-għan.

*Emenda*

(25) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn skema regolatorja usa', li tirregola l-vetturi matul il-ħajja tagħhom mill-approvazzjoni permezz tar-reġistrazzjonijiet u l-ispezzjonijiet sal-iskreppjar. L-iżvilupp u l-interkonnessioni ta' bażijiet tad-dejta elettroniċi nazzjonali dwar il-vetturi u tal-manifatturi għandhom, fil-prinċipju, jikkontribwixxu sabiex titjeb l-effiċjenza tal-katina kollha amministrattiva tal-vetturi u jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha twettaq studju dwar il-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-istabiliment ta' pjattaforma elektronika Ewropea għall-informazzjoni dwar il-vetturi għal dan il-għan ***kif ukoll dwar il-possibiltajiet tal-estensjoni tal-funzjonalità tal-informazzjoni eżistenti sabiex il-qari tal-odometru jkun inkluż fil-pjattaforma u tesplora l-possibilità li l-iskambju tal-informazzjoni jkun estiż aktar.***

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

vetturi b'żewġ jew tliet roti – kategoriji tal-vettura **L1e, L2e, L3e, L4e, L5e, L6e** u L7e,

*Emenda*

vetturi b'żewġ jew tliet roti – kategoriji tal-vettura L3e, L4e, L5e, L6e u L7e,

*Ġustifikazzjoni*

*L-inklużjoni tal-muturi bir-roti mhijiex fattibbli. Pereżempju, biex xufier ta' roti bil-mutur f'żona rurali imur iċ-ċentru fejn issir test perjodiku tal-affidabilità stradali, ikun irid jagħmel triq twila fuq toroq prinċipali. Meta jagħmel dan, is-sewwieq ikun qed jesponi lilu nnifsu jew lilha nnifisha u persuni oħra għal riskji bla bżonn.*

**Emenda 11**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7 – inċiż 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Tinżamm permezz tal-użu ta' partijiet ta' bdil li jirriproduċu l-komponenti storiċi tal-vettura;

*Emenda*

Tinżamm **jew *tiġi restawrata*** permezz tal-użu ta' partijiet ta' bdil li jirriproduċu l-komponenti storiċi tal-vettura **jew *li huma kontemporanji***;

*Ġustifikazzjoni*

*Vetturi ta' interess storiku huma beni kulturali. Għalhekk, ir-rekwiżiti għad-definizzjoni għandhom ikunu ċari wkoll. Huma biss il-vetturi verament storiċi li huma xhieda reali ta' evoluzzjoni storika. Id-definizzjoni f'dan ir-Regolament hija l-ewwel definizzjoni għal vetturi storiċi li qed issir fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Peress li din tista' tikkostitwixxi mudell għal aktar leġiżlazzjoni ulterjuri, għandha tkun kemm jista' jkun ċara.*

**Emenda 12**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7 – inċiż 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Ma għarrbet ebda tibdil fil-karatteristiċi** tekniċi tal-komponenti prinċipali tagħha bħall-magna, il-brejkijiet, l-istering jew is-suspenxin **u**

*Emenda*

**Il-karatteristiċi** tekniċi tal-komponenti prinċipali tagħha bħall-magna, il-brejkijiet, l-istering, **il-kategorija tal-vettura** jew is-suspenxin **ma għarrbu ebda tibdil jew huma ta' dik l-epoka,**

**Emenda 13**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7 – inċiż 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Ma nbidlitx fid-dehra tagħha;

*Emenda*

Ma nbidlitx fid-dehra **esterna** tagħha **jew tkun ta' dik l-epoka;**

**Emenda 14**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7 – inċiż 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**- It-tibdiliet huma ta' dik l-epoka,  
it-tibdiliet li huma ġuridikament u  
teknikament fattibbli f'perjodu ta' 10 snin  
mill-produzzjoni tal-vettura,**

**Emenda 15**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(9) 'test tal-affidabilità stradali' tfisser verifika li ***l-partijiet u l-komponenti ta'*** vettura ***huma*** konformi ***mal-karatteristiċi*** ta' sikurezza u dawk ambjentali ***fis-seħħ fiż-żmien tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew dħul fis-servizz, kif ukoll fiż-żmien tal-modifiki li jkunu saru wara;***

(9) 'test tal-affidabilità stradali' tfisser verifika li vettura ***tkun*** konformi, ***fir-rigward tal-karatteristiċi*** ta' sikurezza u dawk ambjentali ***li huma meħtieġa għaċ-ċirkolazzjoni fit-triq;***

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li tiġi ppreċiżata d-definizzjoni u tiġi adatta għall-finalità tal-verifika tal-funzjonalità korretta tas-sistemi ta' sikurezza u ambjentali.*

**Emenda 16**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(16a) “bażi tad-dejta għall-kilometraġġ”,  
tfisser bażi ta' dejta stabbilita minn Stat  
Membru, li fiha tinżamm id-dejta dwar il-  
kilometraġġ tal-vetturi rreġistrati f'dan l-  
Istat.**

## Emenda 17

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 4 – paragrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jipprovdu liċ-ċentri tal-ittestjar jew, meta jkun rilevanti, lill-awtorità kompetenti, ***L-aċċess*** għall-informazzjoni teknika meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabilità stradali, kif stipulat fl-Anness I. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri dwar l-aċċess għall-informazzjoni teknika stipulati fl-Anness I skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

##### *Emenda*

3. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jipprovdu liċ-ċentri tal-ittestjar jew, meta jkun rilevanti lill-awtorità kompetenti, ***kif ukoll lill-ħwienet tax-xogħol u manifatturi ta' tagħmir tal-ittestjar u l-partiċipanti interessati kollha, b' aċċess non-diskriminatorju*** għall-informazzjoni teknika meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabilità stradali, kif stipulat fl-Anness I. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri dwar l-aċċess għall-informazzjoni teknika stipulati fl-Anness I skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

##### *Ġustifikazzjoni*

*Aċċess għall-informazzjoni huwa indispensabbli għall-ispezzjoni perjodika tal-affidabilità stradali. Għandu jingħata aċċess nondiskriminatorju lill-partijiet interessati kollha, kif huwa previst fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni tal-OBD. Dan għandu jiġi garantit biex tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta.*

## Emenda 18

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Vetturi tal-kategoriji ***L1e, L2e***, L3e, L4e, L5e, L6e u L7e: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad ***wara*** sentejn ***u mbagħad kull sena***;

##### *Emenda*

Vetturi tal-kategoriji L3e, L4e, L5e, L6e u L7e: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura kienet ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad ***kull*** sentejn;

##### *Ġustifikazzjoni*

*Il-frekwenza tal-ittestjar tal-muturi għandha tiġi vvalutata wkoll abbażi tal-piż finanzjarju u*

*amministrattiv fuq is-sidien. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-UE. Minbarra dan, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk roti bil-mutur u scooters li għandhom veloċità massima li tasal sa 45 km/h għandhomx ikunu suġġetti għal spezzjoni teknika fuq bażi regolari.*

## **Emenda 19**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Vetturi tal-kategoriji M1, N1 u O2: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad **wara** sentejn **u mbagħad kull sena**;

Vetturi tal-kategoriji M1, N1 u O2: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura kienet ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad **kull** sentejn;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, ikun f'loku li l-Istati Membri jibqa' jkollhom il-fakultà tal-għażla jekk vetturi tal-klassijiet M1, N1 u O2 għandhomx ikollhom testijiet ta' affidabilità stradali aktar frekwenti.*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 5 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. Fil-każ fejn vettura tal-kategoriji M1 jew N1 tilħaq kilometraġġ ta' 160 000 km mal-ewwel test tal-affidabilità stradali wara l-ewwel reġistrazzjoni tal-vetturi, għandha tkun suġġetta għal test tal-affidabilità stradali kull sena wara l-ewwel test.**

**imħassar**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Meta jitqies li l-medja tal-kilometraġġ tal-vetturi ta' kategorija M1 u N1 tiżdied, mingħajr ma dan jinvolvi peġġorament sinifikanti fis-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali u fid-dawl tal-possibiltajiet tekniċi ta' manipolazzjoni tal-kilometraġġ, l-intervall bejn l-ispezzjonijiet għandu jkun assoċjat mal-kilometraġġ.*

**Emenda 21**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 4 – inċiż 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***f'każ li jinbidel id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura.***

***imħassar***

**Emenda 22**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 4 – inċiż 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***- wara ispezzjoni matul it-traġitt.***

**Emenda 23**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Għal kull qasam imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew iċ-ċentru tal-ittestjar għandhom iwettqu test tal-affidabilità stradali li jkopri tal-inqas l-elementi, ***u bl-użu tal-metodu applikabbli għall-ittestjar ta' dawk l-elementi***, kif stipulat fl-Anness II, il-punt 3.

2. Għal kull qasam imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew iċ-ċentru tal-ittestjar għandhom iwettqu test tal-affidabilità stradali li jkopri tal-inqas l-elementi kif stipulat fl-Anness II, il-punt 3. ***L-objettiv jikkonsisti esklussivament fl-ittestjar tal-funzjonament tal-vettura. Jistgħu jsiru oġġezzjonijiet fir-rigward ta' komponenti u partijiet tal-bdil mhux awtorizzati li jostakolaw is-sigurtà u/jew il-kwalitajiet ambjentali tal-vettura. Il-metodi ta' ttestjar li jintużaw huma dawk indikati fl-Anness II, il-punt 3.***

*Ġustifikazzjoni*

*It-testijiet tal-affidabilità stradali jittestjaw il-funzjonament u normalment mhux l-awtorizzazzjoni tat-tip tal-partijiet tal-bdil. Dan huwa prattikament impossibbli, peress li ċerti partijiet tal-bdil huma inkorporati fil-vettura b'mod li wieħed ma jistax jittestjahom. Huwa*

*biss meta jkunu ġew inkorporati komponenti li huma ta' ħsara għas-sikurezza jew għall-ambjent minħabba l-installazzjoni ta' partijiet li ma kienux approvati għall-mudell inkwistjoni, li dan jista' jkun oġġezzjonat. Għandha tiġi evitata restrizzjoni fil-provvista tal-partijiet tal-bdil, minħabba f'hekk.*

## **Emenda 24**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Għall-finijiet tal-iċċekkjar tal-qari tal-odometru, *u fejn din* l-informazzjoni *ma ġietx ikkomunikata* b'mod elettroniku *wara t-test tal-affidabilità stradali preċedenti*, l-ispettur għandu jeħtieġ li l-persuna li tippreżenta l-vettura għat-test turi ċ-ċertifikat li jkun inħareġ wara t-test tal-affidabilità stradali preċedenti.

*Emenda*

4. Għall-finijiet tal-iċċekkjar tal-qari tal-odometru, *meta jkun imwaħħal b'mod normali*, l-informazzjoni *rigward it-test tal-affidabilità stradali preċedenti għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-ispetturi* b'mod elettroniku. *Sal-introduzzjoni tat-trasferiment elettroniku tal-informazzjoni*, l-ispettur għandu jeħtieġ li l-persuna li tippreżenta l-vettura għat-test turi ċ-ċertifikat li jkun inħareġ wara t-test tal-affidabilità stradali preċedenti. *Il-qari tal-odometru li jsir waqt l-aktar test riċenti ta' affidabilità stradali għandu jkun disponibbli b'mod elettroniku għall-gruppi interessati. Tali informazzjoni m'għandhiex tinkludi dejta personali.*

## **Emenda 25**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*5a. Iċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali għandhom ikunu rikonoxxuti mill-Istati Membri kollha għall-finijiet ta' reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vettura ttrasferita minn Stat Membru għal ieħor, sakemm iċ-ċertifikat huwa validu fir-rigward tal-frekwenza tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni mill-ġdid.*

*Emenda*

## *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rikonoxximent ta' -ċertifikati ta' affidabilità stradali ta' kull Stat Membru fl-Istati Membri l-oħrajn kollha jirrappreżenta pass importanti għat-tlestija tas-suq intern.*

### **Emenda 26**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 5b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***5b. Iċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali għandhom ikunu rikonoxxuti mill-Istati Membri kollha għall-finijiet tar-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vettura ttrasferita minn Stat Membru għal ieħor, sakemm iċ-ċertifikat ikun validu fir-rigward tal-frekwenza tal-ittestjar fil-Istat Membru tar-reġistrazzjoni mill-ġdid. Dan huwa msejjes fuq spezzjonijiet fl-Istati Membri kollha li jissodisfaw l-istess standards.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rikonoxximent reċiproku huwa utli wkoll għar-reġistrazzjoni mill-ġdid u għall-bejgħ transkonfinali. Għal dan il-għan, għandhom japplikaw standards komparabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE. Dan huwa msejjes fuq spezzjonijiet fl-Istati Membri kollha li jissodisfaw l-istess standards.*

### **Emenda 27**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 5c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***5c. Iċ-ċentru tal-ispezzjoni – jew, jekk rilevanti, l-awtorità kompetenti - li wettqet l-ispezzjoni teknika tittrażmetti l-kilometraġġ rreġistrat wara kull spezzjoni teknika lill-bażi tad-dejta tal-kilometraġġ, jekk dan ikun rilevanti.***



**Emenda 28**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jitwettqu minn spetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ stipulati fl-Anness VI.

*Emenda*

1. It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jitwettqu minn spetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ stipulati fl-Anness VI.  
***L-Istati Membri li japplikaw rekwiżiti aktar stretti huma awtorizzati li jżommuhom.***

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-ewwel darba qed jiġu applikati rekwiżiti ta' kwalifika għall-ispetturi. L-Istati Membri tal-UE li japplikaw standards aktar għolja għandhom ikunu jistgħu iżommuhom.*

**Emenda 29**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. L-Istati Membri għandhom jippromwovu taħriġ adegwat għall-ispetturi, konformi mar-rekwiżiti dwar il-kwalifiki.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jippromwovu taħriġ adegwat konformi mar-rekwiżiti dwar il-kwalifiki.*

**Emenda 30**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Meta jkun qed iwettaq test tal-affidabilità stradali l-ispettur għandu jkun ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess,

4. Meta jkun qed iwettaq test tal-affidabilità stradali l-ispettur għandu jkun ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess,

b'mod partikolari fir-rigward ta' rabtiet ekonomiċi, personali jew familjari mad-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura suġġetta għall-ittejtjar.

b'mod partikolari fir-rigward ta' rabtiet ekonomiċi, personali jew familjari mad-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura suġġetta għall-ittejtjar. **Dan jirrikjedi standards ta' ċertifikazzjoni adegwati, bħal pereżempju l-Istandard ISO applikabbli.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Biex jiggarantixxu l-komparabbiltà u l-indipendenza tal-ispezzjonijiet tekniċi perjodiċi, l-Istati Membri għandhom jiftiehmli li jużaw l-istess standard ta' ċertifikazzjoni, pereżempju l-Istandard ISO applikabbli.*

### **Emenda 31** **Proposta għal regolament** **Artikolu 15 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha teżamina ***l-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji*** tal-istabbiliment ta' pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi bil-ħsieb li tiskambja informazzjoni dwar dejta relatata mal-ittejtjar ***tal-affidabilità*** stradali bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-ittejtjar, ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tal-vetturi, iċ-ċentri tal-ittejtjar u l-manifatturi ***tal-vettura***.

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha teżamina ***l-mod l-aktar effiċjenti u effikaċi*** tal-istabbiliment ta' pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi ***billi tibbenefika mis-soluzzjonijiet tal-IT eżistenti u li huma diġà implimentati fir-rigward tal-iskambju internazzjonali tad-dejta sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż u biex jiġu evitati id-duplikazzjonijiet. L-eżami għandu jikkunsidra l-aktar mod adatt biex isir kollegament bejn is-sistemi nazzjonali eżistenti*** bil-ħsieb li tiskambja informazzjoni dwar dejta relatata mal-ittejtjar ***tal-affidabilità*** stradali ***u l-qari tal-odometru*** bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-ittejtjar, ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tal-vetturi, iċ-ċentri tal-ittejtjar u l-manifatturi ***tat-tagħmir tal-ittejtjar. L-għan ta' din għandu jkun li toffri lill-partijiet interessati kollha aċċess nondiskriminatorju għall-informazzjoni dwar il-vetturi.***

## Ġustifikazzjoni

L-aċċess għall-informazzjoni huwa indispensabbli għall-ispezzjoni perjodika tal-vetturi. Għandu jingħata aċċess nondiskriminatorju lill-partijiet interessati kollha, kif huwa previst fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni tal-OBD.

### Emenda 32 Proposta għal regolament

#### Artikolu 15 – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Hija għandha, abbażi ta' dik l-eżaminazzjoni, tippreżenta u **tevalwa għażliet differenti ta' politika, inkluża l-possibbiltà** li tneħħi r-rekwiżit ta' prova tat-test kif previst fl-Artikolu 10. Fi żmien sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha **tirrapporta** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill **dwar ir-riżultati tal-eżaminazzjoni, u takkumpanjah bi proposta leġiżlattiva, jekk dan ikun xieraq.**

##### *Emenda*

Hija għandha, abbażi ta' dik l-eżaminazzjoni, tippreżenta **proposti għal interoperabilità u standardizzazzjoni miżjuda tad-dokumenti elettroniċi** li tneħħi r-rekwiżit ta' prova tat-test kif previst fl-Artikolu 10 **u tintroduċi sistema li tippermetti l-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni rigward il-kilometraġġ f'każ ta' bejgħ transkonfinali.** Fi żmien sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha **tressaq proposta leġiżlattiva adegwata** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

### Emenda 33 Proposta għal regolament

#### Artikolu 18 – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 17 għandha tiġi kkonferita għal perjodu **indeterminat ta' żmien** minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

##### *Emenda*

2. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 17 għandha tiġi kkonferita għal perjodu **ta' ħames snin** minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. **Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul identiku ta' żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-**

*Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*

**Emenda 34**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***5a. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew dwar l-implementazzjoni tar-regolament u l-impatt tiegħu fuq is-suq intern u l-produzzjoni industrijali fl-Unjoni.***

*Ġustifikazzjoni*

*Dan jirrigwarda settur sensitiv tal-ekonomija Ewropea u għalhekk jeħtieġ li tiżdied it-trasparenza u jissaħħu l-ispezzjonijiet.*

**Emenda 35**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 19 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-manipulazzjoni jew it-tbagħbis ta' odometru jitqies bħala offiża u jkun ikkastigat minn penalitajiet effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.***

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-penalitajiet mhux se jwaqqfu l-iffalsifikar tal-qari tal-odometru. Id-disponibilità ta' informazzjoni dwar l-aktar qari tal-odometru reċenti tista' twettaq dan mingħajr il-bżonn ta' penalitajiet u pieni.*

## PROĊEDURI

<b>Titolu</b>	It-testijiet perjoċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom
<b>Referenzi</b>	COM(2012)0380 – C7-0186/2012 – 2012/0184(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 11.9.2012
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 11.9.2012
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Krišjānis Kariņš 25.10.2012
<b>Eżami fil-kumitat</b>	18.3.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.4.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 42 -: 4 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Fabrizio Bertot, Jan Březina, Reinhard Bütikofer, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Vicky Ford, Gaston Franco, Adam Gierek, Norbert Glante, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hélin, Edit Herczog, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Philippe Lambert, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Vittorio Prodi, Teresa Riera Madurell, Michèle Rivasi, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Salvador Sedó i Alabart, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Evžen Tošenovský, Catherine Trautmann, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elisabetta Gardini, Jolanta Emilia Hibner, Bernd Lange, Vladimír Remek, Algirdas Saudargas, Silvia-Adriana Țicău

27.5.2013

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR**

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (COM(2012)0380 – C7-0186/2012 – 2012/0184(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Malcolm Harbour

### **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Il-proposta tistabilixxi regoli tal-UE armonizzati u aġġornati dwar it-testijiet tal-affidabbiltà stradali tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers bil-ħsieb li jissaħħu l-istandards minimi ta' sikurezza u emissjonijiet tat-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali (PTI). Il-proposta hi mmirata biex tgħin tnaqqas b'nofs l-imwiet fit-toroq tal-UE qabel l-2020 skont l-Orjentazzjonijiet ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza tat-Triq. Barra minn hekk, il-proposta hi mmirata biex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jirriżultaw minn manutenzjoni ħażina ta' vettura.

Ir-Rapporteur jappoġġa dawn l-oġġettivi fundamentali u, minħabba d-differenzi bejn il-prattiki tal-Istati Membri, jappoġġa armonizzazzjoni mmirata bi qbil mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, u għalhekk jiddubita jekk l-istrument għandux ikun Regolament li jħalli lill-Istati Membri b'anqas libertà biex jadattaw ir-regoli fil-livell nazzjonali.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur jemmen li l-oġġettiv tat-tnaqqis tal-imwiet fit-toroq għandu jinkiseb waqt li tiġi żgurata l-proporzjonalità, u għaldaqstant jappoġġa soluzzjonijiet adattati bbażati fuq bażi ta' evidenza solida. B'dan jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-inċertezzi enfasizzati mill-Unità tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Parlament Ewropew li jidher li m'hemm l-ebda appoġġ minn evidenza għall-ipoteżi bażika li, jekk l-ispezzjonijiet tekniċi jsiru aħjar u b'aktar frekwenza, ikun hemm anqas difetti fil-vetturi.

Ir-Rapporteur jinnota wkoll li l-kamp ta' applikazzjoni ġie estiż lil hinn minn dak tad-Direttiva 2009/40/KE biex jinkludi kategoriji ġodda ta' vetturi, b'mod partikolari l-vetturi motorizzati b'żewġ roti jew bi tliet roti, it-trejlers ħfief ta' anqas minn 3,5 tonnelli u t-tratturi li jiġu ddisinjati b'veloċità li taqbeż l-40 km/h. Il-proposta żżid ukoll il-frekwenza tal-

ispezzjonijiet għall-vetturi aktar antiki jew b'kilometraġġ għoli.

Ir-Rapporteur ma ppropona l-ebda bidla fir-rigward tal-forma jew il-kamp ta' applikazzjoni tal-abbozz ta' liġi, u lanqas fir-rigward tat-tul tat-testijiet peress li dawn huma kwistjonijiet li għandhom jiġu ttrattati mill-Kumitat responsabbli, u minflok iddeċieda li jiffoka l-emendi tiegħu fuq kwistjonijiet relatati mas-suq uniku. Mill-perspettiva tal-Kumitat IMCO, l-aktar kwistjonijiet rilevanti jinkludu:

1. Kif għandu jiġi ddefinit "test tal-affidabilità stradali"

Ir-Rapporteur qed jipproponi emenda biex tiġi mmodifikata d-definizzjoni ta' test ta' affidabilità, li attwalment jista' jintuża ħażin biex irażżan il-kompetizzjoni transkonfinali fil-kummerċ tal-vetturi użati. Speċifikament, id-definizzjoni tal-Kummissjoni toħloq inċertezza legali peress li terġa' tiddikjara, f'definizzjoni ġenerali, ir-rekwiżit li t-testijiet isiru skont kriterji relatati mal-approvazzjoni tat-tip b'mod ġenerali, waqt li l-kriterji għall-approvazzjoni tat-tip rilevanti huma diġà speċifikati fl-annessi. Dan jimplika li potenzjalment kull komponent f'vettura jista' jiġi ttestjat peress li hu possibbli li tiġi rikonossuta dimensjoni ta' sikurezza għall-komponenti kollha f'vettura. Għandu jkun rilevanti biss li jiġu ttestjati dawk il-komponenti li t-tip tagħhom ikun ġie approvat fir-rigward tas-sikurezza u l-emissjonijiet. It-tfassib hu li xi atturi jistgħu jisfruttaw dan in-nuqqas ġuridiku biex jipproteġu s-suq domestiku għall-vetturi użati u jwaħħlu lill-vetturi mit-test mingħajr raġuni valida.

2. Miżuri għall-identifikazzjoni u l-prevenzjoni ta' frodi relatata mal-kilometraġġ

Fost il-prodotti kollha, it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur għat-tielet sena konsekuttiva tagħti lill-karozzi użati l-valutazzjoni għall-Prestazzjoni fis-Suq l-aktar baxxa, u b'mod partikulari l-aħħar post fil-klassifika f'dak li jirrigwarda l-fiduċja. Għaldaqstant, ir-Rapporteur qed jipproponi miżuri msaħħa biex tiġi miġġielda l-frodi relatata mal-odometri billi jiġi estiż l-ambitu tal-pjattaforma elettronika għall-informazzjoni dwar il-vetturi biex jiġi żgurat li l-informazzjoni kollha relatata mal-kilometraġġ ta' vettura tkun inkluża f'pjattaforma fuq l-internet. Barra minn hekk, ir-Rapporteur hu mħasseb li l-proposta tal-Kummissjoni tippobjixxi kwalunkwe korrezzjoni għal ometru inklużi dawk l-aġġustamenti 'l fuq li kieku jevitaw li l-vetturi kkonċernati jitħallew b'valur kummerċjali mnaqqas bla bżonn.

3. Aċċess għar-riżultati tat-testijiet ta' affidabilità stradali fir-reġistri nazzjonali, aċċess għall-informazzjoni teknika, u rekwiżiti minimi għat-tagħmir għall-ittestjar

Ir-Regolament jintroduċi l-possibilità li tiġi stabbilita sistema armonizzata tal-UE għall-iskambju ta' data, biex b'hekk iċ-ċentri tat-testijiet PTI madwar l-UE jkun jista' jkollhom aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi. Madankollu, ir-Rapporteur iqis li l-aċċess għal dan ir-repożitorju m'għandux ikun limitat għall-awtoritajiet kompetenti u għaċ-ċentri tat-testijiet PTI. Biex jiġi żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd, qed jipproponi li anke l-manifatturi ta' tagħmir għas-servizz u t-tiswija ta' vetturi jkollhom aċċess peress li dan jippermettilhom jipproduċu tagħmir kompetittiv u effikaċi għall-ittestjar. Ir-Rapporteur qed jipproponi wkoll li jiġi permess l-użu ta' proċessi ta' ttestjar alternattivi li jistgħu jkunu essenzjali biex jiffaċilitaw l-ittestjar kosteffettiv ta' dawk il-vetturi li diffiċli tittestjahom.

#### 4. Eżenzjonijiet

Ir-Rapporteur jilqa' l-eżenzjoni għal "vetturi storiċi". Madankollu, jikkunsidra li d-definizzjoni hi preskrittiva wisq u minflok jirrakkomanda li jiġi previst rekwiżit ta' età bażiku. Barra minn hekk, qed jipproponi li tinżamm id-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jeżentaw vetturi mir-Regolament bi qbil mal-prassi attwali.

#### 5. Rikonoxximent reċiproku

L-ittestjar tal-affidabilità stradali hu marbut mar-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-Vetturi b'Mutur peress li armonizzazzjoni akbar fl-UE rigward it-testijiet PTI għandha tissemplifika r-reġistrazzjoni mill-ġdid minn Stat Membru għall-ieħor. Għaldaqstant, ir-Rapporteur introduċa proposta ġdida li tistipula r-rikonoxximent reċiproku mandatorju taċ-ċertifikati tat-testijiet PTI madwar l-Unjoni.

#### 6. Rieżami u monitoraġġ

Sabiex is-suq uniku jkompli jissaħħa, ir-Rapporteur introduċa wkoll klawżola ta' rieżami biex, ħames snin wara li tiġi adottata l-proposta, jiġi investigat il-potenzjal biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tad-data relatata mar-riżultati tat-testijiet PTI bejn l-Istati Membri.

### EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

#### **Emenda 1** **Proposta għal regolament**

##### **Titolu 1**

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
Proposta għal <b>REGOLAMENT</b> TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	Proposta għal <b>DIRETTIVA</b> TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)



## Ġustifikazzjoni

*Regolament ikun it-tip ħażin ta' att ġuridiku għal dan l-iskop. L-iskop ta' dan l-att, speċifikament il-minimizzazzjoni tal-għadd ta' inċidenti stradali permezz ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, jista' jinkiseb ukoll permezz ta' strument ġuridiku li jolqot lid-dritt nazzjonali b'mod anqas radikali. L-ipoteżi li l-proposta hi bbażata fuqha għandha validità dubjuża. Peress li d-dubji ta' madwarha ma jistgħux jiġu eliminati, direttiva tkun preferibbli bħala strument aktar proporzjonat.*

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Fl-Unjoni ġew adottati għadd ta' standards u rekwiżiti tekniċi dwar is-sikurezza tal-vetturi. Madankollu, huwa meħtieġ li jkun żgurat, permezz ta' sistema ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, li wara li jitqiegħdu fis-suq, il-vetturi jkomplu jissodisfaw l-istandards ta' sikurezza matul il-ħajja tagħhom. ***Din is-sistema għandha tapplika*** għall-kategoriji tal-vetturi kif definiti ***fid-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE***, id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi u d-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru tas-26 ta' Mejju, 2003, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jinġibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tiegħu, il-komponenti u l-unitajiet separati tekniċi u li d-

##### *Emenda*

(4) Fl-Unjoni ġie adottat għadd ta' standards u rekwiżiti tekniċi dwar is-sikurezza tal-vetturi. Madankollu, huwa meħtieġ li jkun żgurat, permezz ta' sistema ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, li wara li jitqiegħdu fis-suq, il-vetturi jkomplu jissodisfaw l-istandards ta' sikurezza matul il-ħajja tagħhom. ***L-Istati Membri jistgħu jintroduċu rekwiżiti nazzjonali dwar it-testijiet tal-affidabilità stradali*** għall-kategoriji tal-vetturi kif definiti ***fir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli.*** ***Din is-sistema għandha tapplika*** għall-kategoriji tal-vetturi kif definiti ***fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi u d-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru tas-26 ta' Mejju 2003, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jinġibed u li jista' jinbidel,***

Direttiva 75/140/KEE.

flimkien mas-sistemi tiegħu, il-komponenti u l-unitajiet separati tekniċi u li d-Direttiva 75/140/KEE.

### **Emenda 3** **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 5**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Hemm korrelazzjoni *ċara* bejn il-livell tas-sikurezza stradali u *l-għadd ta' nuqqasijiet* tekniċi *tal-vetturi*. Fl-2009, ġew irrappurtati 35,000 fatalità fit-toroq Ewropej. *Jekk wieħed jassumi li n-nuqqasijiet tekniċi jikkontribwixxu għall-fatalitajiet b'mod proporzjonat għall-kontribut tagħhom għall-inċidenti, aktar minn 2,000 fatalità fis-sena fl-Unjoni jistgħu jiġu marbuta ma' nuqqasijiet tekniċi tal-vetturi. Abbażi tal-istudji disponibbli, bejn 900 u 1,100 minn dawn il-fatalitajiet jistgħu jiġu evitati jekk jitwettaq* titjib adegwat fis-sistema tal-ittestjar tal-affidabilità stradali.

##### *Emenda*

(5) *Hu ssuspettat li* hemm korrelazzjoni bejn il-livell tas-sikurezza stradali u *n-nuqqasijiet* tekniċi *fil-vetturi*. Fl-2009, ġew irrappurtati 35,000 fatalità fit-toroq Ewropej. Titjib adegwat fis-sistema tal-ittestjar tal-affidabilità stradali *jista' jgħin biex jiġi mminimizzat l-għadd ta' inċidenti fatali.*

##### *Ġustifikazzjoni*

*L-ipoteżi xjentifika għandha validità dubjuża. L-investigazzjonijiet tal-pulizija fil-Ġermanja biss jistmaw li l-impatt tal-ħsarat tekniċi fil-vetturi fuq l-effetti ta' inċident hu ferm iżgħar.*

### **Emenda 4** **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 6**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Frazzjoni kbira tal-emissjonijiet totali tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, ġejja minn *minorità* ta' vetturi b'sistemi tal-kontroll tal-emissjoni li ma jaħdmux sew. Huwa stmat li 5 % tal-flotta tal-vetturi tikkawża 25 % tal-emissjonijiet kollha ta' sustanzi li

##### *Emenda*

(6) Frazzjoni kbira tal-emissjonijiet totali tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, ġejja minn *minoranza* ta' vetturi b'sistemi tal-kontroll tal-emissjoni li ma jaħdmux sew. Huwa stmat li 5 % tal-flotta tal-vetturi tikkawża 25 % tal-emissjonijiet kollha ta' sustanzi li

jniġġsu. Għalhekk, sistema perjodika *tal-ittestjar* tal-affidabilità stradali tikkontribwixxi wkoll għal titjib fl-ambjent permezz ta' tnaqqis tal-emissjonijiet medji tal-vetturi.

jniġġsu.

***Dan japplika wkoll għal żieda fl-emissjonijiet partikolari u tan-NOx minn magni b'disinn modern li jirrikjedu kontroll aktar komprensiv tal-emissjonijiet, inkluż kontroll elettroniku tal-integrità u l-funzjonalità tas-sistema djanjostika abbord tal-vettura stess, b'verifika permezz tat-testijiet eżistenti għall-pajp tal-exhaust biex jiġi żgurat test komplut u preċiż tas-sistemi tal-emissjonijiet, peress li s-sistema djanjostika abbord waħedha mhix affidabbli.***

Għalhekk, sistema perjodika *ta' testijiet* tal-affidabilità stradali tikkontribwixxi wkoll għal titjib fl-ambjent permezz ta' tnaqqis tal-emissjonijiet medji tal-vetturi.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Is-sistema djanjostika abbord mhix metodu garantit għall-valutazzjoni tal-emissjonijiet; għalhekk trid tiġi vverifikata billi titkejjel l-emissjoni mill-pajp tal-exhaust.*

#### **Emenda 5 Proposta għal regolament**

#### **Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(7) Riżultati sodi tal-investigazzjonijiet juru li 8 % tal-inċidenti li jinvolvu l-muturi huma kkawżati jew marbuta ma' difetti tekniċi. In-nies li jirkbu l-muturi huma l-grupp ta' utenti stradali bl-ogħla riskju għas-sikurezza, b'xejra li qed tiżdied fl-għadd ta' fatalitajiet. Ix-xufiera tar-roti b'mutur b'forza inqas minn 50cc ('moped') huma rrappreżentati b'mod sproporzjonat fl-għadd ta' fatalitajiet, b'aktar minn 1,400 xufier maqtul fit-toroq***

***imħassar***

*fl-2008. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-vetturi li għandhom jiġu ttestjati għandu jiġi estiż għall-grupp ta' utenti stradali bl-ogħla riskju, il-vetturi b'żewġ jew tliet roti bil-mutur.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Bi qbil mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, għandha titħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri jekk jestendux it-testijiet tal-affidabilità stradali għall-vetturi bil-mutur li jkollhom żewġ roti jew tlieta. Barra minn hekk, l-istatistika tal-UE dwar l-inċidenti għall-vetturi b'żewġ roti jew tlieta ma tikkorrelax ma' studji preċedenti.*

### **Emenda 6** **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 10**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-ittestjar tal-affidabilità stradali hija attività sovrana u għalhekk, għandha ssir mill-Istati Membri jew minn korpi fdati b'dan il-kompitu taħt is-superviżjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom jibqgħu responsabbli **għall-ittestjar** tal-affidabilità stradali fil-każijiet kollha anke meta s-sistema nazzjonali tippermetti l-awtorizzazzjoni ta' korpi privati, inklużi dawk involuti fit-twettiq tat-tiswija.

##### *Emenda*

(10) L-ittestjar tal-affidabilità stradali hija attività sovrana u għalhekk, għandha ssir mill-Istati Membri jew minn korpi fdati b'dan il-kompitu taħt is-superviżjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom jibqgħu responsabbli **għall-organizzazzjoni tat-testijiet** tal-affidabilità stradali fil-każijiet kollha anke meta s-sistema nazzjonali tippermetti l-awtorizzazzjoni ta' korpi privati, inklużi dawk involuti fit-twettiq tat-tiswija.

### **Emenda 7** **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 12**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Biex jintlaħaq livell għoli ta' kwalità fl-ittestjar mal-Unjoni kollha, it-tagħmir għall-ittestjar użat waqt l-ittestjar, kif ukoll il-manutenzjoni u l-kalibrazzjoni tiegħu għandhom ikunu speċifikati **fuq il-livell** tal-Unjoni.

##### *Emenda*

(12) Biex jintlaħaq livell għoli ta' kwalità fl-ittestjar mal-Unjoni kollha tat-tagħmir għall-ittestjar użat waqt l-ittestjar, il-manutenzjoni u l-kalibrazzjoni tiegħu għandhom ikunu speċifikati **fil-livell** tal-Unjoni. **Għandhom jinħolqu inċentivi għal innovazzjonijiet fl-oqsma tas-sistemi,**

*il-proċeduri u t-tagħmir għall-ittestjar, biex b'hekk ikun jista' jkun hemm aktar tnaqqis tal-ispejjeż u tijib fl-użu.*

**Emenda 8**  
**Proposta għal regolament**

**Premessa 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Ir-riżultati ta' test ma għandhomx jiġu mibdula għal finijiet kummerċjali. Il-korp superviżorju għandu jkun jista' jimmodifika r-riżultati ta' test tal-affidabilità stradali biss jekk ikun ċar li s-sejbiet tat-test tal-affidabilità stradali mwettaq minn spettur ma jkunux korretti.

*Emenda*

(14) Ir-riżultati ta' test ma għandhomx jiġu mibdula għal finijiet kummerċjali. Il-korp superviżorju għandu jkun jista' jimmodifika r-riżultati ta' test tal-affidabilità stradali ***u jimponi l-pieni xierqa fuq il-korp li jkun ħareġ iċ-ċertifikat*** biss jekk ikun ċar li s-sejbiet tat-test tal-affidabilità stradali mwettaq minn spettur ma jkunux korretti.

**Emenda 9**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 22**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Għandu jinħareġ ċertifikat tal-affidabilità stradali wara kull test, ***inkluża, fost oħrajn, informazzjoni relatata mal-identità tal-vettura u informazzjoni dwar ir-riżultati tat-test. Bil-ħsieb li jkun żgurat segwitu xieraq tat-testijiet tal-affidabilità stradali***, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu informazzjoni bħal din f'bażi tad-dejta.

*Emenda*

(22) ***Sabiex jiġi żgurat is-segwitu xieraq għar-riżultati tat-testijiet***, għandu jinħareġ ċertifikat tal-affidabilità stradali wara kull test, ***li għandu jinħoloq ukoll f'format elettroniku, bl-istess livell ta' dettall fir-rigward tal-identità tal-vettura u r-riżultati tat-test kif ikun jidher fiċ-ċertifikat oriġinali tat-test. Barra minn hekk***, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu informazzjoni bħal din f'bażi tad-dejta ***ċentralizzata sabiex jiżguraw li l-awtentività tar-riżultati tal-ispezzjonijiet tekniċi perjodiċi tkun tista' tiġi vverfikata faċilment.***

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali issa għandhom jingħataw f'kopja stampata apparti*

*waħda elettronika sabiex jiġi evitat l-iffalsifikar jew tbaġġbis, u sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni li se jippermetti l-iżvilupp tal-Pjattaforma Elettronika għall-  
Informazzjoni dwar il-Vetturi.*

## **Emenda 10**

### **Proposta għal regolament Premessa 23**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Huwa meqjus li l-frodi tal-odometru taffettwa bejn 5 % u 12 % tal-bejgħ tal-karozzi użati u dan jirriżulta f'kost importanti ħafna għas-soċjetà ta' diversi biljuni ta' Ewro kull sena u f'evalwazzjoni mhux korretta tal-kundizzjoni tal-affidabilità stradali ta' vettura. Bil-ħsieb li tkun miżura kontra l-frodi tal-odometru, ir-reġistrazzjoni tal-kilometraġġ fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali flimkien mal-obbligu li jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat tat-test preċedenti għandhom jiffaċilitaw l-iskoperta tat-tbaġġbis jew tal-manipulazzjoni tal-odometru. Il-frodi tal-odometru għandha wkoll titqies b'mod aktar sistematiku bħala offiża li twassal għal penalità.

#### *Emenda*

(23) Huwa meqjus li l-frodi tal-odometru taffettwa bejn 5 % u 12 % tal-bejgħ tal-karozzi użati u dan jirriżulta f'kost importanti ħafna għas-soċjetà ta' diversi biljuni ta' Ewro kull sena u f'evalwazzjoni mhux korretta tal-kundizzjoni tal-affidabilità stradali ta' vettura. Bil-ħsieb li tkun miżura kontra l-frodi tal-odometru, ir-reġistrazzjoni tal-kilometraġġ fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali flimkien mal-obbligu li jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat tat-test preċedenti għandhom jiffaċilitaw l-iskoperta tat-tbaġġbis jew tal-manipulazzjoni tal-odometru ***u barra minn hekk itejbu l-funzjonament tas-suq intern fir-rigward tal-kummerċ transkonfinali fil-qasam tal-karozzi użati. Tabilħaqq, fit-tmien edizzjoni tal-tabella ta' valutazzjoni tas-swieq tal-konsumatur "Swieq li jaħdmu għall-konsumaturi" ta' Diċembru 2012, għat-tielet sena konsekuttiva, din it-taqsima tas-suq ġiet ikklassifikata bil-valutazzjoni tal-prestazzjoni fis-suq l-aktar baxxa u b'mod partikulari fl-aħħar post fil-klassifika f'dak li jirrigwarda l-fiduċja.*** Il-frodi tal-odometru għandha wkoll titqies b'mod aktar sistematiku bħala offiża li twassal għal penalità.

## **Emenda 11**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 26**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(26) Sabiex **dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat** b'aktar dettalji tekniċi, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni bil-ħsieb li titqies, meta jkun xieraq, l-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-kategoriji tal-vetturi, kif ukoll il-ħtieġa li l-Annessi jiġu aġġornati fid-dawl tal-progress tekniku. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tax-xogħol ta' thejjiġa, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Emenda*

(26) Sabiex **din id-Direttiva tiġi ssupplimentata** b'aktar dettalji tekniċi, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni bil-ħsieb li titqies, meta jkun xieraq, l-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-kategoriji tal-vetturi, kif ukoll il-ħtieġa li l-Annessi jiġu aġġornati fid-dawl tal-progress tekniku. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tax-xogħol ta' thejjiġa, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Ġustifikazzjoni*

*Regolament ikun it-tip ħażin ta' att ġuridiku għal dan l-iskop. L-iskop ta' dan l-att, speċifikament il-minimizzazzjoni tal-għadd ta' inċidenti stradali permezz ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, jista' jinkiseb ukoll permezz ta' strument ġuridiku li jolqot lid-dritt nazzjonali b'mod anqas radikali. L-ipoteżi li l-proposta hi bbażata fuqha għandha validità dubjuża. Peress li d-dubji ta' madwarha ma jistgħux jiġu eliminati, direttiva tkun preferibbli bħala strument aktar proporzjonat.*

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 27**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(27) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' **dan ir-Regolament**, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-

*Emenda*

(27) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' **din id-Direttiva**, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-

16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

### *Ġustifikazzjoni*

*Regolament ikun it-tip ħażin ta' att ġuridiku għal dan l-iskop. L-iskop ta' dan l-att, speċifikament il-minimizzazzjoni tal-għadd ta' inċidenti stradali permezz ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, jista' jinkiseb ukoll permezz ta' strument ġuridiku li jolqot lid-dritt nazzjonali b'mod anqas radikali. L-ipoteżi li l-proposta hi bbażata fuqha għandha validità dubjuża. Peress li d-dubji ta' madwarha ma jistgħux jiġu eliminati, direttiva tkun preferibbli bħala strument aktar proporzjonat.*

### **Emenda 13** **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 29**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Ladarba l-għan ta' **dan ir-Regolament**, jiġifieri li jiġu stipulati rekwiżiti komuni minimi u regoli armonizzati dwar it-twettiq tal-ittestjar tal-affidabilità stradali tal-vetturi fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, **dan ir-Regolament ma jmurx** lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.

*Emenda*

(29) Ladarba l-għan ta' **din id-Direttiva**, jiġifieri li jiġu stipulati rekwiżiti komuni minimi u regoli armonizzati dwar it-twettiq tal-ittestjar tal-affidabilità stradali tal-vetturi fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, **din id-Direttiva ma tmurx** lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.

### *Ġustifikazzjoni*

*Regolament ikun it-tip ħażin ta' att ġuridiku għal dan l-iskop. L-iskop ta' dan l-att, speċifikament il-minimizzazzjoni tal-għadd ta' inċidenti stradali permezz ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, jista' jinkiseb ukoll permezz ta' strument ġuridiku li jolqot lid-dritt nazzjonali b'mod anqas radikali. L-ipoteżi li l-proposta hi bbażata fuqha għandha validità dubjuża. Peress li d-dubji ta' madwarha ma jistgħux jiġu eliminati, direttiva tkun preferibbli bħala strument aktar proporzjonat.*



**Emenda 14**  
**Proposta għal regolament**

**Premessa 30**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(30) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti partikolarment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.**

*Emenda*

**imħassar**

**Emenda 15**  
**Proposta għal regolament**

**Premessa 31**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(31) Dan ir-Regolament jaġġorna r-rekwiżiti tekniċi tad-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq u **jkabbar** il-kamp ta' applikazzjoni *tiegħu* biex jinkludi, b'mod partikolari, l-istabbiliment ta' ċentri tal-ittejtjar u tal-korpi superviżorji tagħhom kif ukoll l-ispetturi nnominati li jkunu fdati bl-inkarigu li jwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali. Għalhekk, din id-Direttiva għandha titħassar. Barra minn hekk, **dan ir-Regolament jintegra** r-regoli misjuba fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/278/UE tal-5 ta' Lulju 2010 dwar il-valutazzjoni tad-difetti waqt l-ittejtjar ta' vetturi għat-triq skont id-Direttiva 2009/40/KE bil-ħsieb li l-metodi tal-ittejtjar tal-affidabilità stradali jkunu regolati aħjar.**

*Emenda*

**(31) Din id-Direttiva taġġorna** r-rekwiżiti tekniċi tad-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq u **tkabbar** il-kamp ta' applikazzjoni *tagħha* biex jinkludi, b'mod partikolari, l-istabbiliment ta' ċentri tal-ittejtjar u tal-korpi superviżorji tagħhom kif ukoll l-ispetturi nnominati li jkunu fdati bl-inkarigu li jwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali. Għalhekk, din id-Direttiva għandha titħassar. Barra minn hekk, **din id-Direttiva tintegra** r-regoli misjuba fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/278/UE tal-5 ta' Lulju 2010 dwar il-valutazzjoni tad-difetti waqt l-ittejtjar ta' vetturi għat-triq skont id-Direttiva 2009/40/KE bil-ħsieb li l-metodi tal-ittejtjar tal-affidabilità stradali jkunu regolati aħjar.

*Ġustifikazzjoni*

*Regolament ikun it-tip ħażin ta' att ġuridiku għal dan l-iskop. L-iskop ta' dan l-att,*

*speċifikament il-minimizzazzjoni tal-għadd ta' inċidenti stradali permezz ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, jista' jinkiseb ukoll permezz ta' strument ġuridiku li jolqot lid-dritt nazzjonali b'mod anqas radikali. L-ipoteżi li l-proposta hi bbażata fuqha għandha validità dubjuża. Peress li d-dubji ta' madwarha ma jistgħux jiġu eliminati, direttiva tkun preferibbli bħala strument aktar proporzjonat.*

## **Emenda 16** **Proposta għal regolament**

### **Artikolu 1 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Dan ir-Regolament jistabbilixxi** sistema għal testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali tal-vetturi.

*Emenda*

**Din id-Direttiva tistabbilixxi** sistema għal testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali tal-vetturi **li jitwettqu abbażi ta' standards u rekwiżiti tekniċi minimi bil-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza stradali u protezzjoni ambjentali.**

*Ġustifikazzjoni*

*Direttiva tistabbilixxi l-istandards minimi komuni għat-testijiet ta' affidabilità stradali perjodiċi, iżda fl-istess ħin, tqis id-differenzi bejn l-Istati Membri. L-istandards u r-rekwiżiti tekniċi aktar stretti huma permessi.*

## **Emenda 17** **Proposta għal regolament**

### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**1. Dan ir-Regolament għandu japplika** għal vetturi b'veloċità skont id-disinn li taqbeż il-25 km/siegħa tal-kategoriji li ġejjin, kif imsemmi **fid-Direttiva 2002/24/KE**, id-Direttiva 2007/46/KE u d-Direttiva 2003/37/KE:

*Emenda*

**1. Din id-Direttiva għandha tapplika** għal vetturi b'veloċità skont id-disinn li taqbeż il-25 km/siegħa tal-kategoriji li ġejjin, kif imsemmi **fir-Regolament 2013/168/KE**, id-Direttiva 2007/46/KE u d-Direttiva 2003/37/KE:

*Ġustifikazzjoni*

*Regolament ikun it-tip ħażin ta' att ġuridiku għal dan l-iskop. L-iskop ta' dan l-att, speċifikament il-minimizzazzjoni tal-għadd ta' inċidenti stradali permezz ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, jista' jinkiseb ukoll permezz ta' strument ġuridiku li jolqot lid-dritt nazzjonali b'mod anqas radikali. L-ipoteżi li l-proposta hi bbażata fuqha għandha validità*

*dubjuża. Peress li d-dubji ta' madwarha ma jistgħux jiġu eliminati, direttiva tkun preferibbli bħala strument aktar proporzjonat.*

## **Emenda 18**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*– vetturi b'żewġ jew tliet roti – kategoriji tal-vettura L1e, L2e, L3e, L4e, L5e, L6e u L7e,*

*imħassar*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Bi qbil mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, għandha titħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri jekk jestendux it-testijiet tal-affidabilità stradali għall-vetturi bil-mutur li jkollhom żewġ roti jew tlieta. Barra minn hekk, l-istatistika tal-UE dwar l-inċidenti għall-vetturi b'żewġ roti jew tlieta ma tikkorrelax ma' studji preċedenti.*

## **Emenda 19**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:*

*2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Regolament ikun it-tip ħażin ta' att ġuridiku għal dan l-iskop. L-iskop ta' dan l-att, speċifikament il-minimizzazzjoni tal-għadd ta' inċidenti stradali permezz ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, jista' jinkiseb ukoll permezz ta' strument ġuridiku li jolqot lid-dritt nazzjonali b'mod anqas radikali. L-ipoteżi li l-proposta hi bbażata fuqha għandha validità dubjuża. Peress li d-dubji ta' madwarha ma jistgħux jiġu eliminati, direttiva tkun preferibbli bħala strument aktar proporzjonat.*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**vetturi b'żewġ jew tliet roti – kategoriji tal-vettura L1e, L2e, L3e, L4e, L5e, L6e u L7e,**

## **Emenda 21**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu rekwiżiti nazzjonali dwar it-testijiet tal-affidabilità stradali għal vetturi elenkati **fil-paragrafu 2** irreġistrati fit-territorju tagħhom.

3. stati Membri jistgħu jintroduċu rekwiżiti nazzjonali dwar it-testijiet tal-affidabilità stradali għal vetturi elenkati **fil-paragrafu 1 (inċiż 7) u l-paragrafu 2** irreġistrati fit-territorju tagħhom.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hi, awtomatikament, riżultat tat-traspożizzjoni tar-Regolament f'Direttiva. Madankollu, hu importanti li, f'dan l-istadju, tissemma' espliċitament. L-Istati Membri li jkollhom testijiet ta' affidabilità stradali għandhom ikunu jistgħu jżommuhom. L-Istati Membri li m'għandhomx testijiet ta' affidabilità stradali m'għandhomx ikunu obbligati jintroduċu testijiet ta' dan it-tip.*

## **Emenda 22**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Għall-fini ta' **dan ir-Regolament**, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Għall-fini ta' **din id-Direttiva**, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

#### *Ġustifikazzjoni*

*Terminoloġija konformi ma' Direttiva.*

## **Emenda 23**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5) ‘vetturi b’żewġ jew tliet roti’ tfisser kull vettura bil-mutur fuq żewġ roti b’sidecar jew mingħajrha, triċikli u kwadriċikli;**

**imħassar**

*Ġustifikazzjoni*

*Bi qbil mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, għandha tiĥalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri jekk jestendux it-testijiet tal-affidabilità stradali għall-vetturi bil-mutur li jkollhom żewġ roti jew tlieta. Barra minn hekk, l-istatistika tal-UE dwar l-inċidenti għall-vetturi b'żewġ roti jew tlieta ma tikkorrelax ma' studji preċedenti.*

#### **Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(7) ‘vettura ta’ interess storiku’ tfisser kwalunkwe vettura li *tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:***

**(7) ‘vettura ta’ interess storiku’ tfisser kwalunkwe vettura *li kienet manifatturata jew reġistrata għall-ewwel darba mill-inqas 30 sena ilu, u li titqies bħala storika mill-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-vetturi fl-Istati Membri.***

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni tal-Kummissjoni ta' vettura ta' interess storiku hi dettaljata bla bżonn u, kieku, twassal biex ħafna vetturi jiġu inklużi b'mod mhux xieraq fl-ambitu tar-Regolament. Rekwiżit li sempliċiment jispeċifika l-età, b'kull speċifikazzjoni ulterjuri mħollija f'idejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri, jipprovdi biżżejjed flessibilità u jkun konformi mal-prassi attwali.*

#### **Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7 – inċiż 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**– Kienet manifatturata tal-inqas 30 sena ilu,**

**imħassar**

**Emenda 26**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7 – inċiż 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– *Tinżamm permezz tal-użu ta' partijiet ta' bdil li jirriproduċu l-komponenti storiċi tal-vettura;*

*imħassar*

**Emenda 27**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7 – inċiż 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– *Ma ġarrbet ebda tibdil fil-karatteristiċi tekniċi tal-komponenti prinċipali tagħha bħall-magna, il-brejkijiet, l-istering jew is-suspenxin u*

*imħassar*

**Emenda 28**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7 – inċiż 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– *Ma nbidlitx fid-dehra tagħha;*

*imħassar*

**Emenda 29**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(9) 'test tal-affidabilità stradali' tfisser *verifika li l-partijiet u l-komponenti ta' vettura huma konformi mal-karatteristiċi ta' sikurezza u dawk ambjentali fis-seħħ fiż-żmien tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew dħul fis-servizz, kif ukoll fiż-żmien tal-modifiki li jkunu saru wara;*

(9) 'test tal-affidabilità stradali' tfisser *ispezzjoni, bi qbil mal-Anness II u l-Anness III ta' dan ir-Regolament, biex jiġi żgurat li vettura ma tkunx perikoluża biex tintuża fit-toroq pubbliċi u tikkonforma mal-karatteristiċi ambjentali rikjesti;*

## Ġustifikazzjoni

*Id-definizzjoni tal-Kummissjoni toħloq inċertezza legali peress li terġa' tiddikjara – f'definizzjoni ġenerali – ir-rekwiżit li t-testijiet isiru skont kriterji relatati mal-approvazzjoni tat-tip b'mod ġenerali, waqt li l-kriterji għall-approvazzjoni tat-tip rilevanti (għall-finijiet tal-ittestjar tas-sikurezza u l-emissjonijiet) huma diġà speċifikati fl-Annessi għal dan ir-Regolament. Mingħajr din l-Emenda, kwalunkwe komponent ta' vettura li t-tip tiegħu jkun ġie approvat jista' jintgħażel għall-ittestjar tas-sikurezza, u, bħala riżultat, jista' jkun li vetturi ma jgħaddux mit-test bla raġuni.*

### Emenda 30

#### Proposta għal regolament

##### Artikolu 4 – paragrafu 1

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-vetturi bil-mutur u t-trejlars tagħhom għandhom jiġu ttestjati perjodikament skont **dan ir-Regolament** fl-Istati Membri fejn huma rreġistrati.

###### *Emenda*

1. Il-vetturi bil-mutur u t-trejlars tagħhom għandhom jiġu ttestjati perjodikament skont **din id-Direttiva** fl-Istati Membri fejn huma rreġistrati.

## Ġustifikazzjoni

*Regolament ikun it-tip ħażin ta' att ġuridiku għal dan l-iskop. L-iskop ta' dan l-att, speċifikament il-minimizzazzjoni tal-għadd ta' inċidenti stradali permezz ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, jista' jinkiseb ukoll permezz ta' strument ġuridiku li jolqot lid-dritt nazzjonali b'mod anqas radikal. L-ipoteżi li l-proposta hi bbażata fuqha għandha validità dubjuża. Peress li d-dubji ta' madwarha ma jistgħux jiġu eliminati, direttiva tkun preferibbli bħala strument aktar proporzjonat.*

### Emenda 31

#### Proposta għal regolament

##### Artikolu 4 – paragrafu 3

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jipprovdu liċ-ċentri tal-ittestjar **jew, meta jkun** rilevanti, **lill-awtorità** kompetenti, l-aċċess għall-informazzjoni teknika meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabilità stradali, kif stipulat fl-Anness I. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri dwar l-aċċess għall-informazzjoni teknika stipulati fl-

###### *Emenda*

3. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jipprovdu liċ-ċentri tal-ittestjar, **lill-manifatturi tat-tagħmir għall-ittestjar, u, fejn ikun** rilevanti, **lill-awtoritajiet** kompetenti **u lill-operaturi indipendenti li jiżguraw it-tiswija, is-service u l-manutenzjoni tal-vetturi**, l-aċċess għall-informazzjoni teknika meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabilità stradali, kif stipulat

Anness I skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

fl-Anness I. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri dwar l-aċċess għall-informazzjoni teknika stipulati fl-Anness I skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

## **Emenda 32**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**– Vetturi tal-kategoriji L1e, L2e, L3e, L4e, L5e, L6e u L7e: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad wara sentejn u mbagħad kull sena;**

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*Bi qbil mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, għandha titħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri jekk jestendux it-testijiet tal-affidabilità stradali għall-vetturi bil-mutur li jkollhom żewġ roti jew tlieta. Barra minn hekk, l-istatistika tal-UE dwar l-inċidenti għall-vetturi b'żewġ roti jew tlieta ma tikkorrelax ma' studji preċedenti.*

## **Emenda 33**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**– Vetturi tal-kategoriji M1, N1 u O2: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad wara sentejn u mbagħad kull sena;**

**– Vetturi tal-kategoriji M1, N1 u O2: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad mhux aktar minn kull sentejn;**

## **Emenda 34**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 3**



*Test propost mill-Kummissjoni*

– Vetturi tal-kategorija M1 irreġistrati bħala *taksis* jew ambulanzi, vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2, N3, T5, O3 u O4: ***sena*** wara d-data li fiha l-vettura kienet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad ***kull sena***.

*Emenda*

– Vetturi tal-kategorija M1 irreġistrati bħala *taxis* jew ambulanzi, vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2, N3, T5, O3 u O4: ***sentejn*** wara d-data li fiha l-vettura ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad ***mhux aktar minn kull sentejn***;

*Ġustifikazzjoni*

*Id-difetti tekniċi jiġu skoperti biss jekk it-testijiet isiru aktar bir-reqqa: jekk it-testijiet jitwettqu biss b'mod superfiċjali, żieda fil-frekwenza tagħhom tkun għal xejn. Żieda fl-għadd ta' testijiet mhi se tipproduċi ebda titjib perċipibbli.*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***2. Fil-każ fejn vettura tal-kategoriji M1 jew N1 tilħaq kilometraġġ ta' 160 000 km mal-ewwel test tal-affidabilità stradali wara l-ewwel reġistrazzjoni tal-vetturi, għandha tkun suġġetta għal test tal-affidabilità stradali kull sena wara l-ewwel test.***

*Emenda*

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*Hu dubjuż jekk teżistix xi rabta bejn il-kilometraġġ jew l-età ta' vettura u nuqqas ta' affidabilità stradali. Il-vetturi aktar antiki mhumiex involuti f'inċidenti b'rata aktar frekwenti milli jkunu l-ġodda.*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**4. Irrispettivament mid-data tal-aħħar test tal-affidabilità stradali, l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ li vettura tkun**

*Emenda*

**4. Irrispettivament mid-data tal-aħħar test tal-affidabilità stradali, l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ li vettura tkun**

suġġetta għal test tal-affidabilità stradali jew ittestjar addizzjonali qabel id-data msemmija fil-paragrafi 1 u 2, fil-każijiet li ġejjin:

wara inċident fejn issir ħsara serja għall-komponenti prinċipali relatati mas-sikurezza tal-vettura bħar-roti, is-suspenxin, iż-żoni ta' deformazzjoni, l-istering jew il-brejkijiet,

fejn is-sistemi u l-komponenti ta' sikurezza u dawk ambjentali jkunu ġew mibdula jew immodifikati,

***f'każ li jinbidel id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura.***

suġġetta għal test tal-affidabilità stradali jew ittestjar addizzjonali qabel id-data msemmija fil-paragrafi 1 u 2, fil-każijiet li ġejjin:

wara inċident fejn issir ħsara serja għall-komponenti prinċipali relatati mas-sikurezza tal-vettura bħar-roti, is-suspenxin, iż-żoni ta' deformazzjoni, l-istering jew il-brejkijiet,

fejn is-sistemi u l-komponenti ta' sikurezza u dawk ambjentali jkunu ġew mibdula jew immodifikati,

### *Ġustifikazzjoni*

*Din il-proposta leġiżlattiva tiffoka fuq it-titjib tat-testijiet tal-affidabilità stradali. Mhux ċar għalfejn għandhom jinqalgħu suspetti f'daqqa dwar l-affidabilità stradali ta' vettura sempliċiment għax jinbidel id-detentur tal-vettura.*

## **Emenda 37**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***b'segwitu għal spezzjoni tul it-triq;***

## **Emenda 38**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti li wettqet it-test tal-affidabilità stradali għandhom joħorġu ċertifikat ***elettroniku*** tal-affidabilità stradali lil dik il-vettura li *fiha*, tal-inqas, l-elementi kollha stipulati fl-Anness IV.

1. Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti li wettqet it-test tal-affidabilità stradali għandhom joħorġu ċertifikat tal-affidabilità stradali lil dik il-vettura, ***li għandu jkun disponibbli wkoll f'format elettroniku*** li *jkun fih*, tal-inqas, l-elementi kollha stipulati fl-

**Emenda 39**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, fejn ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti, *għandha ttipprovdi* ċertifikat tal-affidabilità stradali *jew, fil-każ ta' ċertifikat tal-affidabilità stradali stabbilit elettronikament, karta stampata ċertifikata kif xieraq ta' dan iċ-ċertifikat*, lill-persuna li tkun qed tippreżenta lill-vettura għat-test.

*Emenda*

2. Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, fejn ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti, ***malli t-test ikun tlesta b'mod sodisfaċenti, għandu jipprovdi*** ċertifikat tal-affidabilità stradali lill-persuna li tkun qed tippreżenta lill-vettura għat-test, ***jew meta ċ-ċertifikat ikun f'format elettroniku, għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni verżjoni stampata tar-riżultati tat-test.***

**Emenda 40**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2 a. Meta jirċievu applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vettura, u l-vettura tkun toriġina minn Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni għandhom jirrikonoxxu ċ-ċertifikat ta' affidabilità stradali tal-vettura, ladarba l-validità tiegħu tkun ġiet ivverifikata fil-mument tar-reġistrazzjoni mill-ġdid. Ir-rikonoxximent għandu jingħata għall-istess perjodu bħal dak tal-validità oriġinali taċ-ċertifikat, ħliet fejn il-perjodu ta' validità oriġinali taċ-ċertifikat jestendi oltre t-tul legali massimu fl-Istat Membru fejn il-vettura tkun qed tiġi rreġistrata mill-ġdid. F'dak il-każ, il-validità għandha tiġi allinjata 'l isfel, u kkalkulata mid-data meta l-vettura tkun rċeviet iċ-ċertifikat ta' affidabilità stradali oriġinali. Qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lil xulxin il-***

*format taċ-ċertifikat ta' affidabilità  
stradali rikonoxxut mill-awtoritajiet  
kompetenti rispettivi tagħhom, kif ukoll l-  
istruzzjonijiet dwar kif għandha tiġi  
vverifikata l-awtentiċità.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi ffaċilitata r-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-vetturi motorizzati fl-Unjoni kollha, din l-emenda qed tintroduċi sistema għar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati ta' affidabilità stradali bejn l-Istati Membri, b'seħħ mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

#### **Emenda 41**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' **dan ir-Regolament** u tal-inqas sa 3 snin wara, iċ-ċentri tal-ittejtjar għandhom jikkomunikaw b'mod elettroniku, lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali li jqassmu. Din il-komunikazzjoni għandha sseħħ fi żmien raġonevoli wara l-ħruġ taċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali. Sa din id-data, iċ-ċentri tal-ittejtjar jistgħu jikkomunikaw din l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti bi kwalukwe mezz ieħor. L-awtorità kompetenti għandha żżomm din l-informazzjoni għal 36 xahar mid-data tal-wasla tagħha.

###### *Emenda*

3. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' **din id-Direttiva** u tal-inqas sa 3 snin wara, iċ-ċentri tal-ittejtjar għandhom jikkomunikaw b'mod elettroniku, lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali li jqassmu. Din il-komunikazzjoni għandha sseħħ fi żmien raġonevoli wara l-ħruġ taċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali. Sa din id-data, iċ-ċentri tal-ittejtjar jistgħu jikkomunikaw din l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti bi kwalukwe mezz ieħor. L-awtorità kompetenti għandha żżomm din l-informazzjoni **f'bażi tad-dejta ċentralizzata** għal 36 xahar mid-data tal-wasla tagħha.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda maħsuba biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni li se jippermetti l-iżvilupp tal-Pjattaforma Elettronika għall-Infurmazzjoni dwar il-Vetturi.*

#### **Emenda 42**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 8 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Ir-riżultati tat-test tal-affidabilità stradali għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Din in-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali.

**Emenda 43**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-ispetturi impjegati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew minn ċentru tal-ittestjar fid-data tal-applikazzjoni ta' **dan ir-Regolament** għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fl-Anness VI, il-punt 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu ċertifikat ta' ekwivalenza lil dawn l-ispetturi.

*Emenda*

5. Ir-riżultati tat-test tal-affidabilità stradali għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-vettura **mingħajr dewmien**. Din in-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali.

*Emenda*

3. L-ispetturi impjegati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew minn ċentru tal-ittestjar fid-data tal-applikazzjoni ta' **din id-Direttiva** għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fl-Anness VI, il-punt 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu ċertifikat ta' ekwivalenza lil dawn l-ispetturi.

*Ġustifikazzjoni*

*Regolament ikun it-tip ħażin ta' att ġuridiku għal dan l-iskop. L-iskop ta' dan l-att, speċifikament il-minimizzazzjoni tal-għadd ta' inċidenti stradali permezz ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, jista' jinkiseb ukoll permezz ta' strument ġuridiku li jolqot lid-dritt nazzjonali b'mod anqas radikali. L-ipoteżi li l-proposta hi bbażata fuqha għandha validità dubjuża. Peress li d-dubji ta' madwarha ma jistgħux jiġu eliminati, direttiva tkun preferibbli bħala strument aktar proporzjonat.*

**Emenda 44**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' **dan ir-**

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' **din id-**

## **Regolament.**

## **Direttiva.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Terminoloġija konformi ma' Direttiva.*

## **Emenda 45**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 14 – paragrafu 2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' ***dan ir-Regolament***] u jinfurmawha bla dewmien meta jkun hemm xi tibdil. Il-Kummissjoni għandha tfassal lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali kollha, u tibgħatha lill-Istati Membri.

##### *Emenda*

2. stati Membri għandhom jagħtu l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' ***din id-Direttiva***] u jinfurmawha bla dewmien meta jkun hemm xi tibdil. Il-Kummissjoni għandha tfassal lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali kollha, u tibgħatha lill-Istati Membri.

### *Ġustifikazzjoni*

*Terminoloġija konformi ma' Direttiva.*

## **Emenda 46**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 15 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha ***teżamina l-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-istabbiliment ta' pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi bil-ħsieb li tiskambja informazzjoni dwar dejta relatata mal-ittestjar tal-affidabilità stradali*** bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-ittestjar, ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tal-vetturi, iċ-ċentri tal-ittestjar u l-manifatturi tal-vettura.

##### *Emenda*

1. ***B'segwitu għal analiżi dettaljata tal-ispejjeż u l-benefiċċji, inkluża valutazzjoni tat-titjib fis-sikurezza tal-vetturi u l-ittestjar tal-vetturi, u biss jekk ir-riżultat tal-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji jkun pożittiv, il-Kummissjoni għandha tipproponi pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi biex tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni rigward ir-riżultati tat-testijiet tal-affidabilità stradali, il-qari tal-odometri u***

*l-informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-vettura, bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-ittestjar, ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tal-vetturi, iċ-ċentri tal-ittestjar u l-manifatturi tal-vettura, il-manifatturi tat-tagħmir għat-testijiet u għall-kejl, u l-operaturi indipendenti l-oħra.*

#### **Emenda 47**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 15 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**2. Hija għandha, abbażi ta' dik l-eżaminazzjoni,** tippreżenta u tevalwa għażliet differenti ta' politika, inkluża l-possibbiltà li tneħħi r-rekwiżit ta' prova tat-test kif previst fl-Artikolu 10. Fi żmien sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' **dan ir-Regolament,** il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-eżaminazzjoni, u takkumpanjah bi proposta leġiżlattiva, jekk dan ikun xieraq.

*Emenda*

**2. Jekk l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tkun inkonklużiva jew negattiva, il-Kummissjoni għandha madankollu teżamina l-fattibilità u, jekk ikun xieraq, tipproponi metodu li jiffaċilita t-tali aċċess għad-data u l-informazzjoni u għandha** tippreżenta u tevalwa għażliet differenti ta' politika, inkluża l-possibbiltà li tneħħi r-rekwiżit ta' prova tat-test kif previst fl-Artikolu 10.

#### **Emenda 48**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**2a. Fiż-żewġ każijiet, il-Kummissjoni għandha tqis is-soluzzjonijiet informatiċi eżistenti u l-pjattaformi elettroniki fir-rigward tad-data u l-informazzjoni disponibbli pubblikament.**

*Emenda*

**2a. Fiż-żewġ każijiet, il-Kummissjoni għandha tqis is-soluzzjonijiet informatiċi eżistenti u l-pjattaformi elettroniki fir-rigward tad-data u l-informazzjoni disponibbli pubblikament.**

#### **Emenda 49**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 15 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2b. Fi żmien sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u takkumpanjah bi proposta leġiżlattiva, jekk dan ikun xieraq.*

**Emenda 50**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 18a**

**Rapportar**

*Sa [ħames snin mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-effikaċja tad-dispożizzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni, il-frekwenza tat-testijiet u l-implimentazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati ta' affidabilità stradali. Ir-rapport għandu janalizza wkoll jekk hemmx il-ħtieġa li l-Annessi għal din id-Direttiva jiġu aġġornati fid-dawl tal-progress tekniku u l-prattika. Dan ir-Rapport għandu jiressaq wara li jkun ġie kkonsultat il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 16, u għandu jkun akkumpanjat, fejn ikun xieraq, bi proposti leġiżlattivi.*

**Emenda 51**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2**



*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 17 għandha tiġi kkonferita għal perjodu indeterminat ta' żmien minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

*Emenda*

**2. *Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati*** msemija fl-Artikolu 17 ***hija mogħtija lill-Kummissjoni*** għal perjodu ta' ***ħames snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

*Ġustifikazzjoni*

*Perjodu temporanju għad-delega ta' setgħa ikun aktar xieraq. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward il-mod kif ikunu qed jaħdmu l-atti delegati.*

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' ***dan ir-Regolament*** u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-penalitajiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.

*Emenda*

1. stati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' ***din id-Direttiva*** u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-penalitajiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.

*Ġustifikazzjoni*

*Terminoloġija konformi ma' Direttiva.*

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-manipulazzjoni jew it-tbagħbis ta' odometru jitqies bħala offiża u jkun ikkastigat minn penalitajiet effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.

*Emenda*

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-manipulazzjoni jew it-tbagħbis ta' odometru jitqies bħala offiża u jkun ikkastigat minn penalitajiet effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji, ***ħliet għall-aġġustamenti 'il fuq għall-qari tal-odometru awtorizzati minn ċentru tat-testijiet jew awtorità kompetenti għall-korrezzjoni ta' tbagħbis illegali preċedenti.***

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tiżgura li meta l-qari tal-odometru jkun tbagħbas illegalment, dan jista' jiġi aġġustat 'il fuq b'mod konformi mal-liġi miċ-ċentri tat-testijiet jew l-awtoritajiet kompetenti biex jiżguraw li l-vetturi kkonċernati ma jiġux effettivament iddikjarati għar-rimi u jkun jistgħu jgħaddu minn testijiet PTI tal-affidabilità stradali fil-ġejjieni.*

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa [sena mid-data ta' applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***] l-aktar tard u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Emenda*

3. stati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa [sena mid-data ta' applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva***] l-aktar tard u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Ġustifikazzjoni*

*Terminoloġija konformi ma' Direttiva.*

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittestjar imsemmi fl-Artikolu 11 li ma jikkonformax mar-rekwiżiti minimi stipulati fl-Anness V fi [sena mid-data ta' applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***] jistgħu jintużaw għat-twettiq ta' testijiet tal-affidabilità stradali għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin wara dik id-data.

*Emenda*

1. Il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittestjar imsemmi fl-Artikolu 11 li ma jikkonformax mar-rekwiżiti minimi stipulati fl-Anness V fi [sena mid-data ta' applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva***] jistgħu jintużaw għat-twettiq ta' testijiet tal-affidabilità stradali għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin wara dik id-data.

*Ġustifikazzjoni*

*Terminoloġija konformi ma' Direttiva.*

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness VII mhux aktar tard mill-ħames sena wara d-data tal-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***.

*Emenda*

2. stati Membri għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness VII mhux aktar tard mill-ħames sena wara d-data tal-applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva***.

*Ġustifikazzjoni*

*Terminoloġija konformi ma' Direttiva.*

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Id-Direttiva 2009/40/KE u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/378/UE huma revokati b'effett minn [id-data ta' applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***].

*Emenda*

Id-Direttiva 2009/40/KE u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/378/UE huma revokati b'effett minn [id-data ta' applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva***].

**Emenda 58**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Ir-Regolament għandu jidħol*** fis-seħħ fl-  
għoxrin ġurnata wara dik tal-  
pubblikazzjoni ***tiegħu*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali  
tal-Unjoni Ewropea.

*Emenda*

***Id-Direttiva għandha tidħol*** fis-seħħ fl-  
għoxrin ġurnata wara dik tal-  
pubblikazzjoni ***tagħha*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali  
tal-Unjoni Ewropea.

**Emenda 59**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Huwa għandu japplika minn [***12-il xahar***  
wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].

*Emenda*

Huwa għandu japplika minn [***24 xahar***  
wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].

**Emenda 60**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Dan ir-Regolament għandu jorbot*** fl-  
intier ***tiegħu*** u ***japplika*** direttament fl-Istati  
Membri kollha.

*Emenda*

***Din id-Direttiva għandha torbot*** fl-intier  
***tagħha*** u ***tapplika*** direttament fl-Istati  
Membri kollha.

**Emenda 61**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness 2 – parti 1 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***F'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, fejn id-  
disinn ta' vettura speċifika ma jkunx  
kompatibbli mal-applikazzjoni tal-metodi  
ta' ttestjar stipulati f'dan l-Anness, it-test  
għandu jitwettaq bi qbil mal-metodi ta'  
ttestjar alternattivi speċifiċi***

***rrakkomandati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Kwalunkwe metodu ta' ttestjar li jintuża u li ma jkunx speċifikat f'dan l-Anness irid ikun ġie approvat bil-miktub mill-awtorità kompetenti xierqa.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-ittestjar ta' ċerti vetturi, b'hal tratturi veloċi u vetturi b'elementi attakkati, jista' jkun diffiċli minħabba l-karatteristiċi tad-disinn tagħhom jew għax iċ-ċentri tat-testijiet tant ikunu mbegħdin li l-ispejjeż biex jiġi mmodernizzat it-tagħmir biex jiġu akkommodati vetturi li rarament jidhru jkunu sproporzjonati. Għaldaqstant, hemm bżonn li jkun hemm disponibbli metodi ta' ttestjar alternattivi u mhux standard li madankollu jkunu ġew approvati b'mod ċar mill-awtorità kompetenti xierqa.*

#### **Emenda 62** **Proposta għal regolament** **Anness II – punt 4.1.2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

4.1.2 Allinjament	Stabbilixxi l-mira orizzontali ta' kull fanal ta' quddiem fuq dawl baxx billi tuża strument <b><i>jew skrin</i></b> biex timmira l-fanal ta' quddiem.	Il-mira ta' fanal ta' quddiem mhix fil-limiti stipulati fir-rekwiżiti.
-------------------	---	--

##### *Emenda mill-Parlament*

4.1.2 Allinjament	Stabbilixxi l-mira orizzontali <b><i>u vertikali</i></b> ta' kull fanal ta' quddiem fuq dawl baxx billi tuża strument biex timmira l-fanal ta' quddiem <b><i>u apparat ta' kontroll elettroniku biex tikkontrolla l-funzjonalità dinamika, fejn tkun applikabbli.</i></b>	Il-mira ta' fanal ta' quddiem mhix fil-limiti stipulati fir-rekwiżiti.
-------------------	---	--

***Iċċekkja l-  
funzjonament u l-  
allinjament tal-  
fanali ta'  
quddiem  
ikkontrollati  
b'sistema  
dinamika.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kejl vertikali hu l-kriterju ta' allinjament l-aktar kruċjali u għaldaqstant għandu jiġi inkluż.*

*Sabiex jiġu żgurati allinjament preċiż tal-fanali ta' quddiem u aġġustament preċiż tat-tul fokali, hemm bżonn ta' apparat għall-mira tal-fanali ta' quddiem, speċjalment għad-dawl bi skariku ta' intensità għolja u għas-sistemi b'kontroll dinamiku. Dawn ma jistgħux jinkisbu b'mod xieraq sempliċiment bl-użu ta' skrin ta' mmirar. Għas-sistemi ta' fanali ta' quddiem b'dawl bi skariku ta' intensità għolja kontrollati dinamikament, għandhom jintużaw apparat ta' kontroll elettroniku, flimkien ma' apparat xieraq għall-allinjament tal-fanali ta' quddiem.*

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament  
Anness II – punt 4.1.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4.1.3 Aktivazzjoni	Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom.	(a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti (Għadd ta' fanali jixgħelu fl-istess ħin)  (b) Funzjoni tal-apparat ta' kontroll bil-ħsara.
--------------------	---------------------------------------	--

*Emenda mill-Parlament*

4.1.3 Aktivazzjoni	Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom <b><i>bl-użu ta' apparat ta' kontroll elettroniku fejn ikun meħtieġ.</i></b>	(a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti (Għadd ta' fanali jixgħelu fl-istess ħin)  (b) Funzjoni tal-apparat ta' kontroll bil-ħsara.
--------------------	---	--

### *Ġustifikazzjoni*

*Biex l-attivazzjoni tal-kontroll awtomatiku tal-fanali ta' quddiem (eż. high beam assist) tiġi ttestjata b'mod xieraq, it-test għandu jitwettaq permezz ta' apparat ta' kontroll elettroniku għall-verifika tal-funzjonalità korretta.*

#### **Emenda 64** **Proposta għal regolament** **Anness II – punt 4.1.5**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

4.1.5. Apparati ta' livellar (fejn obbligatorju)	Spezzjoni viżwali u, <b>jekk possibbli</b> , billi tħaddimhom.	(a) L-apparat ma jaħdimx. (b) L-apparat manwali ma jistax jitħaddem mis-sit tax-xufier.
--	--	--

##### *Emenda mill-Parlament*

4.1.5. Apparati ta' livellar (fejn obbligatorju)	Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom <b>bl-użu ta' apparat ta' kontroll elettroniku fejn ikun meħtieġ.</b>	(a) L-apparat ma jaħdimx. (b) L-apparat manwali ma jistax jitħaddem mis-sit tax-xufier.
--	--	--

### *Ġustifikazzjoni*

*Biex il-funzjonament tal-apparat għal-livellar awtomatiku tal-fanali ta' quddiem jiġi ttestjat b'mod xieraq, it-test għandu jitwettaq permezz ta' apparat ta' kontroll elettroniku għall-verifika tal-funzjonalità korretta tal-apparat għal-livellar.*

#### **Emenda 65** **Proposta għal regolament** **Anness II – punt 4.3.2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

4.3.2. Attivazzjoni	Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom.	a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti b) Funzjoni tal-apparat ta' kontroll bil-ħsara.
---------------------	---------------------------------------	--

*Emenda mill-Parlament*

4.3.2. **Fanali ta' waqfien** - attivazzjoni **tad-dawl tal-brejkijiet ta' emerġenza**

Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom **billi tuża apparat ta' kontroll elettroniku għal varjazzjoni tal-valur ta' input mis-sensor tal-pedala tal-brejkijiet u vverifika minn osservazzjoni l-funzjonalità tad-dawl tal-brejkijiet ta' emerġenza**

- a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti.
- b) Funzjoni tal-apparat ta' kontroll bil-ħsara.
- (c) **Il-funzjonijiet tad-dawl tal-brejkijiet ta' emerġenza ma jaħdmux jew ma jaħdmux sew.**

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jintuża apparat ta' kontroll elettroniku għall-ġenerazzjoni tas-sinjali ta' input mis-sensor tal-pedala tal-brejkijiet għall-verifika tal-funzjonalità korretta tal-funzjoni tad-dawl tal-brejkijiet ta' emerġenza (inkluża l-attwazzjoni tal-hazards awtomatiċi), li tista' mbagħad tiġi vverifikata b'osservazzjoni diretta.*

**Emenda 66**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness II – punt 4.5.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4.5.2 Allinjament  
(X)(2)

billi tħaddimhom u billi tuża apparat għall-immirar tal-fanali ta' quddiem.

Il-fanal kontra ċ-ċpar ta' quddiem jinsab barra l-allinjament orizzontali meta *fid-disinn* tad-dawl ikun hemm linja ta' qtugħ.

*Emenda mill-Parlament*

4.5.2 Allinjament  
(X)(2)

billi tħaddimhom u billi tuża apparat għall-immirar tal-fanali ta' quddiem.

Il-fanal kontra ċ-ċpar ta' quddiem jinsab barra l-allinjament orizzontali **u vertikali** meta *fil-faxx* tad-dawl ikun hemm linja ta'



qtuġh.

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-kejl vertikali hu l-kriterju ta' allinjament l-aktar kruċjali u għaldaqstant għandu jiġi inkluż.*

#### **Emenda 67** **Proposta għal regolament** **Anness II – punt 5.3.2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

5.3.2. Assorbituri tal-iskossi	Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq fossa jew fuq parank jew billi tuża tagħmir speċjali, <b>jekk ikun disponibbli.</b>	(a) L-assorbituri tal-iskossi mhumiex imqabbdin sew max-xażi jew mal-fus.  (b) Assorbitur tal-iskossi bil-ħsara li juri sinjali ta' tnixxija jew funzjonament ħażin severi.
--------------------------------	---	---

##### *Emenda mill-Parlament*

5.3.2. Assorbituri tal-iskossi	Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq fossa jew fuq parank billi tuża tagħmir speċjali.	(a) L-assorbituri tal-iskossi mhumiex imqabbdin sew max-xażi jew mal-fus.  (b) Assorbitur tal-iskossi bil-ħsara li juri sinjali ta' tnixxija jew funzjonament ħażin severi.
--------------------------------	---	---

### *Ġustifikazzjoni*

*L-effiċjenza tat-tmewwit tas-sistema ta' sospensjoni tal-vettura ma tistax tiġi vvalutata b'mod oġġettiv ħlief permezz tal-użu ta' magna li tittestja t-tmewwit tal-iskossi. Għas-sistemi ta' sospensjoni ta' vettura kkontrollati elettronikament, għandu jintuża apparat b'kontroll elettroniku biex tiġi kkontrollata s-sistema ta' sospensjoni tal-vettura waqt li simultanjament jittieħed kejl permezz ta' magna li tittestja t-tmewwit tal-iskossi għall-valutazzjoni ta' funzjonalità korretta tas-sistema. Qed jiġi propost li differenza ta' 30 % bejn in-naħa tax-xellug u dik tal-lemin tal-istess fuq tirrappreżenta kriterju Prattiku u realistiku biex il-vettura tgħaddi mit-test jew le.*

**Emenda 68**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness II – punt 5.3.2.1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5.3.2.1. Testjar tal-effiċjenza tat-tmewwit tal-iskossi

Uża **tagħmir speċjali** u qabbel id-differenzi bejn ix-xellug u l-lemin u/jew **il-valuri assoluti mogħtija mill-manifatturi**.

(a) Differenza sinifikanti bejn ix-xellug u l-lemin.

**b) il-valuri minimi mogħtija ma ntlaħqux.**

*Emenda mill-Parlament*

5.3.2.1. Testjar tal-effiċjenza tat-tmewwit tal-iskossi

Uża **magna li tittesja t-tmewwit tal-iskossi** u qabbel id-differenzi bejn ix-xellug u l-lemin u **l-valuri tal-proporzjon tat-tmewwit tal-iskossi tal-manifatturi ta' vetturi jekk daww il-valuri jaqbżu l-valur ta' limitu ġenerali għall-proporzjon tat-tmewwit tal-iskossi ta' 0,1.**

(a) Differenza sinifikanti bejn ix-xellug u l-lemin.

**(b) Il-valuri tal-proporzjon tat-tmewwit tal-iskossi ma ntlaħqux.**

**(c) Żbilanċ tal-valuri mkejla bejn in-naħat tax-xellug u tal-lemin tal-istess fuq ta' aktar minn 30 %.**

*Ġustifikazzjoni*

*L-effiċjenza tat-tmewwit tas-sistema ta' sospensjoni tal-vettura ma tistax tiġi vvalutata b'mod oġġettiv ħliet permezz tal-użu ta' magna li tittesja t-tmewwit tal-iskossi. Għas-sistemi ta' sospensjoni ta' vettura kkontrollati elettronikament, għandu jintuża apparat b'kontroll elettroniku biex tiġi kkontrollata s-sistema ta' sospensjoni tal-vettura waqt li simultanjament jittieħed kejl permezz ta' magna li tittesja t-tmewwit tal-iskossi għall-valutazzjoni ta' funzjonalità korretta tas-sistema.*

*Qed jiġi propost li differenza ta' 30 % bejn in-naħa tax-xellug u dik tal-lemin tal-istess fuq tirrappreżenta kriterji prattiċi u realistiċi biex il-vettura tgħaddi mit-test jew le.*

**Emenda 69**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness II – punt 8.2.2.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

8.2.2.2 Opaċità Vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dan ir-rekwiżit.

(a) L-opaċità tal-gass tal-egżost għandha tiġi mkejla waqt aċċellerazzjoni ħielsa (*mingħajr tagħbija minn spid mingħajr ingranaġġ sa dak tal-qtugħ*) bil-ger fil-pożizzjoni newtrali u l-klaċċ magħfus.

(b) Il-prekondizzjonament tal-vettura:

1. Il-vetturi jistgħu jiġu ttestjati mingħajr prekondizzjonament għalkemm għal raġunijiet ta' sikurezza, għandhom isiru kontrolli li l-magna tkun sħuna u f'kundizzjoni mekkanika sodisfaċenti.

2. Ir-rekwiżiti tal-prekondizzjoni:

(i) Il-magna trid tkun sħuna għalkollox, pereżempju t-temperatura taż-żejt tal-magna mkejla b'sonda *mit-tubu tal-ħadid li timmarka l-livell* taż-żejt għandha tkun mill-inqas ta' 80 °C, jew it-temperatura normali ta' tħaddim f'każ li din tkun aktar baxxa, jew it-temperatura tal-blokka tal-magna mkejla permezz tal-livell ta' radjazzjoni infraħamra għandha tkun mill-inqas daqs temperatura ekwivalenti. Jekk, minħabba l-konfigurazzjoni tal-vettura,

(a) Għal vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti

l-opaċità tkun aktar mill-livell reġistrat fuq il-pjanċa li l-manifattur iwahħhal mal-vettura.

(b) Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza,

għal magni  
*b'respirazzjoni naturali:*  
2.5 m<sup>-1</sup> ,

għal magni bit-turbo:  
3.0 m<sup>-1</sup>,

jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti jew

jew irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti,

1.5 m<sup>-1.7</sup>

dan il-kejl ma jkunx prattiku, *il-mod kif* tiġi stabbilita t-temperatura normali ta' tħaddim tal-magna *jista' jsir b'mezzi oħra*, pereżempju bit-tħaddim tal-fann tat-tkessiħ tal-magna.

(ii) Is-sistema *tal-egżożt* għandha tiġi mnaddfa b'mill-inqas tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni jew b'metodu ekwivalenti.

(c) Il-proċedura tat-test:

1 Il-magna u kwalunkwe turboċarġer imwaħħal, ma għandhomx ikunu ingranati qabel il-bidu ta' kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa. Għall-vetturi diżil heavy-duty, dan ifisser stennija ta' mill-anqas 10 sekondi wara r-rilaxx tal-aċċelleratur.

2. Sabiex jinbeda kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-pedala tal-aċċelleratur trid tingħafas għalkollox, bil-ħeffa u b'mod kontinwu (f'inqas minn sekonda) iżda mhux bil-goff, sabiex tinkiseb il-kwantità massima ta' fjuwil mill-pompa tal-injezzjoni.

3. Matul kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-magna għandha tilħaq *l-ispid* tal-qtuġh jew, għall-vetturi bi trażmissjonijiet awtomatiċi, *l-ispid speċifikat* mill-manifattur jew, jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, allura *l-ispid ta' żewġ terzi tal-ispid* tal-qtuġh, qabel ma jiġi rilaxxat l-aċċelleratur. Dan jista' jiġi ċċekkjat, pereżempju, billi

*jiġi mmonitorjat l-ispid* tal-magna jew billi jitħalla jgħaddi biżżejjed ħin bejn l-għafis inizjali tal-aċċelleratur u r-rilaxx tiegħu, li fil-każ tal-vetturi tal-kategorija 1 u 2 tal-Anness 1, għandu jkun ta' mill-anqas żewġ sekondi.

4. Il-vetturi għandhom jiġu mwaħħla fit-testijiet fil-każ biss li l-medji aritmetiċi ta' mill-anqas l-aħħar tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jaqbżu l-valuri tal-limitu. Dan jista' jiġi kkalkulat billi jiġi injorat kull kejl li ma jaqbilx b'mod sinifikanti mal-medja mkejla, ***jew ir-riżultat ta' kwalunkwe kalkolu statistiku ieħor li jikkunsidra t-tifrix tal-kejljiet.*** L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-għadd taċ-ċikli tat-testijiet.

5. Sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jwaħħlu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm ogħla mill-valuri ta' limitu wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċ-ċikli tat-tnaddif. Daqstant ieħor, sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jgħaddu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm aktar baxxi mil-limiti wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċikli tat-tnaddif.

#### *Emenda mill-Parlament*

8.2.2.2 Opaċità Vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel l-

(a) L-opaċità tal-gass tal-egżost għandha tiġi mkejla waqt aċċellerazzjoni ħielsa

(a) Għal vetturi rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel

1 ta' Jannar 1980 huma  
eżentati minn dan ir-rekwiżit.

(*magna mhux ingranata, minn sempliċiment mixgħula sakemm tintlaħaq il-veloċità tal-qtugħ tal-fjuwil*) bil-ger fil-pożizzjoni newtrali u l-klaċċ magħfus. ***Dan it-test fil-pajp tal-egżost għandu dejjem ikun il-metodu impliċitu għall-valutazzjoni tal-emissjonijiet tal-egżost, anke jekk jiġi kkombinat mas-sistema djanjostika abbord.***

(b) Il-prekondizzjonament tal-vettura:

1. Il-vetturi jistgħu jiġu ttestjati mingħajr prekondizzjonament għalkemm għal raġunijiet ta' sikurezza, għandhom isiru kontrolli li l-magna tkun sħuna u f'kundizzjoni mekkanika sodisfaċenti.

2. Ir-rekwiżiti tal-prekondizzjonament:

(i) Il-magna trid tkun sħuna għalkollox, pereżempju t-temperatura taż-żejt tal-magna mkejla b'sonda *fit-tubu minn fejn jista' jitkejjel il-livell taż-żejt* għandha tkun mill-inqas ta' 80 °C, jew it-temperatura normali ta' tħaddim f'każ li din tkun aktar baxxa, jew it-temperatura tal-blokka tal-magna mkejla permezz tal-livell ta' radjazzjoni infraħamra għandha tkun mill-inqas daqs temperatura ekwivalenti. Jekk, minħabba l-konfigurazzjoni tal-vettura, dan il-kejl ma jkunx prattiku, *jistgħu jintużaw mezzi oħra*

darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti,

l-opaċità tkun aktar mil-livell reġistrat fuq il-pjanċa li l-manifattur iwaħħal mal-vettura.

(b) Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza,

għal magni *aspirati naturalment*: 2.5 m<sup>-1</sup> ,

għal magni bit-turbo: 3.0 m<sup>-1</sup>,

jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti jew

jew irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti,

1.5 m<sup>-1.7</sup>

*jew*

0.2<sup>m-1</sup>

*biex* tiġi stabbilita t-temperatura normali ta' tħaddim tal-magna, pereżempju bit-tħaddim tal-fann tat-tkessiġ tal-magna.

(ii) Is-sistema *tal-egżost* għandha tiġi mnaddfa b'mill-inqas tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni *ħielsa* jew b'metodu ekwivalenti.

(c) Il-proċedura tat-test:

1 Il-magna u kwalunkwe turboċarġer imwaħħal, ma għandhomx ikunu ingranati qabel il-bidu ta' kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni *ħielsa*. Għall-vetturi diżil heavy-duty, dan ifisser stennija ta' mill-anqas 10 sekondi wara r-rilaxx tal-aċċelleratur.

2. Sabiex jinbeda kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni *ħielsa*, il-pedala tal-aċċelleratur trid tingħafas għalkollox, bil-ħeffa u b'mod kontinwu (f'inqas minn sekonda) iżda mhux bil-goff, sabiex tinkiseb il-kwantità massima ta' fjuwil mill-pompa tal-injezzjoni.

3. Matul kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni *ħielsa*, il-magna għandha tilħaq *l-veloċità* tal-qtuġ tal-fjuwil jew, għall-vetturi bi trażmissjonijiet awtomatiċi, *il-veloċità speċifikata* mill-manifattur jew, jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, allura *l-veloċità ta' żewġ terzi tal-veloċità* tal-qtuġ tal-fjuwil, qabel ma jiġi rilaxxat l-aċċelleratur. Dan jista' jiġi ċċekkjat, pereżempju, billi *tiġi*

***Il-livell ta' NOx mhux skont ir-rekwiżiti.***

mmonitorjata l-veloċità tal-magna jew billi jitħalla jgħaddi biżżejjed ħin bejn l-għafis inizjali tal-aċċelleratur u r-rilaxx tiegħu, li fil-każ tal-vetturi tal-kategorija 1 u 2 tal-Anness 1, għandu jkun ta' mill-anqas żewġ sekondi.

4. Il-vetturi għandhom jiġu mwaħħla fit-testijiet fil-każ biss li l-medji aritmetiċi ta' mill-anqas l-aħħar tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jaqbżu l-valuri tal-limitu. Dan jista' jiġi kkalkulat billi jiġi injorat kull kejl li ma jaqbilx b' mod sinifikanti mal-medja mkejla, ***jew ir-riżultat ta' kwalunkwe kalkolu statistiku ieħor li jikkunsidra t-tifrix tal-kejljiet.*** L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-għadd ta' ċikli tat-testijiet.

5. Sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jwaħħlu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm ogħla mill-valuri ta' limitu wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċ-ċikli tat-tnaddif. Daqstant ieħor, sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jgħaddu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm aktar baxxi mil-limiti wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċikli tat-tnaddif. ***Il-kejl tal-livell ta' NOx u tal-materja partikulata bl-użu ta' tagħmir xieraq/strument li jkejjel id-duħħan mgħammar kif jixraq li jużaw il-metodu eżistenti***

***Il-valuri tal-materja partikulata mhux skont ir-rekwiżiti.***



**għall-ittestjar tal-  
aċċellerazzjoni ħielsa.**

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sistema djanjostika abbord mhix metodu garantit għall-valutazzjoni tal-emissjonijiet; għalhekk l-emissjonijiet iridu jiġu vverifikati billi jitkejjel l-emissjoni mill-pajp tal-egżost. L-NOx hu problema partikulari għall-vettur b'magna diesel, fejn livelli ta' duħħan baxxi normalment joħlqu livelli għolja ta' NOx. Għall-vetturi mġhammra f'filtru tal-materja partikolata mid-diesel, hu importanti li jitkejjel il-livell tal-materja partikolata u mhux il-valur ta' opaċità. Biex jiġi żgurat kejl armonizzat u preċiż, kemm it-temperatura tal-magna, kif ukoll il-veloċità tal-magna għandhom jitkejlu bi qbil mal-kundizzjonijiet ta' ttestjar tal-manifattur tal-vettura.*

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**

**Parti Teknika – Anness V – punt 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) *Apparat għall-ittestjar tal-effiċjenza tal-assorbitur tal-iskossi;*

*Emenda*

(10) *Magna li tittestja t-tmewwit tal-iskossi biex jitkejjel l-assorbiment tal-enerġija tal-oxxillazzjonijiet tas-suspensjoni tal-vettura biex tiġi vverifikata l-effiċjenza tal-komponenti tas-sistema ta' suspensjoni tal-vettura biex imewtu l-iskossi.*

*Ġustifikazzjoni*

*L-effiċjenza tat-tmewwit tal-iskossi tas-sistema ta' suspensjoni tal-vettura ma tistax tiġi vvalutata b'mod oġġettiv ħlief permezz tal-użu ta' magna li tittestja t-tmewwit tal-iskossi, waqt li jintużaw il-valuri tal-proporzjon tat-tmewwit tal-iskossi tal-manifatturi ta' vetturi jekk dawk il-valuri jaqsbu l-valur ta' limitu ġenerali għall-proporzjon tat-tmewwit tal-iskossi ta' 0,1.*

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	It-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom		
<b>Referenzi</b>	COM(2012)0380 – C7-0186/2012 – 2012/0184(COD)		
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 11.9.2012		
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 11.9.2012		
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Malcolm Harbour 18.9.2012		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	24.1.2013	21.3.2013	24.4.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.4.2013		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	28 7 0	



## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	It-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom			
<b>Referenzi</b>	COM(2012)0380 – C7-0186/2012 – 2012/0184(COD)			
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	10.7.2012			
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 11.9.2012			
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 11.9.2012	ITRE 11.9.2012	IMCO 11.9.2012	
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	ENVI 12.9.2012			
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Werner Kuhn 10.10.2012			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	18.12.2012	22.1.2013	19.3.2013	23.4.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	30.5.2013			
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	33 7 0		
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Magdi Cristiano Allam, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Erik Bánki, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cancian, Michael Cramer, Joseph Cuschieri, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Juozas Imbrasas, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Hubert Pirker, Dominique Riquet, Petri Sarvamaa, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Silvia-Adriana Țicău, Giommara Uggias, Peter van Dalen, Patricia van der Kammen, Dominique Vlasto, Artur Zasada, Roberts Zile			
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Isabelle Durant, Nathalie Griesbeck, Gilles Pargneaux, Sabine Wils, Janusz Władysław Zemke			
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	George Sabin Cutaș			
<b>Data tat-tressiq</b>	10.6.2013			